

Brussell, 19 ta' Mejju 2026  
(OR. en)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2026/0125 (NLE)

---

---

9355/26  
ADD 2

ECOFIN 620  
UEM 168  
FIN 692  
*ECB*  
*EIB*

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

|                   |  |
|-------------------|--|
| minn:             | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur  |
| data meta waslet: | 18 ta' Mejju 2026  |
| lil:              | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea   |
| Nru dok. Cion:    | COM(2026) 248 annex  |
| Suġġett:          | ANNESS<br>tal-<br>Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL<br>li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-<br>approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan ta' rkupru u reżiljenza għall-<br>Portugall |

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 248 annex.

---

Mehmuż: COM(2026) 248 annex



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 18.5.2026  
COM(2026) 248 final

ANNEX

**ANNEX**

*tal-*

**Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan ta' rkupru u reżiljenza għall-Portugall**

{SWD(2026) 132 final}

## L-ANNESS

### **SEZZJONI 1: RIFORMI U INVESTIMENTI SKONT IL-PJAN GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA**

#### **1. Deskrizzjoni tar-Riformi u l-Investimenti**

##### **A. IL-KOMPONENT 1: Servizz tas-Saħħa Nazzjonali**

Dan il-komponent tal-pjan Portugiż għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza diversi sfidi li s-sistema tas-saħħa Portugiża bħalissa qed tiffaċċja fir-rigward tal-ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa attwali u li qed jevolvu u l-kostijiet assoċjati. L-ewwel nett, ix-xejriet demografiċi negattivi tal-Portugall — ikkaratterizzati minn tixjiħ aċċellerat u ħtiġijiet sussegwenti ta' kura fit-tul — jikkoinċidu ma' xejriet ta' mard li qed jinbidlu, piż dejjem akbar ta' mard kroniku u deġenerattiv, kif ukoll multimorbożità li gradwalment qed issir aktar prominenti. It-tieni, għad hemm mortalità konsiderevoli li tista' tiġi evitata fil-Portugall u għadd relattivament baxx ta' snin ta' ħajja b'saħħitha fl-età ta' 65 sena. It-tielet, hemm lok disponibbli biex issir enfasi akbar fuq il-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard, flimkien mal-indirizzar tal-frammentazzjoni tas-servizzi tal-kura tas-saħħa u l-lakuni fl-aċċess għall-kura tas-saħħa. Ir-raba', il-pagamenti mill-but għall-kura tas-saħħa huma fost l-oġġla fl-UE u l-piż finanzjarju rrapportat tal-kura medika huwa relattivament għoli. Fl-aħħar nett, is-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa tal-Portugall ilu jiffaċċja sitwazzjoni finanzjarja diffiċli għal għadd ta' snin. B'mod partikolari, il-Portugall għandu rekord ta' salvataġġ rikorrenti ta' sptarijiet pubbliċi mill-gvern, li ma rnexxilux jevita ċiklu sistematiku ta' dejn tal-isptarijiet, b'effetti indiretti fuq ir-relazzjonijiet tal-katina tal-provvista.

L-objettiv ewlieni tal-komponent huwa li jsaħħaħ il-kapaċità ta' rispons tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa tal-Portugall, bil-ħsieb li jirrispondi għall-bidliet demografiċi u epidemjoloġiċi fil-pajjiż, għall-innovazzjoni terapewtika u teknoloġika, u għax-xejra ta' żieda fid-domanda għall-kura tas-saħħa u l-ispejjeż assoċjati. Għal dan l-għan, il-komponent għandu l-għan li jsaħħaħ ir-rwol ewlieni tas-servizzi tal-kura tas-saħħa primarja fi ħdan l-arkitettura ġenerali tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa, itejjeb is-servizzi tal-kura tas-saħħa fit-tul u mentali, u jżid l-effiċjenza billi jlesti r-riforma tal-mudell ta' governanza tal-isptarijiet pubbliċi u jmexxi 'l quddiem id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tal-kura tas-saħħa.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż dwar it-tiħiħ tal-kontroll ġenerali tan-nefqa, il-kosteffiċjenza u l-ibbaġitjar adegwat, b'enfasi fuq tnaqqis fit-tul tal-arretrati fl-isptarijiet (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2019), kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż dwar it-tiħiħ tar-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa u l-iżgurar ta' aċċess ugwali għal kura tas-saħħa u fit-tul ta' kwalità (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2020). Il-komponent jikkontribwixxi wkoll biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż biex l-investment jiġi ffukat fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### **A.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

#### **Ir-riforma RE-r01: Riforma tal-kura tas-saħħa primarja**

L-objettiv ġenerali tar-riforma huwa li jissaħħa ir-rwol ewlieni tas-servizzi tal-kura tas-saħħa primarja fir-rispons għall-ħtiġijiet tas-saħħa tal-popolazzjoni fi ħdan l-arkitettura ġenerali tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa. Għal dak l-għan, ir-riforma għandha l-għan li tindirizza sitt prijoritajiet: I) l-approfondiment tal-kapaċità għall-iskrinjar u d-dijanjożi bikrija, jiġifieri tal-patoloġiji l-aktar frekwenti; II) it-tiġid tal-kapaċità ta' rispons tal-kura primarja permezz tal-ħolqien ta' ċentri tas-saħħa aktar proattivi b'portafoll estiż ta' servizzi u oqsma ta' intervent, kif ukoll aktar integrati ma' livelli oħra ta' kura, u billi l-proċessi jiġu aġġustati għall-karatteristiċi individwali ta' kull utent u l-perkors tal-ħajja relatat, titnaqqas il-varjabbiltà għolja tal-prattiki kliniċi (inkluż f'termini ta' preskrizzjoni ta' medikazzjoni outpatient), jittejjeb ir-riferiment kliniku bejn livelli differenti ta' kura tas-saħħa, u jiġu mfittxija kisbiet fl-effiċjenza billi tiġi limitata d-duplikazzjoni tas-servizzi jew il-forniment ta' kura ineffettiva, inadegwata jew ta' valur baxx; il-korrezzjoni tal-asimetriji reġjonali u lokali f'termini ta' faċilitajiet u tagħmir disponibbli fis-servizzi tal-kura tas-saħħa primarja; IV) l-appoġġ għar-risponsi bbażati fil-komunità u l-ħolqien ta' programmi ta' appoġġ għall-utenti u l-familji tagħhom, l-involviment aħjar taċ-ċittadini u l-komunitajiet, inkluż permezz tat-tlestija tat-trasferiment tar-responsabbiltajiet tas-saħħa mill-gvernijiet ċentrali għal dawk lokali; V) it-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol tas-saħħa, it-tiġid tax-xogħol multidixxiplinari f'tim u l-espansjoni tal-għadd ta' professjonisti, inkluż ta' speċjalisti; u, vi) it-tweqqif tat-tranżizzjoni diġitali tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa u l-isfruttament tal-potenzjal tiegħu li jimmodernizza u jissimplifika l-użu tas-servizzi tal-kura tas-saħħa. Meta tagħmel dan, din ir-riforma għandha tipprovdi kundizzjonijiet qafas imsaħħa għall-investment relatat fis-servizzi tal-kura tas-saħħa primarja.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-implimentazzjoni ta' diversi miżuri leġiżlattivi u regolatorji, bl-għan li: I) it-tweqqif tar-responsabbiltajiet u l-kamp ta' applikazzjoni tal-intervent tal-gruppi taċ-ċentri tas-saħħa, kif ukoll it-tipoloġija tal-unitajiet funzjonali li jiffurmawhom; II) ir-reviżjoni tar-reġim legali għall-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-unitajiet funzjonali, kif ukoll l-iskema ta' inċentivi li għandhom jingħataw lill-elementi li jikkostitwixxuhom; III) l-iżvilupp ta' strument ta' stratifikazzjoni tar-riskju biex jappoġġa l-governanza klinika fl-unitajiet funzjonali tal-gruppi taċ-ċentru tas-saħħa; u, iv) it-tlestija tat-trasferiment tar-responsabbiltajiet fil-qasam tas-saħħa mill-amministrazzjoni ċentrali għall-muniċipalitajiet.

L-istadju importanti u l-miri relatati mal-implimentazzjoni tar-riforma għandhom jitlestew sal-31 ta' Diċembru 2023.

### Ir-riforma RE-r02: Riforma tas-saħħa mentali

L-għan ġenerali ta' din ir-riforma huwa li tittiejeb is-saħħa mentali fil-Portugall. Għal dak l-għan, ir-riforma hija strutturata fuq ħames assi ta' intervent: I) id-deistituzzjonalizzazzjoni tal-pazjenti li jgħixu fi sptarijiet psikjatriċi jew f'istituzzjonijiet tas-settur soċjali; II) it-tlestija tal-kopertura nazzjonali tas-servizzi tas-saħħa mentali lokali, fl-oqsma tal-kura inpatient, outpatient u komunitarja; III) l-espansjoni tan-network nazzjonali ta' kura kontinwa integrata, b'enfasi fuq is-saħħa mentali; l-organizzazzjoni mill-ġdid tas-servizzi psikjatriċi forensiċi; u, v) l-implimentazzjoni tal-pjanijiet reġjonali tas-saħħa għad-dimenzja.

B'mod konkret, ir-riforma għandha tikkonsisti fir-rieżami tal-Liġi attwali dwar is-Saħħa Mentali — li għandha tistabbilixxi l-prinċipji ġenerali tal-politika tas-saħħa mentali fil-Portugall u tirregola l-internament obligatorju ta' persuni b'disturbi psikoloġiċi — u tad-Digriet Liġi dwar is-Saħħa Mentali — li għandu jiddefinixxi l-prinċipji gwida għall-organizzazzjoni, il-ġestjoni u l-evalwazzjoni tas-servizzi tas-saħħa mentali. Fost l-oħrajn, il-bidliet li ġejjin għandhom jiġu introdotti f'dawn id-dispożizzjonijiet legali: I) tinkorpora fil-leġiżlazzjoni l-prinċipji tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità; u, ii) iż-żieda tal-awtonomija u l-ġestjoni tajba tas-servizzi tas-saħħa mentali lokali, permezz tal-ħolqien ta' Ċentri ta' Responsabbiltà Integrata. Meta tagħmel dan, din ir-riforma għandha tipprovdi kundizzjonijiet ta' qafas imsaħħa għall-investment relatat fis-servizzi tal-kura tas-saħħa mentali.

L-istadji importanti relatati mal-implimentazzjoni tar-riforma għandhom jitlestew sal-31 ta' Marzu 2023.

### Ir-riforma RE-r03: Tlestija tar-riforma tal-mudell ta' governanza tal-isptarijiet pubbliċi

L-għan ġenerali tar-riforma huwa li tiżdied l-effiċjenza fl-isptarijiet tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa. Għal dak l-għan, hija għandha l-għan li: I) ir-riforma tal-organizzazzjoni u l-ġestjoni interna tal-isptarijiet pubbliċi; II) il-konfigurazzjoni mill-ġdid tan-network tal-isptarijiet skont l-ippjanar tal-kapaċità f' termini tad-domanda għas-servizzi u l-provvista tar-riżorsi umani u l-infrastruttura; III) it-titjib tal-artikolazzjoni mal-elementi l-oħra tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa, jiġifieri mas-servizzi tal-kura tas-saħħa primarja u mentali, kif ukoll man-networks tal-kura palljattivi u integrati kontinwi; IV) l-involvement ta' professjonisti tas-saħħa u strutturi intermedji fil-ġestjoni tal-isptarijiet pubbliċi; u v) l-iffukar tar-reazzjonijiet fuq il-ħtiġijiet reali tas-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini.

Metriċi oġġettivi għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-manigġers tal-isptarijiet għandhom jiġu inklużi fil-kuntratti ta' ġestjoni, li jivvalutaw kemm il-kwalità tas-servizz kif ukoll is-sitwazzjoni finanzjarja tal-isptarijiet pubbliċi. Dan għandu jikkontribwixxi biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-prijoritajiet tal-politika tas-saħħa tal-gvern u għal ġestjoni aktar prevedibbli tar-riżorsi tal-isptarijiet, b'awtonomija kkombinata ma' monitoraġġ u responsabbiltà msaħħa. L-implimentazzjoni tal-kuntratti ta' ġestjoni mġedda għandha tkun gradwali u prijoritizzata skont il-livell ta' effiċjenza, dimensjoni u distribuzzjoni ġeografika tal-isptarijiet pubbliċi. Barra minn hekk, ir-rwol ta' monitoraġġ tal-Ministeri tas-Saħħa u tal-Finanzi għandu jissaħħaħ sabiex jiġi żgurat approċċ integrat u koerenti għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-isptarijiet u l-korrezzjoni, fi żmien xieraq, tad-devjazzjonijiet mill-baġits approvati.

Barra minn hekk, ix-xiri ċentralizzat għandu jissaħħaħ bil-ħsieb li jinkiseb aktar iffrankar fl-effiċjenza, b'mod partikolari billi jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet minn evalwazzjoni indipendenti reċenti. B'mod partikolari, ix-xiri ċentralizzat għandu jitwessa' għal tagħmir u apparat mediku. Barra minn hekk, il-ġestjoni interna tal-isptarijiet pubbliċi hija ppjanata li tittejjeb, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien ta' Ċentri ta' Responsabbiltà Integrata u l-implimentazzjoni ta' reġimi ta' remunerazzjoni bbażati fuq il-prestazzjoni applikabbli għal unitajiet assoċjati ma' tali Ċentri. Relatat, għandu jidħol fis-seħħ reġim ta' dedikazzjoni sħiħa għas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa għall-professjonisti tas-saħħa.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment RE-C01-i01: Servizzi tal-kura tas-saħħa primarja b'aktar tweġibiet

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jespandi l-kura tas-saħħa primarja.

L-investment jikkonsisti fl-inizjattivi li ġejjin:

- Iżżid il-kopertura nazzjonali tal-programmi ta' skrinjar;
- Firxa tal-oqsma ta' intervent tal-gruppi taċ-ċentru tas-saħħa; u
- Rinnovazzjoni tal-faċilitajiet u t-tagħmir taċ-ċentri tas-saħħa.

Investiment RE-C01-i02: In-network Nazzjonali tal-Kura Kontinwa Integrata u n-Netwerk Nazzjonali tal-Kura Palljattiva

L-objettiv tal-investment huwa li jappoġġa n-networks nazzjonali ta' kura palljattiva u integrata kontinwa, fir-rigward tat-trattament kemm fl-isptar kif ukoll barra l-pazjent, kif ukoll il-kura fid-dar.

L-investment jikkonsisti fl-espansjoni tan-network nazzjonali ta' kura kontinwa integrata, risponsi tal-kura tas-saħħa mentali u n-network nazzjonali tal-kura palljattiva.

Investiment RE-C01-i03: Appoġġ għar-riforma tas-saħħa mentali

L-objettiv tal-investment huwa li jespandi l-kapaċità ta' rispons tas-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa fil-qasam tas-saħħa mentali.

L-investment jikkonsisti f'interventi fuq il-faċilitajiet, l-istrutturi u r-riżorsi umani fil-qasam tal-kura tas-saħħa mentali.

Investiment RE-C01-i04: Modernizzazzjoni u rinnovazzjoni taż-żoni tal-isptarijiet u tagħmir għall-isptarijiet

L-objettiv tal-investment huwa li jiżgura aċċess aħjar għall-kura tas-saħħa għall-popolazzjoni.

Dan l-investment jikkonsisti fi proġetti ta' infrastruttura u proġetti ta' rinnovazzjoni u x-xiri ta' tagħmir għall-isptarijiet.

Investiment RE-C01-i05-RAM: Appoġġ għas-Servizz tas-Saħħa Reġjonali ta' Madeira

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jappoġġa s-Sistema tas-Saħħa Reġjonali tar-Reġjun Awtonomu ta' Madeira. L-investment jikkonsisti fi proġetti ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni, sistema ta' klassifikazzjoni u timijiet komunitarji tas-saħħa mentali.

Investiment RE-C01-i06: Tranżizzjoni Diġitali tas-Saħħa

Dan l-objettiv tal-investment huwa li jappoġġa t-tranżizzjoni diġitali tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa.

L-investment jikkonsisti fid-diġitalizzazzjoni tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa (it-telemedicina, it-telesaħħa, u s-sistemi diġitali).

Investiment RE-C01-i07-RAM: Id-diġitalizzazzjoni tas-Servizz tas-Saħħa Reġjonali ta' Madeira

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jrawwem id-diġitalizzazzjoni tas-Servizz tas-Saħħa Reġjonali ta' Madeira. L-investment jikkonsisti fl-akkwist ta' tagħmir u software.

Investiment RE-C01-i08-RAA: Sptar Diġitali fl-Azores

L-objettiv tal-investment huwa li tiżdied id-diġitalizzazzjoni tas-servizz tas-saħħa tal-Azores.

L-investment jikkonsisti fl-offerta liċ-ċittadini ta' aċċess diġitali għall-kura tas-saħħa.

Investiment RE-C01-i09: Sistema Universali ta' Appoġġ għall-Ħajja Attiva

L-objettiv tal-investment huwa li jirreklama l-prattika tal-attività fiżika fil-pajjiż.

L-investment jikkonsisti fix-xiri ta' kits tar-roti u f'kampanja biex jiġu rreklamati l-benefiċċji tal-attività fiżika.

Investiment RE-C01-i10: Programm ta' Modernizzazzjoni tat-Teknoloġija tal-NHS

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jiġi rinnovat il-park teknoloġiku tas-servizz tas-saħħa nazzjonali (NHS).

L-investment jikkonsisti fix-xiri ta' tagħmir mediku għall-istituzzjonijiet mediċi.

Investiment RE-C01-i11-RAA: Modernizzazzjoni u rikwalifikazzjoni tas-Servizz Reġjonali tas-Saħħa

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jimmodernizza s-Servizz tas-Saħħa Reġjonali tal-Azores.

L-investment jikkonsisti fil-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni ta' ċentri tas-saħħa u sptar, u l-akkwist ta' vetturi u tagħmir.

**A.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx**

**lura**

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investment) | L-ghanqas/ Tal-UE | L-isem   | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |       | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira   |
|-------------------|---------------------------------|-------------------|--|--|--------------------------------------|------------|-------|---|------|--|
|                   |                                 |                   |  |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan  | Q   | Snin |  |
| 1.1               | RE-C01-r01                      | M                 | Dħul fis-seħħ ta' atti legali fil-qasam tal-kura tas-saħħa primarja  | Dħul fis-seħħ tal-atti legali riveduti             |                                      |            |       | Q2  | 2023 | Reviżjoni tal-atti legali fil-qasam tal-kura tas-saħħa primarja, jiġifieri: I) il-leġiżlazzjoni li tinfexx l-unitajiet funzjonali taċ-ċentri tal-kura tas-saħħa primarja (inkluż, id-Digriet-Liġi Nru 73/2017 għall-unitajiet tas-saħħa tal-familja tal-Mudell B, l-Ordni tal-Gvern Nru 1 368/2007, ir-regoli u l-mudell ta' remunerazzjoni tal-unitajiet tas-saħħa tal-familja tal-Mudell B u l-att legali assoċjat, u l-atti legali li jirfdu l-funzjonament ta' tipi oħra ta' unitajiet tal-kura tas-saħħa primarja); u, ii) il-leġiżlazzjoni li tinfexx il-gruppi ta' ċentri tas-saħħa (inklużi, l-atti legali li fuqhom huma bbażati l-gruppi ta' ċentri tas-saħħa, jiġifieri d-Digriet Liġi Nru 28/2008).  |
| 1.2               | RE-C01-r01                      | T                 | L-għoti ta' aċċess għall-istratifikazzjoni tar-riskju biex jappoġġa l-governanza klinika fl-unitajiet funzjonali tal-gruppi taċ-ċentru tas-saħħa |  | Għadd                                | 0          | 1 000 | Q4  | 2023 | L-għadd ta' unitajiet funzjonali taċ-ċentri tas-saħħa li jiksbu aċċess għall-informazzjoni mill-istrument ta' stratifikazzjoni tar-riskju li jkopri l-utenti rreġistrati. L-istrument ta' stratifikazzjoni tar-riskju għandu jippermetti intervent proattiv f'popolazzjonijiet b'riskju klimiku u vulnerabbiltà soċjali ogħla, filwaqt li jiżgura skrinjar ibbażat fuq il-popolazzjoni u programmi ta' dijanjożi bikrija madwar il-pajjiż, kif ukoll trattament f'waqt u segwitu adegwat tal-utenti li jbatu mill-aktar mard frekwenti (kardjovaskulari, dijabete, kanċer, respiratorji, mentali u osteoartikulari).   |
| 1.3               | RE-C01-r01                      | T                 | Tlestija tal-proċess ta' deċentralizzazzjoni tar-responsabbiltajiet fil-qasam tas-saħħa fil-muniċipalitajiet                                     |  | Għadd                                | 0          | 201   | Q4  | 2022 | L-għadd ta' muniċipalitajiet ġodda fejn il-proċess ta' deċentralizzazzjoni tar-responsabbiltajiet fil-qasam tas-saħħa tlesta, skont id-Digriet-Liġi Nru 23/2019, tat-30 ta' Jannar, permezz tal-iffirmar ta' avviż ta' trasferiment mill-Ministeru tas-Saħħa, l-amministrazzjonijiet reġjonali tas-saħħa u l-muniċipalitajiet. It-trasferiment tar-responsabbiltajiet għandu jkopri: I) il-parteċipazzjoni tal-muniċipalitajiet fid-deċiżjonijiet tal-ippjanar, tal-ġestjoni u tal-investment tal-unitajiet tal-kura tas-saħħa primarja u d-diviżjonijiet tal-intervent f'imġiba u dipendenzi li jholqu dipendenza, b'mod partikolari fil-konstruzzjoni, fit-tagħmir u fil-manutenzjoni tagħhom; II) il-ġestjoni, il-manutenzjoni u l-konservazzjoni ta' tagħmir ieħor relatat mal-kura tas-saħħa primarja; III) il-ġestjoni tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa fil-kategorija ta' assistent operazzjonali tal-unitajiet funzjonali tal-gruppi taċ-ċentru tas-saħħa u d-diviżjonijiet ta' intervent f'imġiba u dipendenzi li jholqu dipendenza li jintegraw is-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa; IV) il-ġestjoni ta' servizzi ta' appoġġ loġistiku ta' gruppi ta' ċentri tas-saħħa. |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investiment) | L-ghanqas/ Tal-UE | L-isem   | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)          | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira   |
|-------------------|----------------------------------|-------------------|--|---|--------------------------------------|------------|------|---|------|--|
|                   |                                  |                   |  |   | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |  |
| 1.4               | RE-C01-r02                       | M                 | Dħul fis-seħħ tad-Digriet-Liġi l-ġdid dwar is-Saħħa Mentali, li għandu jstabilixxi l-prinċipji għall-organizzazzjoni tas-servizzi tal-kura tas-saħħa mentali                                     | Dħul fis-seħħ tad-Digriet-Liġi l-ġdid dwar is-Saħħa Mentali |                                      |            |      | Q4  | 2021 | Id-digriet Amministrattiv il-ġdid għandu jirrifletti l-proposti għal emendi magħmula mill-Grupp ta' Ħidma stabbilit bl-Ordni tal-Gvern Nru 6 324/2020, tal-15 ta' Ġunju, kif emendata bl-Ordni tal-Gvern Nru 11 485/2020, tal-20 ta' Novembru, bil-ħsieb li jiġu definiti l-prinċipji għall-organizzazzjoni tas-servizzi tal-kura tas-saħħa mentali.   |
| 1.5               | RE-C01-r02                       | M                 | Dħul fis-seħħ tal-Liġi l-ġdida dwar is-Saħħa Mentali, li għandha tistabilixxi l-prinċipji relatati mad-drittijiet tal-persuni b'mard mentali u tirregola l-isptar jew it-trattament obbligatorju | Dħul fis-seħħ tal-Liġi l-ġdida dwar is-Saħħa Mentali        |                                      |            |      | Q1  | 2023 | Il-liġi l-ġdida dwar is-Saħħa Mentali għandha tirrifletti l-proposti għal emendi magħmula mill-Grupp ta' Ħidma mwaqqaf bl-Ordni tal-Gvern Nru 6324/2020, tal-15 ta' Ġunju, kif emendata bl-Ordni tal-Gvern Nru 11485/2020, tal-20 ta' Novembru, bl-għan li tistabilixxi l-prinċipji relatati mad-drittijiet tal-persuni b'mard mentali u tirregola l-ammissjoni obbligatorja fl-isptar jew it-trattament.  |
| 1.6               | RE-C01-r03                       | M                 | Dħul fis-seħħ tal-mudell il-ġdid tal-kuntratt ta' ġestjoni   | Dħul fis-seħħ tal-mudell il-ġdid tal-kuntratt ta' ġestjoni  |                                      |            |      | Q2  | 2022 | Dħul fis-seħħ, permezz ta' approvazzjoni konġunta mill-Ministeri tas-Saħħa u l-Finanzi, tal-mudell il-ġdid tal-kuntratt ta' ġestjoni. Il-mudell il-ġdid għandu jiġi rrispettat mill-kuntratti ta' ġestjoni futuri kollha li għandhom jiġu ffirmati mill-manigġers pubbliċi kollha ta' intrapriżi tal-istat fis-sistema tas-saħħa, sabiex tissaħħaħ ir-responsabbiltà u jiġu mħeġġa prattiki ta' ġestjoni bbażati fuq il-prestazzjoni.  |
| 1.7               | RE-C01-r03                       | M                 | Dħul fis-seħħ tal-Pjan ta' Ġestjoni Kontabilistiku l-ġdid tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa   | Dħul fis-seħħ tal-Pjan ta' Ġestjoni tal-Kontabbiltà l-ġdid  |                                      |            |      | Q1  | 2024 | It-tieni TRIMESTRU TAL-1 L-istabbiliment ta' Pjan ta' Kontabbiltà tal-Ġestjoni għas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa, sabiex tinġabar, fil-livell nazzjonali, informazzjoni dwar l-ispejjeż, id-dħul, u r-riżultati tas-servizzi tal-isptarijiet, biex b'hekk tittejjeb l-allokazzjoni tar-riżorsi fis-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa, il-valutazzjoni komparattiva u l-identifikazzjoni ta' oqsma għal titjib fl-effiċjenza operattiva tal-entitajiet tas-saħħa. Il-pjan ta' Kontabbiltà tal-Ġestjoni l-ġdid għandu jittqassam permezz ta' ċirkolari normattiva mill-amministrazzjoni ċentrali tas-sistema tas-saħħa.   |
| 1.8               | RE-C01-r03                       | T                 | L-istabbiliment ta' Ċentri ta' Responsabbiltà Integrata ġodda fl-isptarijiet tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa  |   | Għadd                                | 0          | 10   | Q4  | 2022 | L-istabbiliment ta' Ċentri ta' Responsabbiltà Integrata ġodda fl-isptarijiet tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa sabiex: I) itejbu l-aċċess għal, kif ukoll il-kwalità u l-effiċjenza fil-formiment ta' servizzi ta' kura tas-saħħa; II) it-tisħiħ tal-governanza klinika, l-awtonomija u r-responsabbiltà tas-servizzi tal-kura tas-saħħa; III) jinkoraġġixxu lill-profesjonisti tas-saħħa biex ikomplu jaħdmu fl-isptarijiet pubbliċi; IV) jaqsmu r-riskji u l-benefiċċji bejn is-servizzi tal-kura tas-saħħa u l-isptarijiet; V) japprezzaw il-missjoni ta' kull servizz tal-kura tas-saħħa u sptar fil-kuntest reġjonali u nazzjonali tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa. |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investiment) | L-ghanqas/ Tal-UE | L-isem   | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)  | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |       | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira  |
|-------------------|----------------------------------|-------------------|--|---|--------------------------------------|------------|-------|---|------|---|
|                   |                                  |                   |  |   | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan  | Q   | Snin |   |
| 1.9               | RE-C01-r03                       | T                 | L-istabbiliment ta' Ċentri ta' Responsabbiltà Integrata ġodda fl-isptarijiet tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa  |   | Għadd                                | 10         | 25    | Q2  | 2024 | L-istabbiliment ta' Ċentri ta' Responsabbiltà Integrata ġodda fl-isptarijiet tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa sabiex: I) itejbu l-aċċess għal, kif ukoll il-kwalità u l-effiċjenza fil-forniment ta' servizzi ta' kura tas-saħħa; II) it-tisħiħ tal-governanza klinika, l-awtonomija u r-responsabbiltà tas-servizzi tal-kura tas-saħħa; III) jinkoraġġixxu lill-professionisti tas-saħħa biex ikomplu jaħdmu fl-isptarijiet pubbliċi; IV) jaqsmu r-riskji u l-benefiċċji bejn is-servizzi tal-kura tas-saħħa u l-isptarijiet; V) japprezzaw il-missjoni ta' kull servizz tal-kura tas-saħħa u sptar fil-kuntest reġjonali u nazzjonali tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa. |
| 1.10              | RE-C01-r03                       | T                 | Żieda fl-għadd ta' pazjenti meħlusa mill-isptar fid-dar  |   | Għadd                                | 0          | 5 000 | Q4  | 2024 | Żieda fl-għadd annwali ta' pazjenti rilaxxati mill-isptar fid-dar bejn l-2020 u l-2024.   |
| 1.11              | RE-C01-r03                       | M                 | Dħul fis-seħħ tal-pjan ta' azzjoni biex jissaħħu l-mekkaniżmi ċentralizzati ta' xiri għall-mediċini  | Dħul fis-seħħ tal-pjan ta' azzjoni biex jissaħħu l-mekkaniżmi ċentralizzati ta' xiri għall-mediċini |                                      |            |       | Q2  | 2024 | It-tieni TRIMESTRU TAT-2 Id-dħul fis-seħħ tal-pjan ta' azzjoni biex jissaħħu l-mekkaniżmi ċentralizzati ta' xiri għall-mediċini, biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tal-valutazzjoni indipendenti tal-akkwist ċentralizzati tal-mediċini fil-Portugall, imwettqa mill-Istitut Nazzjonali Awstrijak tas-Saħħa Pubblika taħt il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali.  |
| 1.12              | RE-C01-r03                       | M                 | Dħul fis-seħħ tar-reġim il-ġdid ta' ħidma ta' dedikazzjoni sħiħa fis-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa  | Dħul fis-seħħ tar-reġim il-ġdid ta' ħidma ta' dedikazzjoni sħiħa                                    |                                      |            |       | Q1  | 2023 | Reġim ġdid ta' xogħol ta' dedikazzjoni sħiħa għall-professionisti tas-saħħa fis-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa, li jinkorpora mekkaniżmi xierqa għall-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol u tabelli ta' remunerazzjoni.  |
| 1.13              | RE-C01-i01                       | M                 | Dħul fis-seħħ tat-termini għar-referenzjar ta' episodji ta' emerġenza skrinjati bl-abjad, blu jew aħdar fis-servizzi ta' emerġenza tal-isptar għal tipi oħra ta' servizzi tal-kura tas-saħħa, inklużi servizzi tal-kura tas-saħħa primarja | Dħul fis-seħħ tat-termini għar-referenzjar ta' episodji ta' emerġenza                               |                                      |            |       | Q1  | 2022 | It-tieni TRIMESTRU TAL-1 Id-dħul fis-seħħ tal-proċeduri u r-regoli amministrattivi tal-proċess ta' riferiment għall-utenti b'episodji ta' emerġenza skrinjati bl-abjad, blu jew aħdar fis-servizzi ta' emerġenza tal-isptar għal tipi oħra ta' kura tas-saħħa, servizzi, jiġifieri għas-servizzi tal-kura tas-saħħa primarja, bi skedar dirett tal-appuntamenti.  |
| 1.17              | RE-C01-i01                       | M                 | Xiri ta' tagħmir u disponibbiltà ta' servizzi jew konsultazzjonijiet f'unitajiet tas-saħħa lokali  | Xiri ta' tagħmir u disponibbiltà ta' servizzi jew konsultazzjonijiet f'unitajiet tas-saħħa lokali   |                                      |            |       | Q2  | 2026 | Xiri ta' l 160 unità ta' tagħmir, jiġifieri: I) spirometri; II) tagħmir għall-uffiċċji tad-dentistrija; III) tagħmir għaċ-ċentri ta' moviment u ta' riabilitazzjoni; jew IV) tagħmir għall-appoġġ bażiku tal-ħajja (pereżempju, borża ta' emerġenza, defibrillatur u moniters tas-sinjali vitali).  |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investment) | L-ghanqas/ Tal-UE | L-isem   | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)  | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |       | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira   |
|-------------------|---------------------------------|-------------------|--|---|--------------------------------------|------------|-------|---|------|--|
|                   |                                 |                   |  |   | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan  | Q   | Snin |  |
|                   |                                 |                   |  |   |                                      |            |       |   |      | Id-disponibbiltà tas-servizzi jew il-konsultazzjonijiet kollha li ġejjin f' 39 unità tas-saħħa lokali: skrinjar tal-kanċer koloretali u ċervikali, skrinjar tar-retinopatija dijabetika, eżamijiet Holter, monitoraġġ ambulatorju tal-persjoni tad-dem, u konsultazzjonijiet tas-saqajn dijabetiċi.  |
| 1.18              | RE-C01-i01                      | T                 | Kostruzzjoni jew rinnovazzjoni ta' unitajiet tas-saħħa   |   | Għadd                                | 0          | 400   | Q2  | 2026 | Kostruzzjoni jew rinnovazzjoni ta' 400 unità tas-saħħa, li minnhom jinbnew mill-inqas 70.  |
| 1.20              | RE-C01-i02                      | M                 | Dħul fis-seħħ tar-regolament dwar l-allokazzjoni ta' appoġġ finanzjarju mill-Awtoritajiet Reġjonali tas-Saħħa                            | Dħul fis-seħħ tar-regolament dwar l-allokazzjoni tal-appoġġ finanzjarju                       |                                      |            |       | Q1  | 2022 | It-tieni TRIMESTRU TAL-1 Dħul fis-seħħ tar-regolament dwar l-allokazzjoni ta' appoġġ finanzjarju mill-Awtoritajiet Reġjonali tas-Saħħa, li għandu jiddefinixxi l-mudell ta' governanza tal-programm u r-rekwiżiti rispettivi tal-applikanti.   |
| 1.21              | RE-C01-i02                      | M                 | Rinnovazzjoni jew sodod ġodda fis-sistema tas-saħħa  | Rinnovazzjoni u kostruzzjoni  |                                      |            |       | Q2  | 2026 | 1. Ir-rinnovazzjoni jew ix-xiri ta' tagħmir għal 180 proġett pereżempju fi ħdan in-network nazzjonali ta' kura kontinwa integrata, kura palljattiva jew kura tas-saħħa mentali.<br>2. Mill-inqas 3 850 sodda ġdida disponibbli, pereżempju fi ħdan in-network nazzjonali ta' kura kontinwa integrata, kura palljattiva jew kura tas-saħħa mentali.   |
| 1.22              | RE-C01-i02                      | T                 | It-tisħiħ tal-kapaċità ta' rispons tan-networks nazzjonali ta' kura kontinwa integrata u servizzi ta' kura palljattiva fil-kura fid-djar |   | Għadd                                | 0          | 1 200 | Q2  | 2024 | It-tisħiħ tal-kapaċità ta' rispons tan-networks nazzjonali ta' kura kontinwa integrata u servizzi ta' kura palljattiva fil-kura fid-dar permezz ta': I) reġistrazzjoni fuq il-pjattaforma SI RNCCI ta' 1 000 post ġdid f'timijiet integrati ta' kura kontinwa fid-djar; II) reġistrazzjoni fuq il-pjattaforma SI RNCCI ta' 100 post ġdid f'timijiet ta' appoġġ fid-djar tas-saħħa mentali u, iii) kuntratti u deċiżjonijiet tal-unitajiet tas-saħħa lokali li joħlqu t-timijiet meħtieġa biex jipprovdu 100 post ġdid f'appoġġ komunitarju għall-kura palljattiva. |
| 1.24              | RE-C01-i03                      | M                 | L-iżvilupp ta' azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ għall- "bini tal-mogħdijiet tal-pazjenti" fil-kuntast tad-dimenszji           | Rapport dwar l-użu ta' azzjonijiet ġodda ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ u l-iżvilupp tagħhom |                                      |            |       | Q4  | 2022 | It-tieni TRIMESTRU TAL-4 Azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ dwar id-dimenszji, bil-ħsieb li jiġu appoġġati r-riformi fis-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa, immirati lejn il-persunal tas-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa jew ta' entitajiet oħra li jaħdmu mal-pubbliku ġenerali fil-qasam tal-politiki soċjali u tal-kura tas-saħħa, kif ukoll l-utenti tas-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa.  |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investiment) | L-ghanqas/Tal-UE | L-isem  | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)  | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira   |
|-------------------|----------------------------------|------------------|---|---|--------------------------------------|------------|------|---|------|--|
|                   |                                  |                  |   |   | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |  |
| 1.25              | RE-C01-i03                       | M                | Network għall-kura tas-saħħa mentali  | Network għall-kura tas-saħħa mentali  |                                      |            |      | Q2  | 2026 | I) Rinnovazzjoni ta' 23 unità; il-kostruzzjoni ta' tliet unitajiet u r-rinnovazzjoni ta' unità waħda; III) 15 Ċentri Integrati ġodda ta' Responsabbiltà; IV) Kostruzzjoni, rinnovazzjoni jew kiri ta' bini, djar jew appartamenti għal 500 post; V) Ir-rinnovazzjoni jew ix-xiri ta' tagħmir għal tliet faċilitajiet; u VI) 40 timijiet komunitarji ġodda. Ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għandhom jiksbu, bħala medja, iffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 %. |
| 1.26              | RE-C01-i04                       | M                | Proġetti u tagħmir tal-infrastruttura tal-kura tas-saħħa  | Xiri, kostruzzjoni u rinnovazzjoni  |                                      |            |      | Q2  | 2026 | 1) xiri ta' tagħmir.<br>2) twestqu mill-inqas 14 proġett ta' infrastruttura ġdid għas-servizzi tal-kura tas-saħħa.<br>3) twestqu mill-inqas 38 proġett ta' rinnovazzjoni tal-infrastruttura tal-kura tas-saħħa.<br>4) ix-xiri ta' erba' elikopters għall-kura medika.  |
| 1.28              | RE-C01-i05-RAM                   | T                | Il-ħolqien ta' timijiet komunitarji tas-saħħa mentali fis-servizz tas-saħħa reġjonali ta' Madeira   |   | Għadd                                | 0          | 7    | Q2  | 2024 | Il-ħolqien ta' timijiet komunitarji tas-saħħa mentali permezz ta' deċiżjonijiet tas-Servizzi Reġjonali tas-Saħħa.  |
| 1.29              | RE-C01-i05-RAM                   | M                | Użu tas-sistema ta' klassifikazzjoni, profil funzjonali u sistema ta' riferiment tal-utenti għall-mudell reġjonali ta' Madeira ta' servizzi integrati ta' kura kontinwa | Rapport dwar l-użu tas-sistema ta' klassifikazzjoni, il-profil funzjonali u s-sistema ta' riferiment tal-utenti                 |                                      |            |      | Q4  | 2021 | It-tieni TRIMESTRU TAL-4 L-użu tas-sistema ta' klassifikazzjoni, il-profil funzjonali u s-sistema ta' riferiment tal-utenti, bil-ħsieb li jissaħħaħ il-mudell reġjonali ta' Madeira ta' servizzi integrati ta' kura kontinwa, kif ukoll il-koordinazzjoni u l-ġestjoni teknika tagħha.   |
| 1.30              | RE-C01-i05-RAM                   | M                | Kostruzzjoni jew rinnovazzjonijiet u ħolqien ta' Timijiet ta' Appoġġ Domestiku għall-kura tas-saħħa mentali   | Deċiżjonijiet ta' kostruzzjoni jew rinnovazzjoni u finanzjament għat-Timijiet ta' Appoġġ Domestiku għall-kura tas-saħħa mentali |                                      |            |      | Q2  | 2026 | 1) kostruzzjoni jew rinnovazzjoni għal mill-inqas 12 proġett f'servizzi integrati ta' kura kontinwa u ta' saħħa mentali<br>2) deċiżjonijiet li jagħtu finanzjament għal 5 Timijiet ta' Appoġġ Domestiku għall-kura tas-saħħa mentali.<br>3) ir-rinnovazzjoni ta' 8 faċilità tal-kura tas-saħħa primarja. Bini ġdid għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżiti ta' bini b'użu ta' kważi żero enerġija.   |
| 1.32              | RE-C01-i06                       | T                | Titjib tan-netwerks lokali tat-teknoloġija tal-informazzjoni  |   | %                                    | 0          | 90   | Q4  | 2022 | It-tieni TRIMESTRU TAL-4 Il-perċentwal ta' networks lokali aġġornati tat-teknoloġija tal-informazzjoni fis-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa, organizzati u implimentati mill-entità tas-servizzi kondiviżi tal-Ministeru tas-Saħħa, li b'hekk se tkun tista' topera fil-mudell il-ġdid tal-komunikazzjonijiet unifikati (Protokoll tal-Vuċi fuq l-Internet).   |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investiment) | L-ghanqas/<br>Tal-UE | L-isem   | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)   | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |       | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira  |
|-------------------|----------------------------------|----------------------|--|--|--------------------------------------|------------|-------|---|------|---|
|                   |                                  |                      |  |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan  | Q   | Snin |   |
| 1.33              | RE-C01-i06                       | T                    | Implimentazzjoni ta' funzjonalitajiet għat-telesaħħa u t-telemonitoraġġ                  |  | %                                    | 0          | 15    | Q4  | 2022 | Il-perċentwal ta' utenti b'aċċess għal funzjonalitajiet ġodda tat-telesaħħa u tat-telemonitoraġġ, li jippermettu l-forniment ta' servizzi tal-kura tas-saħħa mill-bogħod, u b'hekk jiżiedu l-livelli ta' aċċess għall-kura tas-saħħa u l-parteciġipazzjoni ta' ċittadini fil-proċess tal-ġbir u t-trattament ta' informazzjoni mill-bogħod. |
| 1.34              | RE-C01-i06                       | M                    | Disponibbiltà ta' moduli tat-teknoloġija tal-informazzjoni                               | Disponibbiltà ta' moduli   |                                      |            |       | Q2  | 2025 | Id-disponibbiltà għall-persunal tal-kura tas-saħħa tal-moduli kliniċi jew amministrattivi li għejjin għall-kura primarja jew fl-isptar: "SCLínico CSP", "SCLínico H Linux" u "S3 Sistema tal-kura tas-saħħa".   |
| 1.35              | RE-C01-i07-RAM                   | T                    | Tagħmir diġitali għid għas-servizz tas-saħħa reġjonali ta' Madeira                       |  | Għadd                                | 0          | 3 600 | Q2  | 2025 | Ix-xiri ta' 3 600 biċċa ta' tagħmir diġitali jew software.  |
| 1.36              | RE-C01-i08-RAA                   | M                    | Disponibbiltà tal-applikazzjoni u tas-sit web tas-servizz tas-saħħa reġjonali tal-Azores | Disponibbiltà tal-app u tas-sit web  |                                      |            |       | Q2  | 2025 | Disponibbiltà għaċ-ċittadini tal-app u s-sit web tiegħi Saúde Açores b'informazzjoni dwar il-kura tas-saħħa, inkluż dwar appuntamenti skedati, riżultati ta' analiżi jew riċetti mediċi.  |
| 1.37              | RE-C01-i08-RAA                   | M                    | It-telemediċina fis-servizz tas-saħħa reġjonali tal-Azores                               | Approvazzjoni ta' pjan u ċirkolari normattiva għat-telemediċina fis-sistema tas-saħħa tal-Azores |                                      |            |       | Q3  | 2024 | (I) Approvazzjoni mid-Direttur Reġjonali għas-Saħħa ta' ċirkolari normattiva dwar il-funzjonament tat-telemediċina; (II) id-dħul fis-seħħ ta' pjan għat-telemediċina; (III) il-konsenja ta' tagħmir għat-telemediċina.  |
| 1.38              | RE-C01-i09                       | M                    | Xiri ta' kits għar-roti  | Xiri ta' kits għar-roti  |                                      |            |       | Q2  | 2025 | Ix-xiri ta' kits tar-roti ta' 1 980 b mill-Istitut Portugiż għall-Isport u ż-Żgħażaġħ.  |
| 1.39              | RE-C01-i09                       | M                    | Kampanja għas-Sistema Universali ta' Appoġġ għall-Ħajja Attiva                           | Disponibbiltà ta' sit web u app  |                                      |            |       | Q2  | 2025 | Disponibbiltà ta' sit web u app tal-mowbajl għall-kampanja tas-Sistema Universali ta' Appoġġ għall-Ħajja Attiva.  |
| 1.41              | RE-C01-i10                       | M                    | Approvazzjoni tar-Rapport li jidentifika l-ħtiġijiet tal-NHS għal tagħmir mediku tqil    | Approvazzjoni tar-rapport  |                                      |            |       | Q3  | 2023 | Approvazzjoni tar-rapport mill-Ministeru tas-Saħħa li jidentifika l-ħtiġijiet tal-Isptarijiet tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa għal tagħmir mediku tqil. Dan ir-rapport għandu jidentifika kemm il-ħtieġa li jinxtara dan it-tip ta' tagħmir għall-ewwel darba kif ukoll il-ħtieġa li jinbidel it-tagħmir mediku tqil eżistenti.            |
| 1.42              | RE-C01-i10                       | T                    | Xiri ta' Tagħmir Mediku Tqil   |  | Għadd                                | 0          | 19    | Q4  | 2024 | L-għadd ta' tagħmir mediku tqil mixtri għall-entitajiet tal-isptarijiet (sptarijiet, ċentri tal-isptarijiet, u istitut wieħed) skont il-ħtiġijiet identifikati fir-rapport, kif indikat fl-Objettiv Intermedju 1.41.  |
| 1.43              | RE-C01-i10                       | T                    | Xiri ta' Tagħmir Mediku  |  | Għadd                                | 19         | 124   | Q2  | 2026 | Xiri ta' 105 biċċa ta' tagħmir mediku, inkluża sistema ta' anġjografija, kamera gamma, skener tat-tomografija b'emissjoni ta' pożitron, sistema ta' immaġni b'reżonanza manjetika, skener   |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investiment) | L-ghanqas/Tal-UE | L-isem   | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira  |
|-------------------|----------------------------------|------------------|--|--|--------------------------------------|------------|------|---|------|---|
|                   |                                  |                  |  |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |   |
|                   |                                  |                  |  |  |                                      |            |      |   |      | tat-tomografija komputat, aċċelleratur lineari, u robot kirurġiku għall-isptarijiet.  |
| 1.44              | RE-C01-i11-RAA                   | M                | Kostruzzjoni, tagħmir u vetturi għas-Servizz Reġjonali tas-Saħħa fl-Azores | Kostruzzjoni, tagħmir u vetturi                    |                                      |            |      | Q2  | 2026 | <p>i) Kostruzzjoni ta' żewġ ċentri tas-saħħa ġodda u rinnovazzjoni tal-Isptar da Horta</p> <p>ii) Ix-xiri ta' 71 vettura elettrika;</p> <p>iii) Ix-xiri ta' 142 unità ta' tagħmir;</p> <p>iv) Xiri ta' 21 ambulanza.</p> <p>F' bini ġdid għandu jkun hemm domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-reqwiżiti ta' bini b'użu ta' kważi żero enerġija.</p> |

### **A.3. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti tas-self**

#### **Investiment RE-C01-i13: Servizzi tal-kura tas-saħħa primarja**

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jespandi l-kura tas-saħħa primarja.

L-investiment jikkonsisti fil-konferma minn entità terza responsabbli għall-ispezzjoni li mill-inqas EUR 82 536 300 għall-kostruzzjoni jew ir-rinnovazzjoni tal-unitajiet tas-saħħa ġew eżegwiti finanzjarjament.

**A.4. Stadji importanti, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għas-self**

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investment) | L-ghanqas/ Tal-UE | L-isem  | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |            | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira  |
|-------------------|---------------------------------|-------------------|---|--|--------------------------------------|------------|------------|---|------|---|
|                   |                                 |                   |   |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan       | Q   | Snin |   |
| 1.46              | RE-C01-i13                      | T                 | Eżekuzzjoni finanzjarja għall-kostruzzjoni jew ir-rinnovazzjoni ta' unitajiet tas-saħħa |  | EUR                                  | 0          | 82 536 300 | Q2  | 2026 | Konferma minn entità terza responsabbli għall-ispezzjoni li mill-inqas EUR 82 536 300 għall-kostruzzjoni jew ir-rinnovazzjoni tal-unitajiet tas-saħħa ġew eżegwiti finanzjarjament. |

## **B. IL-KOMPONENT 2: L-akkomodazzjoni**

Dan il-komponent tal-pjan Portugiż għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfidi relatati man-nuqqas strutturali ta' soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni permanenti u temporanji għall-gruppi aktar vulnerabbli, kemm fil-Portugall kontinentali kif ukoll fir-Reġjuni Awtonomi tal-Azores u Madeira, filwaqt li jikkontribwixxi wkoll indirettament għat-tisħiħ tas-sistema tal-protezzjoni soċjali. L-akkomodazzjoni pubblika tammonta biss għal 2 % tal-istokk totali fil-Portugall u titqies bħala insuffiċjenti biex tindirizza l-ħtiġijiet tal-persuni l-aktar fil-bżonn u f'riskju ta' esklużjoni soċjali.

L-għanijiet ewlenin tal-komponent huma: I) li tiżdied il-provvista tal-akkomodazzjoni soċjali u affordabbli (inkluż l-indirizzar ta' ħtiġijiet relatati oħra, bħan-nuqqas ta' infrastruttura u tagħmir bażiċi, postijiet ta' residenza mhux tajbin għas-saħħa u mhux siguri, il-prekarjetà jew in-nuqqas ta' rabtiet kuntrattwali, l-iffullar eċċessiv jew l-inadegwatezza tal-akkomodazzjoni għall-ħtiġijiet speċjali tar-residenti b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa); (II) li jinħoloq rispons pubbliku nazzjonali għal ħtiġijiet urġenti u temporanji ta' akkomodazzjoni li jirriżultaw minn avvenimenti mhux mistennija jew imprevedibbli bħal diżastri naturali, nirien, pandemiji, movimenti migratorji, applikazzjonijiet għall-ażil, jew sitwazzjonijiet ta' riskju imminenti bħall-vjolenza domestika, it-traffikar tal-bnedmin, ir-riskju ta' żgumbramenti u oħrajn; u iii) li tiżdied il-provvista ta' akkomodazzjoni għall-istudenti bi prezzijiet affordabbli. L-investimenti fil-komponent jinvolvu l-konstruzzjoni ta' abitazzjonijiet ġodda u r-riabilitazzjoni ta' dawk eżistenti.

Dan il-komponent jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi maħruġa lill-Portugall fil-qafas tas-Semestru Ewropew fl-2019 u l-2020, b'mod partikolari: Ittejjeb l-effettività u l-adegwatezza tax-xibka ta' sikurezza soċjali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2019); Jiggarantixxu protezzjoni soċjali u appoġġ għall-introjt suffiċjenti u effettivi (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2020); u żżid l-għadd ta' gradwati fl-edukazzjoni għolja, b'mod partikolari fix-xjenza u t-teknoloġija tal-informazzjoni (permezz tal-investimenti fl-akkomodazzjoni tal-istudenti) (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2019). Il-komponent jikkontribwixxi wkoll biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż relatata mat-tranżizzjoni klimatika (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020). Il-komponent jikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni ta' diversi prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR), bħal: "Aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew assistenza għall-akkomodazzjoni ta' kwalità tajba għandu jiġi pprovdut għal dawk fil-bżonn" (EPSR 19.a); "Persuni vulnerabbli għandhom id-dritt għal assistenza u protezzjoni xierqa kontra l-iżgumbrament furzat" (EPSR 19.b); "Għandhom jiġu pprovduti kenn u servizzi adegwati lill-persuni mingħajr dar sabiex tiġi promossa l-inklużjoni soċjali tagħhom" (EPSR 19.c); "Protezzjoni soċjali" (EPSR 12); "Inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà" (EPSR 17); "Aċċess għal servizzi essenzjali" (EPSR 20); "L-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja: "Edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja: Kulħadd għandu d-dritt għal edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità u inklużivi sabiex iżomm u jikseb ħiliet li jippermettulu jipparteċipa bis-sħiħ fis-soċjetà u jimmaniġġja b'suċċess tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol" (EPSR 1). Id-dimensjonijiet ambjentali għandhom jiġu inkorporati wkoll, b'mod partikolari permezz tal-promozzjoni ta' konstruzzjoni għdida bi standards għoljin ta' effiċjenza enerġetika.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

## **B.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

### Ir-riforma RE-r04: Pjan Nazzjonali Urġenti u Temporanju għall-Akkomodazzjoni

L-objettiv tar-riforma huwa li jinħoloq network pubbliku nazzjonali biex iwieġeb għall-ħtiġijiet urġenti u temporanji tal-akkomodazzjoni bħala parti mit-tiġdid tal-politiki tal-akkomodazzjoni fil-Portugall, bil-ħsieb li l-gruppi fil-mira identifikati jiġu protetti u jingħataw is-setgħa, u biex titrawwem l-inklużjoni soċjali u jiġu miġġielda l-inugwaljanzi.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fil-ħolqien ta' rispons strutturat u trasversali għal persuni li jeħtieġu soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni ta' emerġenza jew temporanja u tiżviluppa l-qafas legali u regolatorju meħtieġ biex jiġi stabbilit il-mudell ta' governanza tal-Investment RE-C02-i02 (Għotja Nazzjonali ta' Emerġenza u Akkomodazzjoni Temporanja) u tistabbilixxi metodoloġiji għas-sinjalar u r-riferiment għall-akkomodazzjoni u l-appoġġ soċjali għall-persuni appoġġati.

L-implimentazzjoni tar-riforma kellha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2021.

### Investiment RE-C02-i01: Programm ta' Appoġġ għall-Aċċess għall-Akkomodazzjoni

L-objettiv tal-investment huwa li jipprovdi akkomodazzjoni għall-familji bl-akbar ħtiġijiet u għall-gruppi l-aktar vulnerabbli.

L-investment jikkonsisti fil-kostruzzjoni, fir-rinnovazzjoni, fix-xiri jew fis-sullokazzjoni ta' abitazzjonijiet taħt il-programm ta' akkomodazzjoni ta' l.o Direito.

### Investiment RE-C02-i02: Għotja Nazzjonali ta' Emerġenza u Akkomodazzjoni Temporanja

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jipprovdi akkomodazzjoni temporanja jew ta' emerġenza lil gruppi żvantaġġati tal-popolazzjoni fil-Portugall kontinentali.

L-investment jikkonsisti fil-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni ta' akkomodazzjoni temporanja u ta' emerġenza.

### Investiment RE-C02-i03-RAM: L-akkomodazzjoni soċjali fir-Reġjun Awtonomu ta' Madeira

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jipprovdi akkomodazzjoni adegwata fir-Reġjun Awtonomu ta' Madeira.

L-investment jikkonsisti fil-kostruzzjoni jew ix-xiri ta' akkomodazzjoni appoġġata pubblikament.

### Investiment RE-C02-i04-RAA: Iż-żieda fil-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni tal-istokk tad-djar tar-Reġjun Awtonomu tal-Azores

L-objettiv tal-investment huwa li jinbena u jiġi rinnovat l-istokk tad-djar fir-Reġjun Awtonomu tal-Azores.

L-investment jikkonsisti fil-kostruzzjoni jew ir-rinnovazzjoni ta' appartamenti jew bini.

### Investiment RE-C02-i07-RAA: Infrastruttura għal irqajja' ta' art għal akkomodazzjoni residenzjali

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jippermetti lill-kandidati magħżula jibnu djarhom stess. L-investment jikkonsisti fl-allokkazzjoni ta' rqajja' tal-art mill-amministrazzjoni tar-Reġjun Awtonomu tal-Azores.

**B.2. Stadji importanti, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura.**

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investiment) | L-ghanqas/ Tal-UE | L-isem  | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |        | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira   |
|-------------------|----------------------------------|-------------------|---|--|--------------------------------------|------------|--------|---|------|--|
|                   |                                  |                   |   |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan   | Q   | Snin |  |
| 2.1               | RE-C02-i01                       | T                 | Programm ta' appoġġ għall-aċċess għall-akkomodazzjoni — Arranġamenti Kollaborattivi jew ta' Finanzjament iffirmati  |  | Għadd                                | 0          | 75     | Q3  | 2022 | Firma ta' arranġamenti kollaborattivi jew ta' finanzjament.<br><br>L-istrateġġiji tal-akkomodazzjoni lokali huma ppreżentati mill-muniċipalitajiet. Dawn l-istrateġġiji jidentifikaw 1) il-ħtiġijiet kollha eliġibbli taħt dan il-programm (kif speċifikat fid-Digriet Amministrattiv Nru 37/2018 tal-4 ta' Ġunju), u 2) l-entitajiet li jipprovmovu soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni. Wara li l-IHRU (Istitut tal-Akkomodazzjoni u tar-Riabilitazzjoni Urbana) ikun ivvalida l-konformità tal-istrateġġiji tal-akkomodazzjoni lokali mal-programm, il-ftehimiet ta' kollaborazzjoni mal-muniċipalitajiet jew il-ftehimiet ta' finanzjament mal-benefiċjarji l-oħra li jfasslu l-investimenti konkreti li għandhom jiġu promossi jiġu ffirmati u tiġi speċifikata l-iskadenza għall-implimentazzjoni tagħhom. |
| 2.2               | RE-C02-i01                       | T                 | Programm ta' appoġġ għall-aċċess għall-akkomodazzjoni — Abitazzjonijiet mixtrija, mibnija (effiċjenza enerġetika għolja) jew riabilitati pprovduti lill-unitajiet domestiċi |  | Għadd                                | 0          | 1 500  | Q3  | 2023 | L-għadd ta' abitazzjonijiet ikkonsenjati lill-unitajiet domestiċi eliġibbli tal-programm. Bini ġdid jew dak mixtri mingħajr riabilitazzjoni għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-reqwiżiti ta' bini b'użu ta' kważi żero enerġija (ħlief sa 1 502 abitazzjoni għall-miżura kollha).   |
| 2.3               | RE-C02-i01                       | T                 | Programm ta' appoġġ għall-aċċess għall-akkomodazzjoni — abitazzjonijiet għall-appoġġ tal-akkomodazzjoni   |  | Għadd                                | 1 500      | 20 801 | Q2  | 2026 | L-għadd ta' abitazzjonijiet mibnija, mixtrija, rinnovati jew mikrija għas-sullokazzjoni, taħt l-o l-programm tal-akkomodazzjoni Direito. Bini ġdid jew dak mixtri mingħajr riabilitazzjoni għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-reqwiżiti ta' bini b'użu ta' kważi żero enerġija (ħlief sa 1 502 abitazzjoni għall-miżura kollha).  |
| 2.4               | RE-C02-i02                       | T                 | Għotja nazżjonali ta' akkomodazzjoni temporanja u ta' emerġenza — Firma tal-ftehimiet ta' finanzjament għal akkomodazzjoni ta' emerġenza u ta' tranżizzjoni                 |  | Għadd                                | 0          | 500    | Q3  | 2022 | L-għadd ta' akkomodazzjonijiet li għalihom jiġu ffirmati ftehimiet ta' finanzjament.<br>L-entitajiet jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom għall-finanzjament fis-sejħa għall-offerti miftuħa mill-IHRU (Istitut tal-Akkomodazzjoni u tar-Riabilitazzjoni Urbana) li, wara li tivvaluta u titlob opinjoni mill-ISS (Istitut tas-Sigurtà Soċjali) dwar il-validità u l-fattibbiltà tal-applikazzjonijiet sottomessi, tikkuntratta l-finanzjament u tistabilixxi l-iskadenza għall-implimentazzjoni tiegħu. Akkomodazzjoni tfisser parti minn bini jew il-bini kollu b'aċċess indipendenti li jikkonsisti f'kompartiment wieħed jew aktar ta' akkomodazzjoni u spazji privati addizzjonali jew unitajiet residenzjali għal aktar minn unità domestika waħda.   |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investiment) | L-ghanqas/Tal-UE | L-isem   | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |       | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira  |
|-------------------|----------------------------------|------------------|--|--|--------------------------------------|------------|-------|---|------|---|
|                   |                                  |                  |  |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan  | Q   | Snin |   |
| 2.5               | RE-C02-i02                       | T                | Għotja nazzjonali ta' akkomodazzjoni temporanja u ta' emerġenza — Firma tal-ftehimiet ta' finanzjament għall-akkomodazzjonijiet ta' emerġenza u ta' tranżizzjoni |  | Għadd                                | 500        | 1 000 | Q3  | 2024 | L-għadd ta' akkomodazzjonijiet li għalihom jiġu ffirmati ftehimiet ta' finanzjament.<br>L-entitajiet jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom għall-finanzjament fis-sejħa għall-offerti miftuħa mill-IHRU (Istitut tal-Akkomodazzjoni u tar-Riabilitazzjoni Urbana) li, wara li tivvaluta u titlob opinjoni mill-ISS (Istitut tas-Sigurtà Soċjali) dwar il-validità u l-fattibbiltà tal-applikazzjonijiet sottomessi, tikkuntratta l-finanzjament u tistabbilixxi l-iskadenza għall-implimentazzjoni tiegħu. Akkomodazzjoni tfisser parti minn bini jew il-bini kollu b'aċċess indipendenti li jikkonsisti f'kompartiment wieħed jew aktar ta' akkomodazzjoni u spazji privati addizzjonali jew unitajiet residenzjali għal aktar minn unità domestika waħda. |
| 2.6               | RE-C02-i02                       | T                | Għotja nazzjonali ta' akkomodazzjoni ta' emerġenza u temporanja — Akkomodazzjonijiet b'xogħlijiet mibdija jew mixtrija   |  | Għadd                                | 0          | 41    | Q3  | 2023 | L-għadd ta' proġetti li għalihom bdew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew ta' rinnovazzjoni jew li għalihom inxtara bini.  |
| 2.7               | RE-C02-i02                       | T                | Akkomodazzjoni ta' emerġenza u temporanja  |  | Għadd                                | 0          | 133   | Q2  | 2026 | Il-kostruzzjoni, ir-rinnovazzjoni jew ix-xiri ta' akkomodazzjonijiet u abitazzjonijiet li jikkostitwixxu 133 proġett taħt l-għotja Nazzjonali ta' akkomodazzjoni ta' emerġenza u temporanja u akkomodazzjoni temporanja għall-Armata u l-forzi tas-sigurtà.<br>Bini ġdid jew dak mixtri mingħajr riabilitazzjoni għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżiti ta' bini b'użu ta' kważi żero enerġija (ħlief għal massimu ta' 30 proġett).  |
| 2.11              | RE-C02-i03-RAM                   | T                | Akkomodazzjoni appoġġata pubblikament fir-Reġjun Awtonomu ta' Madeira  |  | Għadd                                | 0          | 805   | Q2  | 2026 | Il-kostruzzjoni jew ix-xiri ta' abitazzjonijiet għal akkomodazzjoni appoġġata pubblikament.<br>Bini ġdid jew dak mixtri mingħajr rinnovazzjoni għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżiti ta' bini b'użu ta' kważi żero enerġija.  |
| 2.13              | RE-C02-i04-RAA                   | T                | Bini mibni fl-istokk tad-djar tal-gvern fir-Reġjun Awtonomu tal-Azores   |  | Għadd                                | 0          | 24    | Q4  | 2021 | L-għadd ta' binjiet mibnija, b'xogħlijiet iffinalizzati sabiex jiġdied l-istokk tal-akkomodazzjoni soċjali.<br>Bini ġdid għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżiti ta' bini b'użu ta' kważi żero enerġija. L-abitazzjonijiet għandhom daqs medju ta' madwar 120 metru kwadru.   |
| 2.14              | RE-C02-i04-RAA                   | T                | Interventi fl-istokk tal-akkomodazzjoni pubblika tar-Reġjun  |  | Għadd                                | 0          | 40    | Q4  | 2021 | It-tieni TRIMESTRU TAL-4 L-investiment jinkludi r-rinnovazzjoni jew il-finalizzazzjoni ta' bini u appartamenti, imkejla bl-għadd ta' interventi. L-interventi jinkludu:   |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investiment) | L-ghanqas/Tal-UE | L-isem  | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira  |
|-------------------|----------------------------------|------------------|---|--|--------------------------------------|------------|------|---|------|---|
|                   |                                  |                  |   |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |   |
|                   |                                  |                  | Awtonomu tal-Azores — rinnovazzjoni   |  |                                      |            |      |   |      | <ul style="list-style-type: none"> <li>— il-konverżjoni ta' bini pubbliku mhux residenzjali f'akkomodazzjoni,</li> <li>— Appoġġ finanzjarju għall-konverżjoni mill-ġdid ta' bini soċjali degradat (Bairros Sociais)</li> <li>— ir-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni pubblika biex tikkonforma mal-leġiżlazzjoni attwali dwar l-akkomodazzjoni, prinċipalment ir-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika.</li> </ul> <p>Ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għandhom jiksbu, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini (UE) 2019/786.</p> <p>L-abitazzjoni kkonċernata għandha daqs medju ta' madwar 100 metru kwadru.</p>                            |
| 2.16              | RE-C02-i04-RAA                   | T                | Interventi fl-istokk tal-akkomodazzjoni pubblika tar-Reġjun Awtonomu tal-Azores — rinnovazzjoni                                     |  | Għadd                                | 40         | 101  | Q4  | 2023 | <p>L-investiment jinkludi r-rinnovazzjoni jew il-finalizzazzjoni ta' bini pubbliku u appartamenti b'xogħlijiet iffinalizzati.</p> <p>L-interventi jistgħu jinkludu:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— il-konverżjoni ta' bini pubbliku mhux residenzjali f'akkomodazzjoni,</li> <li>— Appoġġ finanzjarju għall-konverżjoni mill-ġdid ta' bini soċjali degradat</li> <li>— Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni pubblika</li> </ul> <p>Ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għandhom jiksbu, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini (UE) 2019/786.</p> <p>L-abitazzjoni kkonċernata għandha daqs medju ta' madwar 100 metru kwadru.</p> |
| 2.17              | RE-C02-i04-RAA                   | T                | Bini mibni & rinnovati fl-istokk tal-akkomodazzjoni pubblika tar-Reġjun Awtonomu tal-Azores   |  | Għadd                                | 125        | 622  | Q2  | 2026 | <p>L-għadd ta' bini jew appartamenti mibnija u rinnovati għall-istokk ta' akkomodazzjoni pubblika. Bini ġdid għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżiti ta' bini b'użu ta' kważi zero enerġija.</p> <p>Ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għandhom jiksbu, bħala medja, iffrankar tal-enerġija primarja ta' 30 %.</p>  |
| 2.19              | RE-C02-r04                       | M                | Dħul fis-seħħ tad-Digriet Amministrattiv li japprova l-qafas legali għall-Pjan Nazzjonali Urġenti u Temporanju għall-Akkomodazzjoni | Dħul fis-seħħ tad-digriet liġi                     |                                      |            |      | Q2  | 2021 | <p>Id-digriet Amministrattiv għandu jiddefinixxi l-istruttura tal-Pjan u l-istokk tad-djar b' mod partikolari fir-rigward tal-benefiċjarji eliġibbli, is-soluzzjonijiet tal-akkomodazzjoni u l-mudell ta' finanzjament. Flimkien mal-qafas legali, il-Pjan Nazzjonali għall-Akkomodazzjoni għandu jiġi ppreżentat u approvat mill-Gvern, li għandu jinkorpora l-ippjanar strateġiku tas-soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni li għandhom jiġu promossi u l-appoġġ meħtieġ għal dan l-għan, skont il-ħtiġijiet u l-ispeċifitàjiet lokali u l-koeżjoni soċjoterritorjali.</p>  |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investiment) | L-ghanqas/Tal-UE | L-isem                  | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira            |
|-------------------|----------------------------------|------------------|-------------------------|--|--------------------------------------|------------|------|---|------|---|
|                   |                                  |                  |                         |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |   |
| 2.30              | RE-C02-i07-RAA                   | T                | Biċċiet ta' art allokat |  | Għadd                                | 0          | 145  | Q2  | 2026 | Irqajja' ta' art allokat mill-amministrazzjoni tar-Regiun Awtonomu tal-Azores |

### **B.3. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti tas-self**

#### **Investiment RE-C02-i05: Akkomodazzjoni affordabbli u soċjali**

L-objettiv tal-investiment huwa li jipprovdi akkomodazzjoni bi prezzijiet affordabbli.

L-investiment jikkonsisti fil-kostruzzjoni jew ir-rinnovazzjoni ta' abitazzjonijiet, biex tiġi pprovduta akkomodazzjoni affordabbli, kif ukoll interventi taħt il-programm ta' akkomodazzjoni ta' 1.o Direito jew abitazzjonijiet ikkuntrattati mill-Instituto da Habitação e da Reabilitação Urbana (IHRU).

#### **Investiment RE-C02-i06: Akkomodazzjonijiet tal-istudenti bi prezzijiet affordabbli**

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li tiżdied il-provvista nazzjonali ta' akkomodazzjoni affordabbli għall-istudenti.

L-investiment għandu jikkonsisti fil-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni tal-istudenti.

#### B.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għas-self

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investment) | L-għanqas/ Tal-UE | L-isem  | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)                  | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |        | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira  |
|-------------------|---------------------------------|-------------------|---|---|--------------------------------------|------------|--------|---|------|---|
|                   |                                 |                   |   |   | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan   | Q   | Snin |   |
| 2.20              | RE-C02-i05                      | T                 | Stokk ta' akkomodazzjoni pubblika affordabbli — Akkomodazzjonijiet b'xogħol mibdi (mibni b'effiċjenza enerġetika għolja jew riabilitat bi prestazzjoni enerġetika mtejba) |   | Għadd                                | 0          | 520    | Q3  | 2022 | L-għadd ta' abitazzjonijiet li għalihom ix-xogħol jibda wara l-proċedura tal-offerti u l-iffirmar ta' kuntratt. Fejn ikun jinvolvi kostruzzjoni ġdida, bini ġdid għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżiti ta' bini b'użu ta' kważi żero enerġija.  |
| 2.24              | RE-C02-i05                      | M                 | Akkomodazzjoni affordabbli u soċjali  | Kostruzzjoni jew rinnovazzjoni jew xiri jew eżekuzzjoni finanzjarja |                                      |            |        | Q2  | 2026 | Mill-inqas 5 199 abitazzjoni mibnija, rinnovati jew mixtrija. Barra minn hekk, konferma minn entità terza responsabbli għall-ispezzjoni li mill-inqas EUR 327 855 715 għall-kostruzzjoni, ir-rinnovazzjoni jew ix-xiri ta' abitazzjonijiet oħra ġew eżegwiti finanzjarjament.   |
| 2.25              | RE-C02-i06                      | T                 | Akkomodazzjoni għall-istudenti bi spejjeż affordabbli — għadd ta' postijiet ta' akkomodazzjoni għall-istudenti b'offerti mnedija  |   | Għadd                                | 0          | 7 000  | Q3  | 2022 | L-għadd ta' postijiet ta' akkomodazzjoni ġodda u rinnovati għal studenti primarjament ta' edukazzjoni għolja li għalihom tnedew offerti pubbliċi. Bini ġdid jew dak mixtri mingħajr riabilitazzjoni għandu jkollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżiti ta' bini b'użu ta' kważi żero enerġija. Ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għandhom jiksbu, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini (UE) 2019/786. |
| 2.28              | RE-C02-i06                      | T                 | Akkomodazzjoni għall-istudenti bi spejjeż affordabbli   |   | Għadd                                | 0          | 18 000 | Q1  | 2026 | L-għadd ta' sodod mibnija u rinnovati fl-akkomodazzjonijiet tal-istudenti.  |

### **C. IL-KOMPONENT 3: Reazzjonijiet Soċjali**

Il-Portugall ilu jiffaċċja sfidi demografiċi u soċjoekonomiċi importanti għal ħafna snin li ġew amplifikati mill-pandemija tal-COVID-19. Dan il-komponent tal-pjan Portugiż għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfidi li ġejjin: it-tixjiħ demografiku, id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà u persuni oħra b'dipendenza u sitwazzjonijiet ta' faqar u esklużjoni soċjali fost il-komunitajiet u l-gruppi żvantaġġati.

F'dan il-kuntest, dan il-komponent jindirizza l-isfidi strutturali relatati mal-politika soċjali u n-nuqqasijiet fil-kopertura tas-servizzi soċjali għall-popolazzjonijiet/reġjuni fil-bżonn, kemm fil-Portugall kontinentali kif ukoll fir-Reġjuni Awtonomi tal-Azores u Madeira.

L-għanijiet ewlenin tal-komponent huma: I) it-titjib tal-faċilitajiet tal-kura soċjali u l-iżgurar ta' kopertura territorjali aħjar; II) it-tiġid u l-espansjoni tan-network ta' risponsi soċjali b'soluzzjonijiet innovattivi u proġetti u interventi pilota; III) l-iżvilupp ta' risponsi ġodda ta' appoġġ ibbażati fil-komunità, li jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-għajxien indipendenti, il-prevenzjoni tad-dipendenza u l-iżvilupp ta' risponsi għan-nonistituzzjonalizzazzjoni f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà; IV) l-iżgurar tal-aċċessibbiltà għall-għajxien inklużiv u l-parteċipazzjoni fis-soċjetà u fl-ekonomija għall-persuni b'diżabbiltà; u v) il-promozzjoni tal-qerda tal-faqar billi tiġi żviluppata strateġija nazzjonali komprensiva li tiffoka fuq il-komunitajiet l-aktar vulnerabbli u żvantaġġati.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż dwar it-tiġid tar-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa u l-iżgurar ta' aċċess ugwali għal kura tas-saħħa u fit-tul ta' kwalità (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2020). Barra minn hekk, tikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż dwar it-titjib tal-effettività u l-adekwatezza tax-xibka ta' sikurezza soċjali u dwar it-titjib tal-livell tal-ħiliet tal-popolazzjoni (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2019), il-garanzija ta' protezzjoni soċjali u appoġġ għall-introjtu suffiċjenti u l-iżgurar ta' aċċess ugwali għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2020) u t-titjib tal-effettività tas-sistema ta' protezzjoni soċjali Portugiża, b'mod partikolari billi tissimplifika l-qafas tagħha (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2022 u 2023). Il-komponent jappoġġa wkoll indirettament l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż dwar l-iffukar tal-investment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020).

Dan il-komponent huwa mistenni li jikkontribwixxi kemm għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi kif ukoll għal dawk diġitali. Il-proġetti relatati mal-kostruzzjoni, l-espansjoni u r-rinnovazzjoni tal-faċilitajiet ta' rispons soċjali għandhom jiffukaw fuq l-effiċjenza enerġetika, l-użu tal-enerġija rinnovabbli għall-awtokonsum u t-tnaqqis tal-kostijiet tal-enerġija u tal-fjuwil. Id-dimensjonijiet ambjentali għandhom jiġu inkorporati, permezz tal-promozzjoni ta' kostruzzjoni ġdida bi standards għoljin ta' effiċjenza enerġetika. Barra minn hekk, l-entitajiet involuti għandhom ikunu mgħammra b'vetturi ħfief b'emissjonijiet żero. Fl-aħħar nett, dan il-komponent jinkorpora miżuri li jtejbju l-użu ta' għodod diġitali, b'mod partikolari mis-servizzi soċjali li jipprovdu appoġġ lill-anzjani u mill-gvern permezz tal-ħolqien ta' għodod tal-ICT u servizzi elettroniċi mmirati lejn persuni b'diżabbiltà.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

## **C.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

### **Ir-riforma RE-r05: Riforma tal-Provvista tal-Faċilitajiet u r-Rispons Soċjali**

L-objettiv ta' din il-miżura huwa li tespandi, taġġorna u tirriabilita n-netwerk tas-servizzi soċjali u l-faċilitajiet ipprovduti minn istituzzjonijiet soċjali pubbliċi u privati. Il-miżura hija mmirata b'mod partikolari lejn gruppi vulnerabbli f'termini ekonomiċi, soċjali u tas-saħħa, bħall-persuni u l-familji fil-faqar jew b'introjtu baxx, l-anzjani u l-persuni f'sitwazzjoni ta' dipendenza, il-persuni b'diżabbiltà u t-tfal u ż-żgħażaġħ. Barra minn hekk, l-interventi integrati ta' appoġġ soċjali u tas-saħħa previsti minn din il-miżura għandhom jippromwovu l-awtonomija tal-persuni dipendenti permezz tar-riabilitazzjoni u r-riintegrazzjoni soċjali tagħhom f'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b' Diżabbiltà u l-Istrateġija Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021–20302 u l-Green Paper dwar it-Tixjiħ — It-trawwim tas-solidarjetà u r-responsabbiltà bejn il-ġenerazzjonijiet<sup>3</sup>.

Din ir-riforma għandha tikkonsisti fit-tnedija tal-Programm tal-Ġenerazzjoni l-Ġdida ta' Tagħmir u Rispons Soċjali permezz tad-dħul fis-seħħ tas-Simplifikazzjoni tar-Reġim tal-Installazzjoni tat-Tagħmir Soċjali. Il-programm għandu jiffoka fuq miżuri bħal:

- It-titjib tal-kura soċjali u tas-servizzi personalizzati pprovduti fid-djar tal-kura residenzjali għall-anzjani (ERPIS), wara evalwazzjoni tal-ħtiġijiet;
- Il-promozzjoni tal-liċenzjar u/jew ir-regolarizzazzjoni tal-ERPIS barra mis-sistema uffiċjali;
- Ir-reviżjoni tal-qafas leġiżlattiv għal-liċenzjar tal-faċilitajiet soċjali,
- Il-promozzjoni ta' risponsi soċjali innovattivi bħal akkomodazzjoni kollaborattiva fuq skala żgħira;
- L-iżvilupp ta' mudell innovattiv ta' appoġġ domestiku;
- It-tiħiħ tal-appoġġ soċjali għall-persuni f'sitwazzjoni ta' iżolament soċjali, permezz tal-ħolqien ta' timijiet multidixxiplinari u mekkaniżmu għall-immappjar u l-monitoraġġ ta' sitwazzjonijiet soċjalment vulnerabbli (proġetti soċjali Radar);
- Iż-żieda fil-livelli tal-forza tax-xogħol u l-kwalità tal-forniment tas-servizzi ta' risponsi soċjali, prinċipalment f'territorji b'livelli baxxi ta' kopertura;
- It-tiħiħ tas-servizzi soċjali u l-appoġġ immirati lejn persuni b'diżabbiltà jew dipendenza u l-promozzjoni tal-awtonomija u l-għajxien indipendenti tagħhom.

L-investment RE-C03-i01 — Ġenerazzjoni ġdida ta' tagħmir u risponsi soċjali għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tar-riforma.

L-istadju importanti relatat mal-implimentazzjoni tar-riforma għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2021.

### **Ir-riforma RE-r06: Strateġija Nazzjonali għall-Inklużjoni ta' Persuni b'Diżabbiltà 2021–2025**

L-objettiv ta' din il-miżura huwa li tiffaċilita u tapprofondixxi l-inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà fl-oqsma kollha tal-ħajja, tippromwovi l-awtonomija, l-indipendenza u l-awtodeterminazzjoni tagħhom

kif ukoll tiżgura opportunitajiet indaqs għaċ-ċittadini kollha, irrispettivament mill-kapaċitajiet tagħhom.

---

<sup>1</sup> <https://www.un.org/development/desa/disabilities/convention-on-the-rights-of-persons-with-disabilities.html>.

<sup>2</sup> <https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=en&pubId=8376&furtherPubs=yes>.

<sup>3</sup> [https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/1\\_en\\_act\\_part1\\_v8\\_0.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/1_en_act_part1_v8_0.pdf).

Din ir-riforma tikkonsisti fl-adozzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Inklużjoni tal-Persuni b'Diżabilità 2021–2025. L-istrateġija tirrifletti l-impenji tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità<sup>4</sup> u għandha tippermetti t-tnedija ta' sett ta' miżuri, bħal:

- Ir-riformulazzjoni tal-qafas regolatorju attwali kull meta jkun meħtieġ;
- Ir-riformulazzjoni tas-sistema ta' valutazzjoni u ċertifikazzjoni tad-diżabilità;
- Dijanjożi komprensiva ta' persuni b'diżabilità permezz tal-iżvilupp ta' sistemi għall-ġbir tad-data u għall-monitoraġġ ta' indikaturi li jappoġġjaw it-teħid tad-deċiżjonijiet;
- Interventi fi spazji pubbliċi biex jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-persuni b'diżabilità;
- L-aġġustament tas-sistemi ta' taħriġ, impjeg u kwalifiki għall-persuni b'diżabilità;
- L-iżvilupp ta' servizzi soċjali innovattivi u approċċi bbażati fil-komunità;
- Il-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilità f'attivitajiet sportivi, kulturali u ta' divertiment.
- L-estensjoni tal-Mudell ta' Appoġġ għal Għajxien Indipendenti, li jipprovdi assistenza personali lill-persuni b'diżabilità;

Investimenti RE-C03-i02: Aċċessibilità 360° u RE-C03-i05: Il-pjattaforma u l-Aċċess, kif ukoll l-investment RE-C01-i02: In-netwerk Nazzjonali tal-Kura Kontinwa Integrata u n-Netwerk Nazzjonali tal-Kura Paljattiva għandhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tar-riforma.

L-istadju importanti relatat mal-implimentazzjoni tar-riforma għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2021.

#### Ir-riforma RE-r07: Kuntrattar ta' Programmi Integrati ta' Appoġġ għal Komunitajiet Żvantaġġati f'Żoni Metropolitan

L-għan ta' din il-miżura huwa l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali fil-muniċipalitajiet l-aktar żvantaġġati taż-Żoni Metropolitan ta' Lisbona u Porto.

Din ir-riforma għandha tikkonsisti f'sett ta' azzjonijiet pilota integrati li għandhom jiġu żviluppati wara valutazzjoni u identifikazzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-komunità. Wara din il-fażi ta' dijanjożi, l-interventi integrati għandhom jitfasslu u jiffukaw fuq żewġ oqsma:

- Interventi fi spazju pubbliku u infrastrutturi soċjali bħal crèches u skejjel primarji, faċilitajiet tal-kura tas-saħħa u faċilitajiet għal avvenimenti soċjali u kulturali, workshops u/jew korsijiet ta' taħriġ; u
- Interventi ta' natura intanġibbli għall-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali, bħall-involviment attiv tal-komunitajiet fit-tfassil u l-implimentazzjoni tagħhom, il-promozzjoni tal-intraprenditorija ta' negozji żgħar u bbażati lokalment, it-tfassil ta' proġetti għall-ġlieda kontra l-falliment u t-tluq bikri mill-iskola, l-offerta ta' taħriġ vokazzjonali u l-promozzjoni tal-isport.

Din ir-riforma għandha tkun sostnuta u strutturata f'konformità mal-ewwel Strateġija Nazzjonali tal-Portugall għall-Ġlieda Kontra l-Faqar (ENCP) u l-interventi tematiċi għal gruppi speċifiċi identifikati fiha.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata permezz tal-investment RE-C03-i06 — Operazzjonijiet integrati f'komunitajiet żvantaġġati fiż-Żoni Metropolitan ta' Lisbona u Porto.

L-istadju importanti relatat mal-implimentazzjoni tar-riforma għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2021.

#### Ir-riforma RE-r08: Strateġija Nazzjonali għall-Ġlieda kontra l-Faqar

L-għan ta' din il-miżura huwa l-ġlieda kontra l-faqar permezz tal-iżvilupp ta' approċċ multidimensjonali, integrat, fuq perjodu ta' żmien medju u twil.

Ir-riforma tikkonsisti fl-adozzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Ġlieda kontra l-Faqar (ENCP). L-istrateġija għandha ttipprovdi l-qafas għal interventi tematiċi mmirati lejn gruppi speċifiċi, mit-tfal sal-anzjani, inklużi l-gruppi l-aktar vulnerabbli. Hija għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki integrati li jiffukaw fuq l-ispeċifitàjiet tal-esklużjoni soċjali u l-faqar fil-livell lokali. Barra minn hekk, għandu jagħti mandat ukoll għall-ħolqien ta' qafas uniku ta' monitoraġġ għall-indikaturi relatati mal-faqar.

InvestmentRE-C03-i06 — Operazzjonijiet integrati f'komunitajiet żvantaġġati fiż-Żoni Metropolitanani ta' Lisbona u Porto għandhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tar-riforma.

L-istadju importanti relatat mal-implimentazzjoni tar-riforma għandu jitlesta sat-30 ta' Settembru 2021.

---

<sup>4</sup> <https://www.un.org/development/desa/disabilities/convention-on-the-rights-of-persons-with-disabilities.html>.

#### Investiment RE-C03-i01: Ġenerazzjoni ġdida ta' tagħmir u risponsi soċjali

L-objettiv ta' din il-miżura huwa li tespandi s-servizzi soċjali.

Dan l-investiment jikkonsisti fir-rinnovazzjoni jew il-kostruzzjoni ta' faċilitajiet soċjali taħt il-Programm għar-rikwalifikazzjoni u l-Espansjoni tan-Network ta' Faċilitajiet u Servizzi Soċjali, Timijiet ta' Intervent Soċjali, u t-tagħmir tal-Istituzzjonijiet Privati ta' Solidarjetà Soċjali (IPSS) b'vetturi elettriċi.

#### Investiment RE-C03-i02: Aċċessibilità 360

L-objettiv ta' din il-miżura huwa li tiffaċilita l-kundizzjonijiet ta' aċċessibilità għall-persuni b'diżabilità. Dan l-investiment jikkonsisti fl-adattament tal-abitazzjonijiet, tal-bini pubbliku u tal-ispazji pubbliċi.

#### Investiment RE-C03-i03-RAM: Reazzjonijiet soċjali fir-Reġjun Awtonomu ta' Madeira (ARM)

L-objettiv ta' din il-miżura huwa li tappoġġa s-servizzi soċjali fir-Reġjun Awtonomu ta' Madeira.

Dan l-investiment jikkonsisti fil-bini u r-rinnovazzjoni ta' faċilitajiet ta' appoġġ soċjali għall-anzjani jew għall-persuni bi bżonnijiet speċjali, u għall-persuni mingħajr dar.

#### Investiment RE-C03-i04-RAA: Strateġija Reġjonali għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali — Networks ta' Appoġġ Soċjali (ARA)

L-objettiv ta' din il-miżura huwa li tappoġġa s-servizzi soċjali u edukattivi fir-Reġjun Awtonomu tal-Azores.

Dan l-investiment jikkonsisti, *fost l-oħrajn*, fl-għoti ta' taħriġ, il-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-bini, l-allokkazzjoni ta' vetturi elettriċi lill-istituzzjonijiet soċjali, kif ukoll miżuri li jappoġġaw l-aċċess għas-servizzi soċjali u edukattivi għat-tfal, iż-żgħażaġh, l-anzjani u l-persuni b'diżabilità.

#### Investiment RE-C03-i05: Pjattaforma + Aċċess

L-objettiv ta' din il-miżura huwa li trawwem l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità.

L-investiment jikkonsisti f'sit web pubbliku li jaggrega u jissimplifika l-informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni u dwar l-appoġġ disponibbli għall-persuni b'diżabilità u ċentru telefoniku għall-interpretazzjoni tal-lingwa tas-sinjali Portugiża.

#### Investiment RE-C03-i06: Interventi soċjali f'komunitajiet żvantaġġati fiż-Żoni Metropolitan ta' Lisbona u Porto

L-objettiv ta' din il-miżura huwa l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali fiż-Żoni Metropolitan ta' Lisbona u Porto u territorji oħra fuq l-art kontinentali.

Dan l-investiment jikkonsisti f'sett ta' interventi fi spazji pubbliċi, infrastrutturi soċjali u sportivi, attivitajiet soċjali u abitazzjonijiet.

#### Investiment RE-C03-i07-RAA: Network ta' djar tal-kura residenzjali għall-anzjani (ERPIS)

L-objettiv ta' din il-miżura huwa li tipprovdi appoġġ lill-anzjani fir-Reġjun Awtonomu tal-Azores.

Dan l-investiment jikkonsisti fl-espansjoni u r-rinnovazzjoni tal-faċilitajiet fid-djar tal-kura residenzjali.

#### Ir-riforma RE-C03-r38: Simplifikazzjoni tas-Sistema tas-Sigurtà Soċjali

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tissimplifika s-sistema tas-sigurtà soċjali tal-Portugall ("Sistema de Segurança Social"). Ir-riforma tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ ta' att legali dwar il-Benefiċċju Soċjali Uniku.

**C.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx**

**lura**

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investment) | L-ghanqas/ Tal-UE | L-isem   | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)   | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |        | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira   |
|-------------------|---------------------------------|-------------------|--|--|--------------------------------------|------------|--------|---|------|--|
|                   |                                 |                   |  |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan   | Q   | Snin |  |
| 3.1               | RE-C03-i01                      | T                 | Vetturi elettriċi  |  | Għadd ta' vetturi                    | 0          | 2 000  | Q1  | 2026 | Istituzzjonijiet Privati ta' Solidarjetà Soċjali (IPSS) jew entitajiet simili (pereżempju ċentri ta' matul il-jum, postijiet ta' kenn jew djar ta' appoġġ) mgħammra b' 2 0 00 vettura elettrica.   |
| 3.2               | RE-C03-i01                      | T                 | Il-ħolqien tat-Timijiet ta' Intervent Soċjali (Radar Social)   |  | Għadd                                | 0          | 278    | Q4  | 2024 | Termini ta' aċċettazzjoni ffirmati mill-muniċipalitajiet biex jinħolqu 278 Timijiet ta' Intervent Soċjali fil-Portugall kontinentali.  |
| 3.3               | RE-C03-i01                      | M                 | L-għoti ta' kuntratti ta' appoġġ lil korpi li jippromwvu l-ħolqien u l-espansjoni tan-network ta' faċilitajiet soċjali/risponsi soċjali. | Għoti ta' kuntratti ta' appoġġ lill-korpi ta' promozzjoni għan-network ta' faċilitajiet/risponsi soċjali |                                      |            |        | Q2  | 2022 | It-tieni TRIMESTRU TAT-2 L-għoti ta' kuntratt ta' appoġġ lill-korpi ta' promozzjoni li applikaw għall-kompetizzjoni għall-ħolqien u l-espansjoni tan-network ta' faċilitajiet soċjali/risponsi soċjali (li jkopru t-fal, l-anzjani, il-persuni b'diżabbiltà u oħrajn) u li nstabu li huma skont ir-Regolament definit, fi ħdan il-pakkett disponibbli. Fil-każ ta' kostruzzjoni ġdida ta' bini, il-proċedura tal-offerti għandha tiżgura li l-bini l-ġdid ikollu domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżiti ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-zero. |
| 3.4               | RE-C03-i01                      | T                 | Programm għar-Rikwalifikazzjoni u l-Espansjoni tan-Network ta' Faċilitajiet u Servizzi Soċjali   |  | Għadd                                | 0          | 28 000 | Q1  | 2026 | Mill-inqas 28 000 post ġdid jew rinnovat taħt il-Programm għar-Rikwalifikazzjoni u l-Espansjoni tan-Network ta' Faċilitajiet u Servizzi Soċjali.   |
| 3.6               | RE-C03-i02                      | T                 | Abitazzjonijiet b'aċċessibbiltà mtejbja għall-persuni b'diżabbiltà   |  | Għadd                                | 0          | 190    | Q2  | 2024 | L-għadd ta' abitazzjonijiet li jibbenefikaw minn interventi biex jittejjbu l-kundizzjonijiet ta' aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà.   |
| 3.7               | RE-C03-i02                      | T                 | Abitazzjonijiet u faċilitajiet ta' servizz pubbliku  |  | Għadd                                | 190        | 1 250  | Q2  | 2026 | L-għadd ta' abitazzjonijiet jew faċilitajiet ta' servizz pubbliku li jibbenefikaw minn interventi taħt il-Programm ta' Intervent għall-Akkomodazzjoni jew il-Programm ta' Intervent għall-Bini Pubbliku.   |
| 3.8               | RE-C03-i02                      | T                 | Programm ta' Intervent fit-Triq Pubblika (PIVP)  |  | m <sup>2</sup>                       | 0          | 75 000 | Q2  | 2026 | Erja f'metri kwadri li tibbenefika minn interventi taħt il-Programm ta' Intervent fit-Triq Pubblika.   |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investment) | L-ghanqas/Tal-UE | L-isem   | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)            | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |       | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira  |
|-------------------|---------------------------------|------------------|--|---|--------------------------------------|------------|-------|---|------|---|
|                   |                                 |                  |  |   | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan  | Q   | Snin |   |
| 3.10              | RE-C03-i03-RAM                  | T                | Postijiet ġodda jew rinnovati fid-djar tal-kura  |   | Għadd                                | 0          | 582   | Q2  | 2026 | L-għadd ta' postijiet ġodda jew rinnovati disponibbli fid-djar tal-kura għall-anzjani.  |
| 3.11              | RE-C03-i03-RAM                  | T                | Pjanijiet LIFE għall-integrazzjoni ta' persuni mingħajr dar.   |   | Għadd                                | 0          | 20    | Q4  | 2022 | Għadd ta' Pjanijiet tal-Ħajja għall-integrazzjoni ta' persuni mingħajr dar iffirmati.   |
| 3.12              | RE-C03-i04-RAA                  | T                | Taħriġ taħt kuntratti bejn Direção Regional para a Promoção da Igualdade e Inclusão Fornituri soċjali u tat-taħriġ |   | Numru ta' ċertifikati                | 0          | 2 500 | Q4  | 2025 | 2 500 ċertifikati maħruġa minn fornituri tat-taħriġ taħt kuntratti ma' Direção Regional para a a Promoção da Igualdade e Inclusão Social, għall-forniment ta' servizzi ta' taħriġ.  |
| 3.13              | RE-C03-i04-RAA                  | T                | Kostruzzjoni jew rinnovazzjoni ta' bini għal persuni b'diżabilità  |   | Numru ta' bini                       | 0          | 3     | Q2  | 2026 | Kostruzzjoni ta' żewġ binjiet u r-rinnovazzjoni ta' binja waħda għaċ-ċentri tal-kura għall-persuni b'diżabilità.  |
| 3.14              | RE-C03-i04-RAA                  | T                | Vetturi elettriċi għall-Instituições Particulares de Solidariedade Social  |   | Għadd ta' vetturi                    | 0          | 130   | Q4  | 2025 | Instituições Particulares de Solidariedade Social (IPSS) mgħammar b' 130 vettura elettrika.   |
| 3.15              | RE-C03-i04-RAA                  | M                | Programm tal-proġett dwar it-tixjijih fis-seħħ   | Ordni amministrattiva maħruġa mill-Gvern Reġjonali tal-Azores |                                      |            |       | Q2  | 2025 | Ordni amministrattiva maħruġa mir-Reġjun Awtonomu tal-Azores li tagħżel mill-inqas 425 persuna anzjana taħt il-programm tat-Tixjijih fis-seħħ.  |
| 3.16              | RE-C03-i04-RAA                  | M                | Miżuri li jappoġġaw l-aċċess tat-tfal u taż-żgħażaġh għas-servizzi soċjali u edukattivi                            | Deċiżjonijiet uffiċjali                                       |                                      |            |       | Q4  | 2025 | Miżuri li jappoġġaw il-parteċipazzjoni fl-iskejjel u fl-edukazzjoni għolja permezz ta': I) eżenzjoni mill-allowances tal-familja għall-attendenza fi crèches jew nurseries għas-snin 2021 sa 2025; II) ċentri ta' appoġġ għall-istudju; III) programm ta' boroż ta' studju għal studenti tal-Edukazzjoni Għolja minn familji b'introjtu baxx. |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investment) | L-ghanqas/Tal-UE | L-isem  | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)   | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-flestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira  |
|-------------------|---------------------------------|------------------|---|--|--------------------------------------|------------|------|---|------|---|
|                   |                                 |                  |   |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |   |
| 3.17              | RE-C03-i05                      | M                | Pubblikazzjoni tal-Offerta għall- "Bini ta' infrastruttura diġitali għall-Aċċessibbiltà 360°" | Pubblikazzjoni tal-avviż tas-Sejħa għall-Offerti għall-Akkwist ta' infrastruttura diġitali għall-Aċċessibbiltà 360° fil-Ġurnal Uffiċjali — Diario da Republica |                                      |            |      | Q4  | 2021 | Il-pubblikazzjoni ta' sejħa għall-offerti għall-bini tal-infrastruttura diġitali li tkopri i) informazzjoni ġeoreferenzjata dwar bini pubbliku u privat, ii) Sistemi ta' Informazzjoni u Pożizzjonament Globali (GPS), iii) ġeoreferenzjar tal-ispazji ta' parkeġġ.   |
| 3.18              | RE-C03-i05                      | M                | Riżorsi ta' informazzjoni diġitali għall-persuni b'diżabilità                                 | Informazzjoni fuq sit web u applikazzjoni mobbli   |                                      |            |      | Q4  | 2024 | Informazzjoni aggregata u simplifikata dwar il-leġiżlazzjoni u dwar l-appoġġ disponibbli għall-persuni b'diżabilità disponibbli fuq sit web u t-tneġġija ta' applikazzjoni għat-telefowns ċellulari.  |
| 3.19              | RE-C03-i05                      | M                | Ċentru tas-sejħa għal-Lingwa tas-sinjali Portugiża  | Protokoll iffirmat   |                                      |            |      | Q4  | 2025 | Protokoll Iffirmat biex jiddefinixxi r-regoli għaċ-Ċentru ta' Kuntatt għal-Lingwa tas-Sinjali Portugiż.   |
| 3.20              | RE-C03-r08                      | M                | Adozzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Għieda kontra l-Faqar                              | Adozzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Għieda kontra l-Faqar   |                                      |            |      | Q3  | 2021 | It-tieni TRIMESTRU TAT-3 L-istrateġija Nazzjonali għall-Għieda kontra l-Faqar (ENCP) tipprovdi l-qafas għal interventi tematiċi għal gruppi speċifiċi, mit-tfulija sal-età avvanzata, inklużi l-gruppi l-aktar vulnerabbli. Din tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki integrati li jiffukaw fuq l-ispeċifità tal-esklużjoni soċjali u l-faqar fil-livell lokali. Barra minn hekk, jagħti mandat ukoll għall-ħolqien ta' qafas uniku ta' monitoraġġ għall-indikaturi relatati mal-faqar.  |
| 3.21              | RE-C03-r06                      | M                | Adozzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Inklużjoni ta' Persuni b'Diżabilità 2021–2025      | Adozzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Inklużjoni ta' Persuni b'Diżabilità 2021–2025   |                                      |            |      | Q4  | 2021 | L-istrateġija Nazzjonali għall-Inklużjoni tal-Persuni b'Diżabilità għandha toħloq il-kundizzjonijiet għal: <ul style="list-style-type: none"> <li>• sistema ġdida ta' valutazzjoni u ċertifikazzjoni tad-diżabilità;</li> <li>• sistema ġdida ta' għir u trattament ta' data u organizzazzjoni ta' informazzjoni relatata mad-diżabilità biex tappoġġja t-tehd ta' deċiżjonijiet;</li> <li>• il-kwalifika tal-interventi fl-ispazji pubbliċi;</li> <li>• l-integrazzjoni tal-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità fid-deċiżjonijiet, il-miżuri, il-programmi u l-proġetti;</li> <li>• l-estensjoni tal-Mudell ta' Appoġġ għal Għajxien Indipendenti, li jipprovdi assistenza personali lill-persuni b'diżabilità;</li> <li>• aġġustament tas-sistema ta' taħriġ, impjeg u kwalifiki għall-persuni b'diżabilità.</li> </ul> |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investment) | L-għanqas/ Tal-UE | L-isem  | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)   | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira  |
|-------------------|---------------------------------|-------------------|---|--|--------------------------------------|------------|------|---|------|---|
|                   |                                 |                   |   |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |   |
| 3.22              | RE-C03-r05                      | M                 | Dħul fis-seħħ tar-Reġim ta' Installazzjoni ta' Tagħmir Soċjali Simplifikat  | Dħul fis-seħħ tar-Reġim ta' Installazzjoni ta' Tagħmir Soċjali Simplifikat   |                                      |            |      | Q4  | 2021 | Dħul fis-seħħ tar-Reġim ta' Installazzjoni ta' Tagħmir Soċjali Simplifikat bil-karatteristiċi li ġejjin<br>— L-istabbiliment ta' rekwiżiti ta' liċenzjar u regolarizzazzjoni tal-Istruttura Residenzjali għall-Anzjani li qed joperaw illegalment;<br>— L-introduzzjoni ta' kriterji ta' kwalità fis-servizzi u fil-faċilitajiet soċjali tal-kura;<br>— Il-ħolqien tal-qafas għall-introduzzjoni ta' tipi ġodda ta' risponsi soċjali bħall-akkomodazzjoni kollaborattiva u mudelli ġodda ta' appoġġ għad-dar biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet differenti tal-anzjani.   |
| 3.23              | RE-C03-r07                      | M                 | Approvazzjoni ta' Pjanijiet ta' Azzjoni għal komunitajiet żvantaġġati fiż-Żoni Metropolitan ta' Lisbona u Porto   | Approvazzjoni ta' Pjanijiet ta' Azzjoni għal komunitajiet żvantaġġati fiż-Żoni Metropolitan ta' Lisbona u Porto għat-territorji kkonċernati. |                                      |            |      | Q4  | 2021 | Approvazzjoni ta' Pjanijiet ta' Azzjoni għal komunitajiet żvantaġġati miż-Żoni Metropolitan ta' Lisbona u Porto. Il-pjanijiet ta' azzjoni għandhom jiffukaw fuq żewġ oqsma ewlenin: I) Interventi fi spazju pubbliku u infrastrutturi soċjali bħal crèches u skejjes primarji, faċilitajiet tal-kura tas-saħħa u faċilitajiet għal avvenimenti kulturali, workshops u/jew korsijiet ta' taħriġ; II) Interventi ta' natura intanġibbli għall-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali, bħall-involvement attiv tal-komunitajiet fit-fassil u l-implimentazzjoni tagħhom, il-promozzjoni tal-intraprenditorija ta' negozji żgħar u bbażati lokalment, it-fassil ta' proġetti għall-ġlieda kontra l-falliment u t-tluq bikri mill-iskola, l-offerta ta' taħriġ vokazzjonali u l-promozzjoni tal-isport. Għandu jiġi stabbilit mudell ta' governanza, ibbażat fuq prinċipji ta' governanza f'diversi livelli u li jinvolvi atturi differenti mill-gvern ċentrali sa żoni/viċinati lokali. Fl-istess ħin, għandu jkun hemm Unitajiet Tekniċi Lokali bħala mexxejja operattivi ta' dan il-mudell biex jippromwovu s-sjeda u l-prossimità fil-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-kuntratti. |
| 3.24              | RE-C03-i06                      | M                 | L-iffirmar ta' ftehimiet bejn il-muniċipalitajiet ta' Lisbona/Porto u l-Unitajiet Tekniċi Lokali li jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri li għandhom jiġu appoġġjati. | Iffirmar ta' ftehimiet dwar il-pjanijiet rigward it-12-il qasam ta' intervent  |                                      |            |      | Q1  | 2022 | L-iffirmar ta' ftehimiet bejn iż-Żoni Metropolitan ta' Porto u Lisbona u l-Unitajiet Tekniċi Lokali inkarigati minn kull waħda mit-12 żona ta' intervent (jiġifieri, viċinati) li jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri li għandhom jiġu appoġġjati, l-iskeda ta' żmien tal-eżekuzzjoni tagħhom, l-appoġġ baġitarju ta' EUR 225 miljun allokati, u l-indikaturi tal-prestazzjoni magħżula. Il-miżuri li għandhom jiġu appoġġjati għandhom jappartjenu għall-kategoriji li ġejjin:<br>• Il-promozzjoni tas-saħħa u l-kwalità tal-ħajja tal-komunitajiet<br>• Tiġib fiżiku tal-isparju pubbliku jew it-tisħiħ tal-infrastruttura soċjali, tas-saħħa, tad-djar jew tal-isport<br>• Ir-riġenerazzjoni ekonomika ta' żoni soċjalment żvantaġġati<br>• Intraprenditorija ta' negozji żgħar u lokali  |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investment) | L-ghanqas/ Tal-UE | L-isem   | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)                                  | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |             | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira   |
|-------------------|---------------------------------|-------------------|--|---|--------------------------------------|------------|-------------|---|------|--|
|                   |                                 |                   |  |   | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan        | Q   | Snin |  |
|                   |                                 |                   |  |   |                                      |            |             |   |      | <ul style="list-style-type: none"> <li>L-aċċess għas-saħħa, l-iżvilupp tas-saħħa tal-komunità u l-ġlieda kontra d-dipendenzi</li> <li>Programmi ta' tixjijh attiv u b'saħħtu</li> <li>Proġetti għall-ġlieda kontra l-falliment u t-tluq bikri mill-iskola</li> <li>Il-kwalifiki tal-adulti u ċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet</li> <li>Dijanjożi tal-ħtiġijiet tal-popolazzjoni u l-iżvilupp tal-litteriżmu għall-adulti, it-tagħlim tal-lingwi Portugiżi u l-programmi ta' inklużjoni diġitali</li> <li>It-taħriġ vokazzjonali u l-politiki</li> <li>Aċċess għall-kultura u l-kreattività</li> <li>Il-parteċipazzjoni tal-Komunità fil-ġestjoni tal-programm</li> <li>L-għoti tas-setgħa lill-atturi lokali fin-netwerks ta' sħubija</li> <li>Soluzzjonijiet għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali</li> <li>Il-promozzjoni tal-isport</li> <li>Iċ-ċittadinanza u l-aċċess għad-drittijiet u l-parteċipazzjoni ċivika</li> </ul> <p>It-termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jinkludu kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La taġhmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.</p> |
| 3.25              | RE-C03-i06                      | M                 | Pubblikazzjoni ta' rapport ta' monitoraġġ miż-Żoni Metropolitan ta' Porto u Lisbona dwar il-miżuri meħuda f'kull wieħed mit-12-il qasam ta' intervent. | Pubblikazzjoni ta' rapport ta' monitoraġġ miż-Żoni Metropolitan ta' Porto u Liżbona |                                      |            |             | Q2  | 2024 | It-tieni TRIMESTRU TAT-2 Pubblikazzjoni ta' rapport ta' monitoraġġ miż-Żoni Metropolitan ta' Porto u Lisbona li jiddeskrivi l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-miżuri ffinanzjati mill-programm f'kull qasam ta' intervent, inkluż l-eżekuzzjoni baġitarja u l-prestazzjoni skont l-indikaturi magħżula għal kull miżura.   |
| 3.26              | RE-C03-i06                      | T                 | Żborż għall-miżuri soċjali   |   | EUR                                  | 0          | 225 000 000 | Q1  | 2026 | Żborż ta' mill-inqas EUR 225 000 000 taħt il-kategoriji elenkati fl-istadju importanti 3.24, kif ukoll f'muniċipalitajiet oħra taħt il-Programm għal Viċinati b'Saħħithom.   |
| 3.28              | RE-03-i07-RAA                   | T                 | Postijiet ġodda jew rinnovati fi djar tal-kura residenzjali  |   | Għadd                                | 0          | 113         | Q1  | 2026 | L-għadd ta' postijiet ġodda jew rinnovati fid-djar tal-kura residenzjali għall-anzjani (ERPIS) fir-Reġjun Awtonomu tal-Azores.   |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investment) | L-ghanqas/ Tal-UE | L-isem                   | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)                           | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira  |
|-------------------|---------------------------------|-------------------|--------------------------|--|--------------------------------------|------------|------|---|------|---|
|                   |                                 |                   |                          |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |   |
| 3.30              | RE-C03-r38                      | M                 | Benefiċċju Soċjali Uniku | Dispożizzjoni fil-leġiżlazzjoni li tindika d-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni |                                      |            |      | Q2  | 2026 | Id-dħul fis-seħħ ta' att legali dwar il-Benefiċċju Soċjali Uniku, li jikkonsolida minimu ta' tmien benefiċċji soċjali mhux kontributorji, inkluża l-iskema ta' introjtu minimu ("Rendimento Social de Inserção"), wara konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati. |

## **D. IL-KOMPONENT 4: Il-kultura**

Il-komponent jindirizza kemm l-isfidi relatati mal-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 kif ukoll il-problemi ta' legat li jirriżultaw minn sitwazzjoni ta' nuqqas kroniku ta' riżorsi għaż-żamma, ir-rinnovazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-installazzjonijiet u t-tagħmir kulturali.

L-objettivi ewlenin tal-komponent Kultura huma r-rinnovazzjoni tal-bini u l-monumenti nazzjonali; il-protezzjoni ta' tekniki u professjonijiet artiġjanali; il-modernizzazzjoni tal-infrastruttura teknoloġika u l-installazzjonijiet kulturali; id-diġitalizzazzjoni ta' xogħlijiet tal-arti u l-wirt kulturali; u l-internazzjonalizzazzjoni, il-modernizzazzjoni u t-tranżizzjoni diġitali tal-ħwienet tal-kotba u l-pubblikazzjoni tal-kotba.

Il-komponent jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż biex jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiġi indirizzata b'mod effettiv il-pandemija, tiġi sostnuta l-ekonomija u jiġi appoġġat l-irkupru tagħha (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2020); u tappoġġa l-użu ta' teknoloġiji diġitali biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-kumpaniji (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### **D.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

#### **Investiment RE-C04-i01: Networks Kulturali u Tranżizzjoni Diġitali**

L-objettiv tal-miżura huwa t-titjib tal-infrastruttura teknoloġika tal-installazzjonijiet kulturali pubbliċi li jrawmu t-tranżizzjoni diġitali tagħhom.

Dan l-investiment jikkonsisti fil-konsenja ta' tagħmir għall-faċilitajiet kulturali u d-diġitalizzazzjoni tad-dokumenti.

#### **Investiment RE-C04-i02: Il-wirt Kulturali**

L-objettiv ta' din il-miżura huwa r-rinnovazzjoni tal-installazzjonijiet kulturali kklassifikati bħala wirt kulturali.

Dan l-investiment jikkonsisti fl-inizjattiva “*Saber Fazer*” u jaħdem għal 84 sit kulturali.

**D.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura**

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investment) | Stadju Important i/ Mira | L-isem   | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)   | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira   |
|-------------------|---------------------------------|--------------------------|--|--|--------------------------------------|------------|------|---|------|--|
|                   |                                 |                          |  |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |  |
| 4.1               | RE-C04-i01                      | M                        | Speċifikazzjonijiet teknoloġiċi għan-netwerk ta' faċilitajiet kulturali                                    | Rapport dwar l-ispeċifikazzjonijiet teknoloġiċi għan-netwerk ta' faċilitajiet kulturali  |                                      |            |      | Q2  | 2022 | Definizzjoni dettaljata tal-ispeċifikazzjonijiet teknoloġiċi għan-netwerk ta' faċilitajiet kulturali.  |
| 4.3               | RE-C04-i01                      | M                        | Bdil ta' dokumenti f'format diġitali   | Bdil ta' dokumenti f'format diġitali   |                                      |            |      | Q4  | 2025 | 25 kuntratti eżegwiti għad-diġitalizzazzjoni ta' dokumenti mil-Libreriji Pubbliċi, id-Direttorat Ġenerali għall-Kotba, l-Arkivji u l-Libreriji, iċ-Cinematheque, u l-Património Cultural I.P.  |
| 4.4               | RE-C04-i01                      | T                        | Tagħmir għall-faċilitajiet kulturali   |  | Għadd                                | 0          | 449  | Q1  | 2026 | Il-konsenja ta' tagħmir jew software lil 444 faċilità kulturali, erba' laboratorji u l-Arkivju Nazżjonali ta' Sound.   |
| 4.9               | RE-C04-i01                      | M                        | Modernizzazzjoni teknoloġika ta' ANIM — l-Arkivju Nazżjonali tal-Immaġnijiet Mobbli                        | Kunsinna ta' tagħmir   |                                      |            |      | Q3  | 2023 | Twassil ta' tagħmir għall-modernizzazzjoni teknoloġika tal-Arkivju Nazżjonali tal-Immaġnijiet Mobbli.  |
| 4.6               | RE-C04-i02                      | M                        | L-istabbiliment tan-netwerk "Saber Fazer"  | Il-ħolqien ta' repożitorju ta' informazzjoni u dokumentazzjoni dwar il-produzzjoni artiġjanali domestika, l-identifikazzjoni u l-immappjar tal-materja prima |                                      |            |      | Q4  | 2022 | L-istabbiliment tan-netwerk "Saber Fazer": il-ħolqien ta' repożitorju ta' informazzjoni u dokumentazzjoni dwar il-produzzjoni artiġjanali domestika; u l-identifikazzjoni u l-immappjar tal-materja prima użata fil-produzzjoni artiġjanali. |
| 4.7               | RE-C04-i02                      | T                        | Kuntratti ffirmati għar-riabilitazzjoni u l-konservazzjoni ta' bini ta' wirt kulturali u teatri nazżjonali |  | Għadd                                | 0          | 49   | Q3  | 2023 | L-għadd ta' siti kulturali li għalihom jiġu ffirmati kuntratti għar-riabilitazzjoni u l-konservazzjoni ta' mużewijiet, monumenti, palazzi tal-istat u teatri nazżjonali.   |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investiment) | Stadju Importanti/ Mira | L-isem   | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|-------------------|----------------------------------|-------------------------|--|--|--------------------------------------|------------|------|---|------|--|
|                   |                                  |                         |  |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |  |
| 4.8               | RE-C04-i02                       | T                       | Eżekuzzjoni ta' xogħlijiet għal siti kulturali |  | Għadd                                | 0          | 84   | Q1  | 2026 | L-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet għal 84 sit kulturali.                |

## **E. IL-KOMPONENT 5: Investiment u Innovazzjoni**

Dan il-komponent tal-pjan Portugiż għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfidi relatati mal-livell relattivament modest ta' riċerka u innovazzjoni, b'mod partikolari permezz tat-trawwim tar-rabtiet bejn in-negozju u x-xjenza u b'enfasi partikolari fuq l-innovazzjoni fuq it-tranżizzjoni ekoloġika, u l-isfidi relatati mas-sottokapitalizzazzjoni kronika tas-settur tan-negozju Portugiż li kompliet tiddeterjora bħala konsegwenza tal-pandemija tal-COVID-19.

L-objettiv tal-komponent huwa li jżid il-kompetittività u r-reżiljenza tal-ekonomija Portugiża permezz ta' miżuri mfassla biex isaħħu r-riċerka, billi jrawmu t-trasferiment tar-riżultati tagħha lis-settur tan-negozju, u b'hekk jippromwovu l-innovazzjoni u l-investment. Il-parti tal-komponent għar-riċerka u l-innovazzjoni għandha l-għan li ttejjeb il-kooperazzjoni bejn l-akkademja u n-negozju, issaħħaħ il-potenzjal xjentifiku u teknoloġiku tal-Portugall u tappoġġa l-implimentazzjoni ta' aġendi ambizzjużi u komprensivi ta' riċerka u innovazzjoni li jindirizzaw sfidi soċjoekonomiċi u ambjentali ewlenin. Dan huwa mistenni li jinkiseb permezz ta' investimenti akbar u aktar effettivi fir-R & D fl-innovazzjoni, appoġġ immirat biex ir-riżultati tar-riċerka jissarrfu aħjar f'investment, diversifikazzjoni u speċjalizzazzjoni tal-istruttura produttiva, l-isfruttar tal-potenzjal attwali għal affermazzjoni kompetittiva ta' setturi industrijali stabbiliti u oqsma emerġenti u l-kontribut għat-tranżizzjoni doppja. B'mod partikolari, dan il-komponent għandu l-għan li jżid l-esportazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi ta' valur miżjud għoli, iżid l-investment fir-R & D (kemm permezz ta' impjegi ġodda b'ħiliet għolja kif ukoll billi jżid in-nefqa fir-R & D mid-ditti), u jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>.

F'konformità mal-ħtieġa li tiġi appoġġata s-solvenza tas-sistema produttiva u li jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq fl-aċċess għall-finanzi, dan il-komponent jinkludi riforma u investimenti li jikkontribwixxu għat-titjib tas-suq tal-finanzjament korporattiv Portugiż, permezz tal-ħolqien u t-tiżiħ tal-kapital tal-Bank Promozzjonali Nazzjonali, *tal-Banco Português de Fomento* u l-iżvilupp ta' strumenti finanzjarji ġodda. Il-komponent jintroduċi wkoll riformi tas-suq kapitali biex jissaħħu s-swieq kapitali fil-Portugall fit-tul permezz tar-reviżjoni tal-qafas legali eżistenti u l-adozzjoni ta' liġijiet ġodda, b'enfasi partikolari fuq il-kumpaniji tal-investment tat-titoli għall-iżvilupp tal-ekonomija (SIMFEs), l-impriżi ta' investment kollettiv u r-reviżjoni tal-kodiċi tat-titoli.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż dwar l-investment fit-tranżizzjoni klimatika (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020), ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż dwar l-iffukar tal-politika ekonomika relatata mal-investment fl-innovazzjoni (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019) u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020 (Investiment iffukat fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali). Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri temporanji mmirati lejn l-iżgurar tal-aċċess għal-likwidità għad-ditti, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-promozzjoni tal-investment privat biex jitrawwem l-irkupru ekonomiku (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

## E.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

### Ir-riforma RE-r09: Il-promozzjoni tar-R & I & Ż u l-investment innovattiv fl-intrapriżi

L-objettiv tar-riforma huwa li jitrawwem l-investment fir-R & D, b'mod partikolari billi jiġu żgurati kundizzjonijiet qafas li jwasslu biex l-investment pubbliku u privat fir-R & D ikun aktar effiċjenti u effettiv. Ir-riforma hija parti mill-aġġornament tal-Istrateġija għall-Innovazzjoni Teknoloġika u tal-Intrapriżi 2018–2030. Dan l-aġġornament għandu l-għan li jiffaċilita l-finanzjament u l-operazzjonalizzazzjoni ta' sħubijiet pubbliċi-privati b'appoġġ għal aġendi ambizzjużi ta' riċerka u innovazzjoni. Ir-riforma għandha l-għan li tissimplifika l-aċċess għall-istrumenti ta' finanzjament għall-attivitajiet tar-R & D u li tgħin biex ittejjeb il-prevedibbiltà u l-istabbiltà tal-finanzjament billi tistabbilixxi qafas ta' programmazzjoni pluriennali għall-investment pubbliku fir-R & D, bl-appoġġ ta' sistema ta' monitoraġġ indipendenti tal-investment fir-R & D. L-investimenti li għandhom jiġu implimentati fir-rigward ta' din ir-riforma huma RE-C05-i01.01 u RE-C05-i01.02.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2021.

### Ir-riforma RE-r11: Estensjoni u konsolidazzjoni tan-network tal-Istituzzjonijiet tal-Interface.

L-għan tar-riforma huwa li jittejjeb r-rabtiet bejn l-akkademja u n-negozju sabiex jissaħħu l-flussi tal-għarfien u t-trasferiment tat-teknoloġija.

Ir-riforma għandha tikkonsisti f'reviżjoni u standardizzazzjoni tal-qafas leġiżlattiv u regulatorju tas-Sistema tal-Interfaċċa tat-Teknoloġija, b'mod partikolari ċ-Ċentri Teknoloġiċi u ċ-Ċentri INTERFACE maħluqa taħt il-Programm INTERFACE. Iċ-Ċentri Teknoloġiċi u ċ-Ċentri INTERFACE jgħaqqdu l-organizzazzjonijiet tar-riċerka (inklużi l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja) u l-kumpaniji, sabiex jappoġġaw it-trasferiment tal-għarfien u tat-teknoloġija. Ir-riforma tistabbilixxi l-proċess għall-istabbiliment ta' dawn l-entitajiet u l-mudell ta' governanza u finanzjament tagħhom.

Il-grupp ta' Ħidma dwar l-Abilitazzjoni tal-Infrastrutturi Teknoloġiċi stabbilit mill-Gvern huwa inkarigat mit-tnejn tal-proposta leġiżlattiva.

L-investimenti li għandhom jiġu implimentati fir-rigward ta' din ir-riforma huma RE-C05-i01.01 u RE-C05-i01.02.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2021.

### Ir-riforma RE-r12: Aġenda ta' riċerka u innovazzjoni għall-agrikoltura, l-ikel u l-agroindustrija sostenibbli.

L-objettiv tar-riforma huwa li jissaħħa is-settur agrikolu fil-Portugall, u li tiġi żgurata s-sigurtà alimentari u nutrizzjonali, jingħata kontribut għas-saħħa u l-benesseri, tittejjeb il-ġestjoni taż-żoni rurali, tkompli l-konservazzjoni tal-biodiversità, jiġu indirizzati l-effetti tat-tibdil fil-klima, bl-adattamenti u l-kontribuzzjonijiet meħtieġa biex jittaffew l-effetti tiegħu u tingħata spinta lil attivitajiet ekonomiċi oħra, bħal, fost l-oħrajn, is-servizzi agrikoli u anke l-catering u t-turiżmu.

Ir-riforma tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Innovazzjoni għall-Agricoltura 20 ta' | 30. Dan għandu jikkonsisti fl-għoti tal-mezzi meħtieġa għall-aġġornament u t-tnejn tal-infrastruttura eżistenti kif ukoll il-promozzjoni ta' alleanzi funzjonali tul il-katina agroalimentari, in-negozji u r-

riċerka, sabiex jiġu promossi l-iżvilupp u l-integrazzjoni tar-R & Immirati lejn il-ħtiġijiet tas-settur agrikolu bil-ħsieb ta' tranżizzjoni ekoloġika u diġitali.

L-implimentazzjoni tar-riforma kellha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2020.

Investiment RE-C05-i01.01: Mobilizzazzjoni u Aġendi Ekoloġiċi/Alleanzi għall-Innovazzjoni tan-Negozju.

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jappoġġa l-kapaċitajiet xjentifiċi u teknoloġiċi tal-Portugall permezz ta' "aġendi" ambizzjużi ta' riċerka u innovazzjoni bbażati fuq konsorzji bejn in-negozji u l-akkademja.

L-investment jikkonsisti fi proġetti taħt l-Aġendi ta' Mobilizzazzjoni/Alleanzi għall-Innovazzjoni tan-Negozju.

Investiment RE-C05-i01.02: Aġendi Ekoloġiċi/Alleanzi għall-innovazzjoni tan-negozju —  
Konklużjoni ta' kuntratti

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jimplimenta l-istess strumenti bħal f'RE-C05-i01.01, madankollu, speċjalizzati fuq sett limitat ta' Aġendi Ekoloġiċi permezz ta' konsorzji bejn l-intrapriżi u l-istituzzjonijiet akkademiċi, xjentifiċi u/jew teknoloġiċi biex jappoġġaw l-innovazzjoni (b'enfasi fuq it-tranżizzjoni ekoloġika, il-qasam 022 tal-anness tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza).

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "Bla ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: I) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream<sup>5</sup>; II) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksibu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti<sup>6</sup>; III) attivitajiet relatati ma' miżbliet tal-iskart, inċineraturi<sup>7</sup> u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku<sup>8</sup>; u iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent.

<sup>5</sup> Ħlief proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-šhana, kif ukoll infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La taġħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

<sup>6</sup> Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex sostanzjalment aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokkazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

<sup>7</sup> Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

<sup>8</sup> Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Investiment RE-C05-i02: Missjoni tal-interfaċċa — tiġdid tan-netwerk ta' appoġġ xjentifiku u teknoloġiku u gwida għan-nisġa produttiva

L-objettiv tal-investment huwa li jappoġġa u jagħti s-setgħa lis-sistema xjentifika u teknoloġika nazzjonali u li jżid ir-rabtiet bejn id-dinja akkademika tan-negozju biex jiġi żgurat trasferiment effiċjenti tat-teknoloġija u t-traduzzjoni tar-riżultati tar-riċerka fl-innovazzjoni.

L-investment jikkonsisti fil-finanzjament ta' servizzi tekniċi jew ta' trasferiment tat-teknoloġija pprovduti minn entitajiet tal-interfaċċa, inklużi Laboratorji Kollaborattivi (CoLAB).

Investiment RE-C05-i03: Aġenda ta' riċerka u innovazzjoni għall-agrikoltura, l-ikel u l-agroindustrija sostenibbli [Aġenda ta' Innovazzjoni għall-Agricoltura 2030].

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jagħti spinta lir-riċerka u l-innovazzjoni biex tinkiseb agrikoltura aktar sostenibbli.

L-investment jikkonsisti fl-appoġġ tal-Aġenda ta' Innovazzjoni għall-Agricoltura 20 ta' | 30".

Investiment RE-C05-i04-RAA: Rikapitalizzazzjoni tas-Sistema tan-Negozju tal-Azores

L-għan tal-miżura huwa li tindirizza l-problema strutturali tas-sottokapitalizzazzjoni tad-ditti fir-Reġjun Awtonomu tal-Azores.

Dan l-investment jikkonsisti f'veikolu bi skop speċjali li jinvesti EUR 30 000 000 f'ditti tal-Azores prinċipalment fil-forma ta' ekwità u kważi ekwità.

Investiment RE-C05-i15-RAA: Fond ta' ekwità għar-rikapitalizzazzjoni tas-Sistema tan-Negozju tal-Azores

L-għan tal-miżura huwa li tindirizza l-problema strutturali tas-sottokapitalizzazzjoni tad-ditti fir-Reġjun Awtonomu tal-Azores.

Din il-miżura għandha tikkonsisti f'investiment pubbliku f'Faċilità sabiex jiġi inċentivat l-investment privat u jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament fir-Reġjun Awtonomu tal-Azores, biex jiġu żviluppati swieq kapitali f'dan ir-reġjun. Il-Faċilità għandha topera billi tipprovi ekwità direttament jew permezz ta' intermedjarji finanzjarji lis-settur privat, kif ukoll lil entitajiet tas-settur pubbliku involuti f'attivitajiet simili.

Il-Faċilità għandha tiġi ġestita *mill-Banco Português de Fomento* bħala s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni. Il-Faċilità għandha tinkludi l-linja ta' prodotti li ġejja:

- Investimenti ta' ekwità f'ditti Azoreani vijabbli. L-investment jikkomplementa l-investimenti nazzjonali mmirati lejn il-kapitalizzazzjoni ta' kumpaniji b'pakkett reġjonali u bi strumenti ddedikati li jirrispondu għall-ispeċifitajiet tal-istruttura tan-negozju tar-Reġjun Awtonomu.

Sabiex jiġi implimentat l-investment fil-Faċilità, il-Portugall u *l-Banco Português de Fomento* għandhom jiffirmaw Ftehim ta' Implimentazzjoni li għandu jinkludi l-kontenut li ġej:

1. Deskrizzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Faċilità: Id-Deċiżjoni finali dwar l-investment tal-Faċilità għandha tittieħed minn kumitat tal-investment jew korp governattiv ekwivalenti rilevanti ieħor u approvata b'maġġoranza ta' voti minn membri li huma indipendenti

mill-gvern.

2. Ir-rekwiżiti ewlenin tal-politika ta' investiment assoċjata, li għandhom jinkludu:
  - a. Id-deskrizzjoni tal-prodott finanzjarju u l-benefiċjarji finali eliġibbli.
  - b. Ir-rekwiżit li l-investimenti kollha appoġġati jkunu ekonomikament vijabbli.
  - c. Ir-rekwiżit ta' konformità mal-prinċipju "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH) kif stabbilit fil-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, fil-każ ta' appoġġ ġenerali lil korporattivi, il-politika ta' investiment għandha teskludi kumpaniji b'enfasi sostanzjali<sup>9</sup> fis-setturi li ġejjin: (I) il-produzzjoni tal-enerġija bbażata fuq il-fjuwils fossili u attivitajiet relatati<sup>10</sup>; (II) industriji intensivi fl-enerġija u/jew b'emissjonijiet għoljin ta' CO<sub>2</sub><sup>11</sup>; (III) il-produzzjoni, il-kiri jew il-bejgħ ta' vetturi li jniġġsu<sup>12</sup>; (IV) il-ġbir tal-iskart, it-trattament u r-rimi tal-iskart<sup>13</sup>, (v) l-ipproċessar tal-fjuwil nukleari, il-produzzjoni tal-enerġija nukleari. Barra minn hekk, il-politika ta' investiment għandha teħtieġ konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali tal-benefiċjarji finali tal-Faċilità.
  - d. Ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-Faċilità ma għandhomx jirċievu appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost.
3. L-ammont kopert mill-Ftehim ta' Implimentazzjoni, l-istruttura tat-tariffi għas-Sieħeb ta' Implimentazzjoni u r-rekwiżit li jiġi investit mill-ġdid kwalunkwe rimborżi skont il-politika ta' investiment tal-Faċilità.

Rekwiżiti ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll, inklużi:

1. Id-deskrizzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni biex jirrapporta dwar l-investiment mobilizzat.
2. Id-deskrizzjoni tal-proċeduri tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni li se jiżguraw il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni, u l-kunflitti ta' interess.

---

<sup>9</sup> Jitqies li Benefiċjarju Finali jkollu "fokus sostanzjali" fuq settur jew attività ta' negozju jekk tali settur jew attività jiġu identifikati bħala parti essenzjali mill-attività ta' negozju tal-Benefiċjarju Finali rispettivament fir-rigward tad-dħul gross, il-profitt, jew il-bażi tal-klijenti tal-Benefiċjarju Finali. Id-dħul gross iġġenerat mis-settur jew mill-attività ristretta ma għandux, fi kwalunkwe każ, jaqbeż il-50 % tad-dħul gross.

<sup>10</sup> Ħlief għal (a) assi u attivitajiet fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll l-infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u (b), l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

<sup>11</sup> Inklużi attivitajiet u assi taħt is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti. Meta l-attività appoġġata tikseb l-emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex aktar baxxi b'mod sinifikanti mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

<sup>12</sup> Il-vetturi li jniġġsu huma definiti bħala vetturi mingħajr emissjonijiet.

<sup>13</sup> Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet f'impjanti ddedikati esklużivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma bl-għan li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew għall-użu jew għall-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

3. L-obbligu li tiġi vverifikata l-eliġibbiltà ta' kull operazzjoni skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Ftehim ta' Implimentazzjoni qabel ma jsir impenn għall-finanzjament ta' operazzjoni.
4. L-obbligu li jitwettqu awditi ex post ibbażati fuq ir-riskju f'konformità ma' pjan ta' awditjar *tal-Banco Português de Fomento*. Dawn l-awditi għandhom jivverifikaw i) li s-sistemi ta' kontroll ikunu effettivi, inkluża l-identifikazzjoni ta' frodi, korruzzjoni, u kunflitt ta' interess; II) il-konformità mal-prinċipju DNSH, ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat; u iii) li jiġi rrispettat ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-Faċilità ma jkunux irċevew appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost. L-awditi għandhom jivverifikaw ukoll il-legalità tat-tranżazzjonijiet u li l-kundizzjonijiet tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni u tal-Ftehimiet ta' Finanzjament applikabbli qed jiġu rrispettati.

Investiment RE-C05-i05-RAA: L-irkupru Ekonomiku tal-Agricoltura tal-Azorean

L-objettiv tal-investment huwa li jagħti spinta lill-agricoltura fl-Azores, b'enfasi fuq is-sostenibbiltà u l-produzzjoni lokali. L-investment jikkonsisti fi i) proġetti ta' investment fi prodotti u proċessi ta' produzzjoni, ii) investment fit-tranżizzjoni doppja u iii) investment fir-ristrutturar tan-network reġjonali tat-tbiċċir u ċ-ċertifikazzjoni tal-kwalità tal-ħalib.

Investiment RE-C05-i07-RAM: Strumenti ta' kapitalizzazzjoni għall-kumpaniji f'Madeira

L-objettiv ta' din il-miżura huwa li tappoġġa l-investment fir-Reġjun Awtonomu ta' Madeira, bl-għan li jiġu indirizzati l-problemi ta' likwidità strutturali tal-kumpaniji lokali kif ukoll il-kompetittività tal-ekonomija reġjonali.

Dan l-investment jikkonsisti fl-għoti ta' garanziji ta' kreditu lill-kumpaniji, fuq EUR 13 000 000 ta' self, li jissussidjaw ukoll l-ispejjeż tal-imgħax fuq is-self (għal 100 % tar-rata mingħajr riskju (Euribor), flimkien ma' mill-inqas 60 % ta' firxa tar-riskju sa 3.4 %).

Investiment RE-C05-i08: Aktar Xjenza Diġitali

L-objettiv ta' din il-miżura huwa li taċċellera l-proċess tat-trasformazzjoni diġitali u d-diġitalizzazzjoni tax-xjenza u tas-servizzi li jappoġġaw is-Sistema nazzjonali tax-Xjenza & Teknoloġija.

L-investment jikkonsisti fi (i) ir-riabilitazzjoni tal-bini għall-installazzjoni tal- "Campus Science XXI" u d-disponibbiltà online tal- "Uffiċċju tax-Xjenza"; (II) iċ-ċentru tad-data/l-infrastruttura ta' appoġġ għal żewġ superkompjuters "Deucalion" u "Mare Nostrum 5", kif ukoll mudell lingwistiku kbir (LLM) bil-lingwa Portugiża tal-Portugall; (III) proġetti diġitali tar-R & Ż fl-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll sitt funzjonalitajiet tal-IA għall-proċessi tal-amministrazzjoni pubblika; u (iv) seba' servizzi elettroniċi.

Investiment RE-C05-i09 — - Espansjoni: Mobilizzazzjoni ta' Aġendi/Alleanzi għall-Innovazzjoni tan-Negozju — Konklużjoni ta' kuntratti

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jżid l-investment RE-C05-i01.01, taħt il-komponent 5. Il-parti mkabbra tal-miżura għandha iżid l-għadd ta' prodotti, proċessi jew servizzi kkompletati mill-Aġendi tal-Mobilizzazzjoni/Alleanzi għall-Innovazzjoni tan-Negozju.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.

Investiment RE-C05-i10 — - Espansjoni: Aġendi Ekoloġiċi/Alleanzi għall-innovazzjoni tan-negozju — Konklużjoni ta' kuntratti

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jżid l-investment RE-C05-i01.02 taħt il-komponent 5. Il-parti mkabbra tal-miżura għandha żżid l-għadd ta' prodotti, proċessi jew servizzi minn aġendi Ekoloġiċi addizzjonali.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.

Investiment RE-C05-i13 — Unitajiet ta' riċerka xjentifika

L-objettiv ta' dan l-investment huwa t-titjib u r-ristrutturar tal-unitajiet tar-riċerka xjentifika, inkluża t-trasformazzjoni diġitali tagħhom.

L-investment jikkonsisti fl-akkwist ta' tagħmir, għodod jew oġġetti oħra, li jistgħu jinkludu iżda mhumiex limitati għal sistemi tal-IT, għal unitajiet ta' riċerka.

Investiment RE-C05-i14 — Innovazzjoni fin-negozju

Din il-miżura għandha tikkonsisti f'investment pubbliku fi skema ta' sussidju sabiex jiġi inċentivat l-investment privat u jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament għal ditti li jiżviluppaw proġetti innovattivi. L-iskema għandha topera billi tipprovdi sussidji direttament lis-settur privat.

L-iskema għandha tiġi ġestita *mill-Banco Português de Fomento* bħala s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni. L-iskema għandha tinkludi l-linja tal-prodott li ġejja:

- Sussidji li jappoġġaw proġetti ta' investment fin-negozju f'attivitajiet b'ħiliet speċjalizzati jew fi proċessi ta' riċerka u żvilupp, li jrawmu r-rabta bejn in-negozji u x-xjenza, b'enfasi partikolari fuq l-innovazzjoni relatata mat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali.

Sabiex jiġi implimentat l-investment fl-Iskema, il-Portugall u *l-Banco Português de Fomento* għandhom jiffirmaw Ftehim ta' Implimentazzjoni li għandu jinkludi l-kontenut li ġej:

- 1) Deskrizzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Iskema: Id-Deċiżjoni finali tal-għoti tal-Iskema għandha tittieħed minn kumitat tal-investment jew korp governattiv ekwivalenti rilevanti ieħor u approvata b'maġġoranza ta' voti minn membri li huma indipendenti mill-gvern.
- 2) Ir-rekwiżiti ewlenin tal-politika assoċjata dwar is-sussidji, li għandhom jinkludu:
  - a) Id-deskrizzjoni tas-sussidji pprovduti u l-benefiċjarji finali eliġibbli.
  - b) Ir-rekwiżit li l-investimenti kollha appoġġati jkunu ekonomikament vijabbli.
  - c) Ir-rekwiżit ta' konformità mal-prinċipju "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH) kif stabbilit fil-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, il-politika ta' sussidju għandha teskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi mill-eliġibbiltà: (i) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream<sup>14</sup>, (ii) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji

---

<sup>14</sup> Ħlief għal (a) assi u attivitajiet fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-šhana, kif ukoll l-infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u (b), l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

- rilevanti<sup>15</sup>, (iii) attivitajiet u assi relatati ma' landfills tal-iskart, inċineraturi<sup>16</sup> u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku<sup>17</sup>.
- d) Ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-Iskema ma għandhomx jirċievu appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost.
- 3) L-ammont kopert mill-Ftehim ta' Implimentazzjoni, l-istruttura tat-tariffi għas-Sieħeb ta' Implimentazzjoni u r-rekwiżit li jintuża kwalunkwe rikavat mhux użat tal-iskema, inkluż lil hinn mill-2026, għall-istess finijiet ta' politika.
- 4) Rekwiżiti ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll, inklużi:
- a) Id-deskrizzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni biex jirrapporta dwar is-sussidji mobilizzati.
- b) Id-deskrizzjoni tal-proċeduri tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni li se jiżguraw il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni, u l-kunflitti ta' interess.
- c) L-obbligu li tiġi vverifikata l-eliġibbiltà ta' kull operazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Ftehim ta' Implimentazzjoni qabel ma jingħata sussidju lil operazzjoni.
- d) L-obbligu li jitwettqu awditi ex post ibbażati fuq ir-riskju f'konformità ma' pjan ta' awditjar *tal-Banco Português de Fomento*. Dawn l-awditi għandhom jivverifikaw i) li s-sistemi ta' kontroll ikunu effettivi, inkluża l-identifikazzjoni ta' frodi, korruzzjoni, u kunflitt ta' interess; II) il-konformità mal-prinċipju DNSH, ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, ir-rekwiżiti tal-miri klimatiċi u diġitali; u iii) li r-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-Iskema ma jkunux irċevew appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost jiġi rispettati. L-awditi għandhom jivverifikaw ukoll il-legalità tat-tranżazzjonijiet u li l-kundizzjonijiet tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni u tal-Ftehimiet dwar is-Sussidji applikabbli qed jiġu rispettati.
- 5) Rekwiżiti għall-investimenti klimatiċi u diġitali mwettqa mis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni: mill-inqas EUR 232 182 843 tal-investment tal-RRF fl-Iskema għandhom jikkontribwixxu għall-oġġettivi tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament RRF u mill-inqas EUR 522 411 398 għandhom jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali f'konformità mal-Anness VII tar-Regolament RRF.<sup>18</sup>

<sup>15</sup> Meta l-attività appoġġata tikseb l-emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex aktar baxxi b' mod sinifikanti mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

<sup>16</sup> Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

<sup>17</sup> Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

<sup>18</sup> Il-benefiċjarji finali assoċjati ma' proġetti speċifiċi għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu ġustifikazzjoni tal-qasam ta' intervent magħżul għal kull proġett appoġġat, flimkien ma' deskrizzjoni tal-proġett, għall-fini tal-komputazzjoni tal-kontribuzzjoni klimatika. Għall-fini tal-komputazzjoni tal-kontribuzzjoni klimatika, il-benefiċjarji finali minn ekwità, kważi ekwità, bonds korporattivi jew strumenti ekwivalenti mhux immirati lejn proġetti speċifiċi għandhom jipprovdu ġustifikazzjoni għall-qasam/oqsma ta' intervent magħżul (a). Is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu jkun meħtieġ ukoll jipprovdi lill-Istat Membru rapport semiannwali dwar l-implimentazzjoni ta' kull proġett/attività.

**E.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura**

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investiment) | L-ghanqas/ Tal-UE | L-isem   | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)   | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira   |
|-------------------|----------------------------------|-------------------|--|--|--------------------------------------|------------|------|---|------|--|
|                   |                                  |                   |  |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |  |
| 5.1               | RE-C05-r09                       | M                 | Aġġornament tal-linji gwida għall-istrateġija għall-innovazzjoni teknoloġika u kummerċjali għall-Portugall 2030                            | Pubblikazzjoni ta' linji gwida aġġornati għall-istrateġija għall-innovazzjoni teknoloġika u kummerċjali għall-Portugall 2030 |                                      |            |      | Q4  | 2021 | Aġġornament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri li tapprova l-linji gwida għal strateġija ta' innovazzjoni teknoloġika u kummerċjali għall-Portugall, 2018–2030, b'kont meħud tal-Istrateġija tal-Portugall 2030 adottata reċentement u l-isfidi l-ġodda tal-irkupru ekonomiku.   |
| 5.2               | RE-C05-r11                       | T                 | Estensjoni tan-Netwerk ta' Laboratorji Kollaborattivi Rikonoxxuti  |  | Għadd                                | 26         | 35   | Q1  | 2021 | Rikonoxximent u għoti ta' kwalifiki għal Laboratorji Kollaborattivi ġodda — Estensjoni tan-netwerk tal-Laboratorji Kollaborattivi permezz tar-rikonoxximent u l-għoti tat-titolu lil entitajiet ġodda, li jirriżultaw mill-proċess ta' applikazzjoni u evalwazzjoni mwettaq minn bord ta' evalwazzjoni indipendenti ta' esperti ta' mertu internazzjonali rikonoxxut maħtur mill-Bord ta' Tmexxija tal-FCT, I.P (Fondazzjoni għax-Xjenza u t-Teknoloġija).   |
| 5.3               | RE-C05-r11                       | M                 | Dħul fis-seħħ tar-reġim legali l-ġdid għaċ-ċentri tat-teknoloġija u l-innovazzjoni   | Dħul fis-seħħ tar-reġim legali l-ġdid għaċ-ċentri tat-teknoloġija u l-innovazzjoni   |                                      |            |      | Q4  | 2021 | Il-leġiżlazzjoni għandha tirrevedi u tistandardizza l-qafas leġiżlattiv u regolatorju tal-entitajiet li jiffurmaw parti mis-Sistema Xjentifika u Teknoloġika, filwaqt li tiddefinixxi l-mudell ta' finanzjament u evalwazzjoni tagħha.   |
| 5.4               | RE-C05-r12                       | M                 | Approvazzjoni tal-Aġenda ta' Innovazzjoni għall-Agrikoltura  | Approvazzjoni tal-Aġenda ta' Innovazzjoni għall-Agrikoltura  |                                      |            |      | Q4  | 2020 | Pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri li tapprova l-Aġenda ta' Innovazzjoni għall-Agrikoltura. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri ppubblikata fil-15 ta' Ottubru 2020.  |
| 5.5               | RE-C05-i01.01                    | T                 | Konklużjoni ta' Kuntratti għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi jew servizzi ġodda f'oqsma strateġiċi rilevanti (Aġendi ta' Innovazzjoni). |  | Għadd                                | 0          | 6    | Q4  | 2022 | Il-konklużjoni ta' sitt kuntratti (patti ta' innovazzjoni jew mobilizzazzjoni ta' proġetti) ma' konsorzji, li għandhom jinkludu: <ul style="list-style-type: none"> <li>• L-identifikazzjoni tal-entitajiet kostitwenti tal-konsorzju;</li> <li>• Il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju/l-investiment;</li> <li>• l-ammont ta' finanzjament;</li> <li>• L-obiettivi li l-benefiċjarju huwa marbut magħhom;</li> <li>• Il-forma ta' monitoraġġ.</li> </ul> Il-kuntratti għandhom jappoġġaw total ta' mill-inqas 60 prodott, proċess jew servizz. It-termini ta' referenza għandhom jinkludu kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-ekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investiment) | L-ghanqas/ Tal-UE | L-isem   | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira  |
|-------------------|----------------------------------|-------------------|--|--|--------------------------------------|------------|------|---|------|---|
|                   |                                  |                   |  |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |   |
| 5.6               | RE-C05-i01.01                    | T                 | Prodotti, proċessi jew servizzi  |  | Għadd                                | 0          | 366  | Q2  | 2026 | Valutazzjoni pożittiva mill-awtoritajiet tar-rapporti finali ta' eżekuzzjoni għal 366 prodott, proċess jew servizz, li jirriżultaw mill-kuntratti.  |
| 5.7               | RE-C05-i01.02                    | T                 | Il-konklużjoni ta' kuntratti għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi jew servizzi ġodda f'oqsma strateġiċi rilevanti għall-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, ir-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima. |  | Għadd                                | 0          | 4    | Q4  | 2022 | <p>Il-konklużjoni ta' erba' kuntratti (patti ta' innovazzjoni jew mobilizzazzjoni ta' proġetti) ma' konsorzji, li għandhom jinkludu:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>• L-identifikazzjoni tal-entitajiet kostitwenti tal-konsorzju;</li> <li>• Il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju/l-investiment;</li> <li>• L-ammont ta' finanzjament;</li> <li>• L-obiettivi li l-benefiċjarju huwa marbut magħhom;</li> <li>• Il-forma ta' monitoraġġ.</li> </ul> <p>Il-kuntratti għandhom jappoġġaw total ta' mill-inqas 40 prodott, proċess jew servizz u għandhom jirriflettu l-allinjament mal-qasam ta' intervent 022 (Proċessi ta' riċerka u innovazzjoni, trasferiment tat-teknoloġija u kooperazzjoni bejn il-kumpaniji b'enfasi fuq l-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u r-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima). It-termini ta' referenza għandhom jinkludu kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.</p> |
| 10.13             | TC-C10-i06-RAM                   | M                | Firma tal-kuntratt għal bastiment tar-riċerka bi skopijiet multipli | Firma tal-kuntratt għal bastiment tar-riċerka bi skopijiet multipli |                                      |            |      | Q2  | 2024 | Firma tal-kuntratt għall-kostruzzjoni ta' bastiment tar-riċerka bi skopijiet multipli.<br>Il-kuntratt għandu jirrikjedi l-applikazzjoni tal-kundizzjoni tad-DNSH stabbilita fid-deskrizzjoni tal-miżura.   |
| 10.14             | TC-C10-i06-RAM                   | M                | Kostruzzjoni ta' bastiment tar-riċerka u kunsinna ta' vetturi       | Kostruzzjoni u kunsinna   |                                      |            |      | Q2  | 2026 | Il-kostruzzjoni ta' bastiment tar-riċerka u l-konsenja ta' żewġ vetturi awtonomi mingħajr bdot abbord (AUV). AUV wieħed għandu jilħaq fond ta' 1 000M u l-ieħor għandu jilħaq fond ta' 6 000M.   |
| 10.15             | TC-C10-i06-RAM                   | T                | Kunsinna ta' vettura awtonoma waħda mingħajr ekwipaġġ               |   | Għadd                                | 0          | 1    | Q3  | 2024 | Kunsinna ta' vettura awtonoma waħda mingħajr ekwipaġġ: <ul style="list-style-type: none"> <li>Vettura awtonoma tal-erja tas-superfiċje (USV)</li> </ul>  |

### **J.3. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti tas-self**

#### Investiment TC-C10-i07: Trasport Marittimu Ekoloġiku

L-objettiv tal-miżura huwa li taċċellera t-tranżizzjoni enerġetika tat-trasport marittimu tal-merkanzija u tal-passiġġieri.

L-investiment jikkonsisti fl-appoġġ ta' interventi tal-effiċjenza enerġetika għall-bastimenti tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri.

**J.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għas-self**

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investment) | L-ghanqas/Tal-UE | L-isem   | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)                     | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira  |
|-------------------|---------------------------------|------------------|--|--|--------------------------------------|------------|------|---|------|---|
|                   |                                 |                  |  |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |   |
| 10.17             | TC-C10-i07                      | M                | Tnedija ta' sejħa għall-offerti għad-dekarbonizzazzjoni tal-bastimenti | Tnedija ta' sejħa għall-offerti għad-dekarbonizzazzjoni tal-bastimenti |                                      |            |      | Q3  | 2023 | It-tnedija ta' sejħa għall-offerti għad-dekarbonizzazzjoni ta' għaxar bastimenti marittimi tal-merkanzija u tat-trasport tal-passiġġieri li mill-inqas 70 % tal-bastimenti tagħhom jaqbżu t-tunnellaġġ gross (TG) ta' 5 000.<br>It-termini ta' referenza għandhom jinkludu kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u jikkontribwixxu għal tnaqqis ta' mill-inqas 10 % fil-konsum tal-fjuwil tal-bastiment espress fi grammi ta' fjuwil għal kull tunnellata ta' piż mejjet għal kull mil nawtiku f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fid-deskrizzjoni tal-miżura. Għandha tinkludi wkoll il-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE u dik nazzjonali. |
| 10.18             | TC-C10-i07                      | M                | Pagamenti għal sejħiet għall-offerti maħruġa mill-IAPMEI               | Pagamenti għal sejħiet għall-offerti maħruġa mill-IAPMEI               |                                      |            |      | Q2  | 2026 | Mill-inqas EUR 32 040 000 għandhom jitħallsu għal sejħiet għall-offerti numru 01/C10-i07/2024, 02/C10-i07/2025 u 03/C10-i07/2025, maħruġa mill-IAPMEI.  |

## **K. IL-KOMPONENT 11: Id-dekarbonizzazzjoni tal-Industrija**

Il-komponent tal-pjan Portugiż għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfida tal-kontribut tal-industrija u tal-proċessi industrijali biex jintlaħqu l-oġettivi tan-newtralità karbonika, kif identifikati fil-Pjan Direzzjonali dwar in-Newtralità tal-Karbonju 2050 u fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2030. Dan jirrikjedi trasformazzjoni strutturali, ibbażata fuq ir-rikonfigurazzjoni tal-attività industrijali, il-bidliet fil-proċessi tal-produzzjoni u l-mod li bih jintużaw ir-riżorsi.

Il-miżura ta' dan il-komponent għandha l-għan li tippromwovi d-dekarbonizzazzjoni, l-effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi, u l-użu ta' sorsi alternattivi tal-enerġija fil-proċessi industrijali. Il-proġetti li għandhom jiġu appoġġati għandhom ikunu marbuta wkoll ma' teknoloġiji ġodda, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-industrija, filwaqt li jfittxu effiċjenza akbar fid-diversi proċessi ta' produzzjoni u ta' organizzazzjoni.

Il-komponent għandu jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni klimatika tal-industrija Portugiża u jappoġġa l-kompetittività tagħha. Dan jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar l-investment fit-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari dwar il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020) u dwar l-investment fir-riċerka u l-innovazzjoni (Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż 3 2019 u 2020).

### **K.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

#### **Investiment TC-C11-i01: Dekarbonizzazzjoni tal-industrija**

L-oġettiv ta' din il-miżura huwa li tappoġġa d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija.

Dan l-investment jikkonsisti fl-appoġġ finanzjarju għal proġetti ta' dekarbonizzazzjoni fl-industrija.

**K.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx**

**lura**

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investiment) | L-għanqas/ Tal-UE | L-isem  | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)  | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira   |
|-------------------|----------------------------------|-------------------|---|---|--------------------------------------|------------|------|---|------|--|
|                   |                                  |                   |   |   | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |  |
| 11.1              | TC-C11-i01                       | M                 | L-ewwel sejħa għall-offerti għal proġetti ta' dekarbonizzazzjoni industrijali | L-ewwel sejħa għall-offerti miftuħa                 |                                      |            |      | Q4  | 2021 | <p>Il-ftuħ tal-ewwel sejħa għal proġetti għal proġetti ta' dekarbonizzazzjoni industrijali relatati ma' mill-inqas wieħed mill-oqsma li ġejjin: proċessi u teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju; l-adozzjoni ta' miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija; l-inkorporazzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-ħżin tal-enerġija; u l-għoti tas-setgħa lin-negożji.</p> <p>It-termini ta' referenza għandhom jinkludu l-kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.</p> <p>Din is-sejħa għall-offerti għandha tiżgura tnaqqis medju ta' 30 % fl-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra għall-installazzjonijiet industrijali appoġġati għal proġetti li jaqblu mal-qasam ta' intervent 024ter. Proġetti bl-ogħla effiċjenza tad-dekarbonizzazzjoni għandhom jiġu appoġġati bi prijorità.</p> |
| 11.2              | TC-C11-i01                       | M                 | Iffirmar ta' kuntratti li jagħtu appoġġ finanzjarju                           | Iffirmar ta' kuntratti li jagħtu appoġġ finanzjarju |                                      |            |      | Q4  | 2023 | <p>Mill-inqas EUR 383 000 000 mogħtija għal proġetti ta' dekarbonizzazzjoni industrijali relatati ma' mill-inqas wieħed mill-oqsma li ġejjin: proċessi u teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju; l-adozzjoni ta' miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija; l-inkorporazzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-ħżin tal-enerġija; u l-għoti tas-setgħa lin-negożji.</p> <p>L-għoti tal-kuntratti lill-proġetti magħżula skont is-sejħiet kompetittivi għal proġetti msemmija fl-istadju importanti hawn fuq għandu jiżgura l-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.</p>   |
| 11.3              | TC-C11-i01                       | T                 | Appoġġ għall-finanzjament   |   | Għadd                                | 0          | 310  | Q2  | 2025 | L-għadd ta' proġetti li rċevew appoġġ finanzjarju taħt din il-miżura.  |

## **L. IL-KOMPONENT 12: IL-BIJOEKONOMIJA**

Dan il-komponent jindirizza l-isfida tal-iżvilupp ta' bijoekonomija vijabbli, sostenibbli, ċirkolari u kompetittiva. Tranżizzjoni bħal din hija mistennija li tappoġġa l-modernizzazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-industrija billi toħloq ktajjen tal-valur ġodda u proċessi industrijali aktar ekoloġiċi.

L-objettiv ta' dan il-komponent huwa li jippromwovi u jaċċellera l-iżvilupp ta' prodotti b'valur miżjud għoli minn riżorsi bijoloġiċi bħala alternattiva għall-materjali bbażati fuq il-fossili.

Il-miżuri ta' dan il-komponent għandhom l-għan li jappoġġaw bidliet strutturali marbuta ma' din it-tranżizzjoni u għandhom jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-isfidi globali u lokali attwali, inkluż it-tibdil fil-klima, it-tnaqqis tad-dipendenza fuq ir-riżorsi fossili u l-iżvilupp sostenibbli. Tliet setturi (it-tessuti u l-ħwejjeġ, iż-żraben u r-reżina naturali) għandhom jiġu appoġġati b'mod speċifiku għall-iżvilupp ta' prodotti b'bażi bijoloġika u biex isiru aktar effiċjenti fir-riżorsi.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar l-investment fit-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari fil-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020), fl-investment fir-riċerka u l-innovazzjoni (Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż 3 2019 u 2020) u fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, b'mod partikolari billi jiżdedu l-prevenzjoni tal-iskart, ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid biex l-iskart jiġi ddevjat minn miżbliet u inċineraturi (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2022 u 2023).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### **L.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

#### **Ir-riforma TC-r25: Bijoekonomija Sostenibbli**

L-objettiv tar-riforma huwa li tippromwovi u tinċentiva l-konservazzjoni u l-użu effiċjenti tar-riżorsi bijoloġiċi. Ir-riforma tidħol fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Bijoekonomija Sostenibbli tal-Portugall, li għandu jkun soġġett għal konsultazzjoni pubblika u għandu jaġixxi bħala qafas strateġiku għall-iżvilupp sostenibbli nazzjonali. Bħala parti mill-isforz biex tiġi promossa l-bijoekonomija, il-Portugall għandu jivvaluta wkoll l-inċentivi fiskali li jistgħu jtejbu s-sostituzzjoni ta' riżorsi naturali mhux rinnovabbli b'riżorsi oħra b'bażi bijoloġika.

Ir-riforma għandha tikkonsisti minn Sistema Ġenerali għall-Ġestjoni tal-Iskart (RGGR) ġdida u l-inklużjoni ta' kriterji għax-xiri ta' prodotti b'bażi bijoloġika sostenibbli fir-rieżami tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku. Din ir-riforma għandha l-għan li tindirizza l-ostakli u r-restrizzjonijiet ewlenin identifikati fil-valorizzazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi għall-iżvilupp ta' bijoindustrija sostenibbli u ċirkolari, filwaqt li tirrispetta l-prinċipju kaskata.

L-implimentazzjoni tal-Iskema Ġenerali l-ġdida għall-Ġestjoni tal-Iskart għandha tal-anqas tneħħi r-restrizzjonijiet fuq l-użu ta' prodotti sekondarji jew skart għal prodotti ġodda billi tissimplifika l-proċeduri għall-klassifikazzjoni ta' sustanzi jew oġġetti bħala prodotti sekondarji, inkluż minn pajjiżi oħra tal-UE. L-iskema Ġenerali l-ġdida għall-Ġestjoni tal-Iskart ġiet adottata f'Diċembru 2020.

L-istrateġija Nazzjonali għall-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku għandha tiġi riveduta biex tinkludi mill-inqas kriterji ekoloġiċi obbligatorji relatati mal-akkwist ta' servizzi u prodotti (b'mod partikolari fil-qasam tal-kostruzzjoni), li jintegraw prodotti b'bażi bijoloġika sostenibbli.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2022.

#### Investiment TC-C12-i01: Il-bijoekonomija

L-objettiv tal-investment huwa li jappoġġa l-bijoekonomija.

L-investment jikkonsisti fi prodotti tal-bijoekonomija u proċessi pilota industrijali fis-setturi tat-tessuti, taż-żraben u tar-reżina naturali.

#### Ir-riforma TC-C12-r39: L-ekonomija ċirkolari u l-immaniġġjar tal-iskart

Ir-riforma għandha l-għan li tappoġġa l-ġestjoni tal-iskart u l-ekonomija ċirkolari.

Ir-riforma tikkonsisti f'regoli riveduti tal-ekomodulazzjoni li għandhom jintużaw mill-produtturi, skema ta' incenċivi għall-fliexken li ma jistgħux jerġġu jintużaw u skema ta' teħid  
lura għall-iskart elettriku u elettroniku.

#### Investiment TC-C12-i02: Ir-riċiklaġġ u l-irkupru tal-iskart

L-investment għandu l-għan li jżid il-kapaċitajiet għall-ġbir, l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkupru tal-iskart fil-Portugall.

L-investment jikkonsisti fil-konsenja ta' tagħmir għall-ġbir tal-iskart, l-installazzjoni ta' tagħmir għas-separazzjoni tal-iskart, l-installazzjoni ta' tagħmir għat-trattament tal-ilma mormi, kif ukoll il-kostruzzjoni ta' unità għas-separazzjoni tal-imballaġġ.

**L.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx**

**lura**

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investiment) | L-għanqas/ Tal-UE | L-isem  | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)   | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira  |
|-------------------|----------------------------------|-------------------|---|--|--------------------------------------|------------|------|---|------|---|
|                   |                                  |                   |   |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |   |
| 12.1              | TC-C12-i01                       | M                 | L-iffirmar tal-protokoll tal-2021 tal-programm "Resineiros Vigilantes"  | L-iffirmar tal-protokoll tal-2021 tal-programm "Resineiros Vigilantes"                                 |                                      |            |      | Q3  | 2021 | Konklużjoni tal-protokoll bejn l-Istitut tan-Natura u l-Konservazzjoni tal-Foresti, I.P. u l-assoċjazzjoni professjonali nazzjonali tal-produtturi tar-reżina (Resipinus) għas-sorveljanza u d-detezzjoni tan-nirien rurali.  |
| 12.2              | TC-C12-i01                       | M                 | Approvazzjoni tal-proġetti ppreżentati mill-Konsorzji għall-iżvilupp ta' prodotti, teknoloġiji u proċessi ġodda tal-bijoeconomija fis-setturi tat-tessuti u tal-ħwejjeġ, taż-żraben u tar-reżina naturali | Approvazzjoni tal-proġetti għall-iżvilupp ta' prodotti, teknoloġiji u proċessi ġodda tal-bijoeconomija |                                      |            |      | Q2  | 2022 | It-tieni TRIMESTRU TAT-2 Approvazzjoni mill-kumitat tal-għażla tal-proġetti ppreżentati mill-Konsorzji għall-iżvilupp ta' prodotti, teknoloġiji u proċessi ġodda tal-bijoeconomija fis-setturi tat-tessuti u tal-ħwejjeġ, taż-żraben u tar-reżina naturali.<br>Il-proġetti ppreżentati mill-Konsorzji għall-appoġġ għandhom jaqgħu taħt wieħed mill-programmi li ġejjin: "Il-promozzjoni ta' Bijoeconomija Sostenibbli u Ċirkolari fit-Tessuti u l-ħwejjeġ", "Il-Promozzjoni ta' Bijoeconomija Sostenibbli u Ċirkolari fis-Settur tax-Xedd tas-Saqajn" u "Il-promozzjoni u l-valorizzazzjoni tar-Riż Naturali".<br>Huma għandhom jiffukaw fuq ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, reżiljenza u adattament għat-tibdil fil-klima permezz tal-applikazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' teknoloġija nadifa, alternattivi b'impatt baxx u l-użu tal-Aqwa Tekniki Disponibbli. Il-kriterji tal-għażla għall-proġetti għandhom jirrikjedu li l-proġetti kollha tar-R & Ijiżguraw tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju diretti u indiretti.<br>Il-proġetti magħżula għandhom jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-reqwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. |
| 12.3              | TC-C12-i01                       | M                 | Prodotti u proċessi pilota  | Valutazzjoni pożittiva tal-Aġenzija Portugiża għall-Ambjent (APA)                                      |                                      |            |      | Q4  | 2025 | Valutazzjoni pożittiva tal-Aġenzija Portugiża għall-Ambjent (APA) tar-rapporti mogħtija mill-konsorzji relatati ma' 10 prodott u 5 proċess pilota industrijali.   |
| 12.5              | TC-C12-r25                       | M                 | Dħul fis-seħħ tar-Reġim Ġenerali Ġdid għall-Ġestjoni tal-Iskart   | Dħul fis-seħħ tar-Reġim Ġenerali Ġdid għall-Ġestjoni tal-Iskart  |                                      |            |      | Q3  | 2021 | It-tieni TRIMESTRU TAT-3 Dħul fis-seħħ tas-Sistema Ġenerali Ġdida għall-Ġestjoni tal-Iskart (RGGR) li tissimplifika l-proċess amministrattiv u tnaqqas l-ispejjeż assoċjati mal-użu ta' prodott sekondarji.   |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investiment) | L-ghanqas/ Tal-UE | L-isem   | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)   | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira   |
|-------------------|----------------------------------|-------------------|--|--|--------------------------------------|------------|------|---|------|--|
|                   |                                  |                   |  |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |  |
| 12.6              | TC-C12-r25                       | M                 | Dħul fis-seħħ tal-Istrateġija Nazzjonali riveduta għall-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku   | Dħul fis-seħħ tal-Istrateġija Nazzjonali riveduta għall-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku                                     |                                      |            |      | Q3  | 2022 | It-tieni TRIMESTRU TAT-3 Id-dħul fis-seħħ tal-Istrateġija Nazzjonali riveduta għall-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku li tispjefika l-kriterji ekoloġiċi relatati mal-akkwist ta' servizzi u prodotti li jintegraw materjali b'bażi bijoloġika sostenibbli, inkluż permezz tal-introduzzjoni ta' kriterji ekoloġiċi obbligatorji.   |
| 12.7              | TC-C12-r39                       | M                 | Dħul fis-seħħ tad-definizzjoni armonizzata tal-kriterji għall-ekomodulazzjoni  | Dispożizzjoni fl-att legali li tindika d-dħul fis-seħħ tad-definizzjoni armonizzata tal-kriterji għall-ekomodulazzjoni |                                      |            |      | Q4  | 2023 | It-tieni TRIMESTRU TAL-4 Dħul fis-seħħ ta' att legali li jstabilixxi definizzjoni armonizzata u obbligatorja tal-kriterji għall-ekomodulazzjoni tal-benefiċċji finanzjarji f'sistemi integrati taħt ir-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur. Il-benefiċċji finanzjarji l-ġodda se japplikaw 01/01/2026 wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni meħtieġ għall-produtturi biex jadattaw il-mudelli tagħhom għall-kriterji l-ġodda tal-ekomodulazzjoni. |
| 12.8              | TC-C12-r39                       | M                 | Skema ta' inċentivi għall-irkupru (sistema ta' depożitu u rifużjoni) għal fliexken tal-plastik, metalli tal-ħadid u aluminju li ma jistgħux jerġgħu jintużaw | Bidu tat-tħaddim tas-sistema tad-depożitu u rifużjoni  |                                      |            |      | Q4  | 2023 | Sistema ta' depożitu u rifużjoni għandha tidda topera u għandha tiġi applikata għal fliexken tal-plastik, metalli tal-ħadid u aluminju li ma jistgħux jerġgħu jintużaw.  |
| 12.9              | TC-C12-r39                       | M                 | Skema ta' teħid lura għall-iskart elettriku u elettroniku  | Dispożizzjoni fl-att legali li tindika d-dħul fis-seħħ tal-att legali  |                                      |            |      | Q4  | 2025 | Id-dħul fis-seħħ ta' att legali li jstabilixxi l-qafas għal skema ta' teħid lura għall-iskart elettriku u elettroniku.   |
| 12.10             | TC-C12-i02                       | M                 | Kapaċità għall-ġestjoni tal-iskart   | Infrastruttura għall-ġestjoni tal-iskart   |                                      |            |      | Q4  | 2025 | a) l-installazzjoni ta' tagħmir għall-awtonomija u l-ottimizzazzjoni ta' linja ta' separazzjoni għall-imballaġġ tal-plastik u tal-metall, b) il-konstruzzjoni ta' unità ta' separazzjoni tal-imballaġġ, c) il-konsenja ta' kontenituri ta' separazzjoni, u d) l-installazzjoni ta' tagħmir għat-trattament tal-ilma mormi.   |

## **M. IL-KOMPONENT 1 3: Effiċjenza Enerġetika fil-Bini**

Il-komponent jindirizza l-isfidi li ġejjin. Is-settur residenzjali jammonta għal 18 % tal-konsum tal-enerġija u s-settur tas-servizzi għal 14 % oħra. Għalhekk, il-bini għandu rwol importanti għall-Portugall biex jilħaq il-miri tiegħu tan-newtralità karbonika. Il-miżuri f'dan il-qasam, u b'mod partikolari fis-segment residenzjali, jistgħu jgħinu wkoll biex itaffu l-faqar enerġetiku, li jibqa' ta' tħassib importanti fil-Portugall bil-perċentwal ta' unitajiet domestiċi li ma jistgħux iżommu d-djar sħan b'mod adegwat għadu 19 % fl-2019. Il-Portugall impenja ruħu li jikseb in-newtralità karbonika sal-2050 u, għalhekk, jeħtieġ li jippromwovi d-dekarbonizzazzjoni tal-istokk tal-bini tiegħu, filwaqt li jtejjeb il-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni (il-kumdità u l-kwalità interna) u l-affordabbiltà. Dan għandu jinkiseb billi jiżdied ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, billi l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli jiġu kkombinati mal-elettrifikazzjoni, u billi jiġu mmirati b'mod partikolari l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku.

Għadd ta' "fallimenti tas-suq" huma identifikati u jikkorrispondu għal għadd ta' problemi li għandhom it-tendenza li jdewmu t-trasformazzjoni tal-istokk tal-bini u l-isfruttament tal-iffrankar potenzjali tal-enerġija, bħal:

- nuqqas ta' fehim dwar l-użu tal-enerġija u l-iffrankar potenzjali;
- rinnovazzjoni u attività ta' kostruzzjoni limitati f'kuntast ta' wara l-kriżi finanzjarja;
- nuqqas ta' prodotti ta' finanzjament attraenti;
- informazzjoni limitata dwar l-istokk tal-bini; u
- użu limitat ta' teknoloġiji effiċjenti u intelliġenti.

L-objettivi tal-komponent huma r-rinnovazzjoni tal-bini pubbliku u privat biex jittejbu r-rendiment u l-kumdità fl-użu tal-enerġija tiegħu, filwaqt li jitnaqqsu l-kont u d-dipendenza tal-enerġija tal-pajjiż, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u d-dipendenza enerġetika, biex jittaffa l-faqar enerġetiku u biex jiġu inkorporati sorsi ta' enerġija rinnovabbli fl-ambjent mibni. Dan għandu jipprovdi bosta benefiċċji soċjali, ambjentali u ekonomiċi għan-nies u n-negozji, bħall-ħolqien ta' impjiegi lokali u t-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż dwar l-investment fit-tranżizzjoni klimatika, b'mod partikolari dwar il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020). Hija marbuta mal-inizjattiva ewlenija Rinnovazzjoni u hija wkoll parti mit-tranżizzjoni ekoloġika.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### **M.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

#### **Investiment TC-C13-i01: L-effiċjenza enerġetika fil-bini residenzjali**

L-objettivi ta' dan l-investment huma li tiżdied l-effiċjenza enerġetika tal-bini residenzjali bi sjieda privata, u li jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku. L-investment jikkonsisti f'miżuri ta' effiċjenza enerġetika f'bini residenzjali.

Investiment TC-C13-i02: L-effiċjenza enerġetika fil-bini tal-gvern jew fil-bini pubbliku

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li tiżdied l-effiċjenza enerġetika tal-bini tal-gvern jew tal-bini pubbliku. L-investiment jikkonsisti f' rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għall-bini tal-gvern jew għall-bini pubbliku.

Investiment TC-C13-i03: L-effiċjenza enerġetika fil-bini użat mis-settur tas-servizzi

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li tiżdied l-effiċjenza enerġetika tal-bini użat mis-settur tas-servizzi. Dan l-investiment jikkonsisti f' rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika tal-bini tas-servizzi.

**M.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx**

**lura**

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investiment) | L-ghanqas/Ta l-UE | L-isem   | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |         | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira  |
|-------------------|----------------------------------|-------------------|--|--|--------------------------------------|------------|---------|---|------|---|
|                   |                                  |                   |  |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan    | Q   | Snin |   |
| 13.1              | TC-C13-i01                       | T                 | Titjib fl-effiċjenza enerġetika ta' bini residenzjali privat                 |  | Għadd                                | 0          | 45 000  | Q2  | 2024 | L-għadd ta' abitazzjonijiet b'taġhmir tal-effiċjenza enerġetika mixtrija li jiksbu, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini (UE) 2019/786.<br><br>35 MW ta' kapaċità tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli (bħal pannelli fotovoltajċi u batteriji) installata. |
| 13.3              | TC-C13-i01                       | T                 | "Vawċers tal-effiċjenza" imħallsa  |  | Għadd                                | 0          | 20 000  | Q2  | 2026 | L-għadd ta' vawċers imħallsa lill-fornituri taħt il-programm "Vale Eficiencia".   |
| 13.5              | TC-C13-i02                       | T                 | Rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika ta' bini tal-gvern jew bini pubbliku |  | m²                                   | 0          | 920 000 | Q2  | 2026 | 920 000 m² ta' renova tal-effiċjenza enerġetika. Ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għandhom jiksbu, bħala medja, mill-inqas 30 % tat-tnaqqis primarju stmat tal-enerġija.<br>28 MW/MWp ta' kapaċità ta' produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli installata.   |
| 13.8              | TC-C13-i03                       | T                 | Rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika tal-bini tas-servizzi                |  | m²                                   | 0          | 800 000 | Q2  | 2026 | 800 000 m² ta' rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika fil-bini tas-servizzi. Ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għandhom jiksbu, bħala medja, mill-inqas 30 % tat-tnaqqis primarju stmat tal-enerġija.<br>22 MW/MWp ta' kapaċità ta' produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli installata.  |

## **N. IL-KOMPONENT 14: Idroġenu u Enerġija Rinnovabbli**

Il-Portugall ħa impenn li jikseb in-newtralità karbonika sal-2050, filwaqt li jippożizzjona lill-pajjiż fost dawk li huma minn ta' quddiem fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima skont il-Ftehim ta' Pariġi. Il-pjan Direzzjonali dwar in-Newtralità tal-Karbonju 2050 (RNC 2050) jistabbilixxi bħala miri ta' dekarbonizzazzjoni li għandhom jinkisbu tnaqqis fl-emissjonijiet ta' aktar minn 85 % meta mqabbel mal-emissjonijiet tal-2005 u kapaċità ta' sekwestru tal-karbonju ta' 13 000 000 tunnellata. Il-komponent jindirizza l-hekk imsejħa setturi diffiċli biex jittrażżnu billi jippromwovi l-użu tal-idroġenu rinnovabbli.

L-objettivi tal-komponent huma li jippromwovi t-tranżizzjoni tal-enerġija u d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija u tat-trasport b'enfasi qawwija fuq il-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u ta' gassijiet rinnovabbli oħra. Fil-każ tar-Reġjuni Awtonomi, l-enfasi hija fuq l-użu tal-enerġija rinnovabbli (l-enerġija ġeotermali, mir-riħ, fotovoltajka u idroelettrika) u l-ħżin. Dan il-komponent huwa essenzjali biex titnaqqas id-dipendenza nazzjonali fuq l-enerġija permezz tal-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi lokali, biex jittejjeb il-bilanċ kummerċjali, u biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ekonomija domestika.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż biex l-investment jiġi ffukat fuq it-tranżizzjoni klimatika, b'enfasi fuq il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019 u 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### **N.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

#### **Ir-riforma TC-r29: Strateġija Nazzjonali għall-Idroġenu (EN-H2)**

L-objettiv tal-miżura huwa li tintroduċi element ta' inċentiv u stabbiltà għas-settur tal-enerġija, li jippromwovi l-introduzzjoni gradwali tal-idroġenu rinnovabbli bħala pilastru sostenibbli ta' strateġija aktar komprensiva għat-tranżizzjoni lejn ekonomija dekarbonizzata. Din l-istrateġija tiddefinixxi r-rwol attwali u futur tal-idroġenu fis-sistema tal-enerġija u tipproponi sett ta' miżuri u miri għall-inkorporazzjoni tal-idroġenu fid-diversi setturi tal-ekonomija. Dan għandu jinkludi wkoll il-ħolqien tal-kundizzjonijiet meħtieġa għal din il-bidla, inklużi l-leġiżlazzjoni u r-regolamentazzjoni, is-sikurezza, l-istandards, l-innovazzjoni u l-iżvilupp, u l-finanzjament, fost l-oħrajn. Il-miżura hija għar-Regolament emendat tan-Netzwerk Nazzjonali ta' Trażmissjoni tal-Gass u r-Regolament tan-Netzwerk Nazzjonali tad-Distribuzzjoni tal-Gass, li għandhom jiġu approvati mid-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija u l-Ġeoloġija. Ir-Regolament emendat għandu jagħmilha possibbli li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għall-konnessjonijiet mal-infrastrutturi tat-trażmissjoni tal-gass, b'mod partikolari għall-injezzjoni ta' gassijiet ta' oriġini rinnovabbli, inkluż l-idroġenu rinnovabbli u l-gassijiet b'kontenut baxx ta' karbonju, kif ukoll li jiġu ffissati l-perċentwali minimi u massimi tal-injezzjoni ta' dawn il-gassijiet fin-networks. Barra minn hekk, ir-regolament emendat għandu jinkludi r-reviżjonijiet meħtieġa għall-istandards tekniċi li jiżguraw il-kwalità tas-servizz u l-użu sikur ta' dawn l-infrastrutturi għall-utenti kollha.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2021.

#### **Investiment TC-C14-i02-RAM: Il-potenzjal tal-elettriku rinnovabbli fl-Arċipelagu ta' Madeira**

L-objettiv tal-miżura huwa li tappoġġa l-ġenerazzjoni, il-ħżin, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija rinnovabbli.

L-investiment jikkonsisti fi:

- Ir-rinnovazzjoni tal-Impjant tal-Enerġija Idroelettrika ta' Serra de Água u ż-żieda fil-kapaċità installata;
- Ir-rinnovazzjoni tal-Impjant tal-Enerġija Idroelettrika Calheta I;
- L-installazzjoni ta' sistemi għall-ħżin tal-batteriji;
- Il-kostruzzjoni u l-integrazzjoni ta' kumpensatur sinkroniku;
- L-installazzjoni ta' miters intelliġenti;
- Ir-rinnovazzjoni tal-Impjant tal-Enerġija Idroelettrika ta' Socorridos.

Investiment TC-C14-i03-RAA: It-tranżizzjoni tal-enerġija fl-Azores

L-obiettiv tal-miżura huwa li tiżdied il-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli fl-Azores.

L-investiment jikkonsisti fi:

- L-installazzjoni u r-rinnovazzjoni tal-kapaċità ġeotermali;
- L-installazzjoni tal-kapaċità tal-enerġija mir-riħ u mix-xemx;
- Installazzjoni ta' unitajiet tal-elettriku fotovoltajku.

Investiment TC-C14-i04: Skema ta' Għotjiet għall-Idroġenu u l-gassijiet rinnovabbli

Din il-miżura għandha tikkonsisti f'investiment pubbliku fi skema ta' għotjiet sabiex jiġi inċentivat l-investiment privat u jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament fis-settur tal-enerġija tal-Portugall u fl-industriji u s-servizzi relatati. L-iskema għandha topera billi tipprovdi għotjiet mhux ripagabbli direttament lis-settur privat.

L-iskema għandha tiġi ġestita mill-Aġenzija għall-Klima (“*Agência para o Clima*”) bħala s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni. L-iskema għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

- Il-proġetti għandu jkollhom l-għan li jipproduċu gassijiet rinnovabbli, bl-użu ta' enerġija ġġenerata esklużivament minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli f'konformità mad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (2018/2001/UE) u l-atti delegati tagħha.
- Il-lista ta' attivitajiet eliġibbli għall-appoġġ għandha tikkonsisti f'azzjonijiet li jiffavorixxu l-produzzjoni ta' gassijiet rinnovabbli. Attivitajiet komplementari dwar il-ħżin, it-trasport u d-distribuzzjoni ta' gassijiet rinnovabbli strettament marbuta mal-vijabbiltà teknika u ekonomika huma eliġibbli wkoll.

Sabiex jimplementaw l-investiment fl-iskema, il-Portugall u l-Aġenzija għall-Klima (“*Agência para o Clima*”) għandhom jiffirmaw Ftehim ta' Implimentazzjoni jew għandhom jidħlu fis-seħħ att legali wieħed jew aktar li għandhom jinkludu l-kontenut li ġej:

**1. Deskrizzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-iskema:**

- a. L-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet u l-għażla tal-benefiċjarji li għandhom jiġu inklużi fid-deċiżjoni finali tal-għoti tal-iskema “Sistema de Incentivos de Apoio à Produção de Hidrogénio Renovável e Outros Gases Renováveis” għandhom jittieħdu minn esperti tekniċi. Id-Deċiżjoni finali tal-għoti tal-iskema “Sistema de Incentivos de Apoio à Produção de Hidrogénio Renovável e Outros Gases Renováveis” għandha tkun limitata għall-approvazzjoni (mingħajr modifiki) jew għall-eżerċizzju ta' dritt ta' veto fuq deċiżjoni ta' għoti proposta mill-kumitat tal-investiment jew minn korp governattiv ekwivalenti rilevanti li jkun indipendenti mill-gvern.
- b. Id-Deċiżjoni finali tal-għoti tal-iskema “Sistema de Incentivo às Empresas “Promoção do Hidrogénio Renovável e de Outros Gases Renováveis — Medida reforçada”

għandha tittieħed minn kumitat tal-investment jew korp governattiv ekwivalenti rilevanti ieħor u approvata b'maġġoranza ta' voti minn membri li huma indipendenti mill-gvern Portugiż.

2. Ir-rekwiżiti ewlenin tal-iskema ta' għotjiet assoċjata, li għandhom jinkludu:
  - a. Id-deskrizzjoni tal-għotjiet ipprovduti u l-benefiċjarji finali eliġibbli.
  - b. Ir-rekwiżit li l-investimenti kollha appoġġati jkunu ekonomikament vijabbli.
  - c. Ir-rekwiżit ta' konformità mal-prinċipju "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH) kif stabbilit fil-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, l-iskema ta' għotjiet għandha teskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi mill-eliġibbiltà: (i) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream<sup>24</sup>, (ii) attivitajiet u assi taħt l-iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti<sup>25</sup>, (iii) attivitajiet u assi relatati ma' landfills tal-iskart, inċineraturi<sup>26</sup> u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku<sup>27</sup>.
  - d. Ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-Faċilità ma għandhomx jirċievu appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost.
3. L-ammont kopert mill-Ftehim ta' Implimentazzjoni u/jew l-atti legali, l-istruttura tat-tariffi għas-Sieħeb ta' Implimentazzjoni, u r-rekwiżit li jintuża kwalunkwe rikavat mhux użat tal-iskema, inkluż lil hinn mill-2026, għall-istess finijiet ta' politika.
4. Rekwiżiti ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll, inklużi:
  1. Id-deskrizzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ tal-Aġenzija għall-Klima biex tirrapporta dwar l-għotjiet mobilizzati.
  2. Id-deskrizzjoni tal-proċeduri tal-Aġenzija għall-Klima li se jiżguraw il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess.
  3. L-obbligu li tiġi vverifikata l-eliġibbiltà ta' kull operazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Ftehim ta' Implimentazzjoni jew fl-att (i) legali li jistabbilixxu l-iskema qabel ma jimpenjaw ruħhom li jiffinanzjaw operazzjoni.

---

<sup>24</sup> Ħlief għal (a) assi u attivitajiet fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll l-infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u (b), l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

<sup>25</sup> Meta l-attività appoġġata tikseb l-emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex aktar baxxi b'mod sinifikanti mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhumiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokkazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

<sup>26</sup> Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

<sup>27</sup> Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

4. L-obbligu li jitwettqu awditi ex post ibbażati fuq ir-riskju f'konformità ma' pjan tal-awditjar tal-Aġenzija għall-Klima. Dawn l-awditi għandhom jivverifikaw i) li s-sistemi ta' kontroll ikunu effettivi, inkluża l-identifikazzjoni ta' frodi, korruzzjoni, u kunflitt ta' interess; II) il-konformità mal-prinċipju DNSH, ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, ir-rekwiżiti tal-mira klimatika; u iii) li jiġi rrispettat ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-Faċilità ma jkunux irċevew appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost. L-awditi għandhom jivverifikaw ukoll il-legalità tat-tranżazzjonijiet u li l-kundizzjonijiet tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni jew tal-att (i) legali applikabbli li jstabilixxu l-iskema ta' għotja jkunu qed jiġu rrispettati.
5. Rekwiżiti għall-investimenti klimatiċi mwettqa mis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni: mill-inqas EUR 214 090 000 tal-investment tal-RRF fil-Faċilità għandhom jikkontribwixxu għall-oġettivi tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament RRF.<sup>28</sup>

---

<sup>28</sup> Il-benefiċjarji finali assoċjati ma' proġetti speċifiċi għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu ġustifikazzjoni tal-qasam ta' intervent magħżul għal kull proġett appoġġat, flimkien ma' deskrizzjoni tal-proġett, għall-fini tal-komputazzjoni tal-kontribuzzjoni klimatika. Is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu jkun meħtieġ ukoll jipprovdi lill-Istat Membru rapport semiannwali dwar l-implimentazzjoni ta' kull proġett/attività.

**N.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx**

**lura**

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investment) | L-ghanqas/ Tal-UE | L-isem  | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)  | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |       | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira  |
|-------------------|---------------------------------|-------------------|---|---|--------------------------------------|------------|-------|---|------|---|
|                   |                                 |                   |   |   | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan  | Q   | Snin |   |
| 14.1              | TC-C14-r29                      | M                 | Dħul fis-seħħ tar-Regolament tan-Netwerk Nazzjonali ta' Trażmissjoni tal-Gass u r-Regolament tan-Netwerk Nazzjonali ta' Distribuzzjoni tal-Gass | Dħul fis-seħħ tar-Regolament tan-Netwerk Nazzjonali ta' Trażmissjoni tal-Gass u r-Regolament tan-Netwerk Nazzjonali ta' Distribuzzjoni tal-Gass |                                      |            |       | Q3  | 2021 | Dħul fis-seħħ tar-Regolament emendat tan-Netwerk Nazzjonali għat-Trażmissjoni tal-Gass u r-Regolament tan-Netwerk Nazzjonali tad-Distribuzzjoni tal-Gass. L-emendi għar-Regolament tan-Netwerk Nazzjonali ta' Trażmissjoni tal-Gass u r-Regolament tan-Netwerk Nazzjonali tad-Distribuzzjoni tal-Gass, għandhom jiġu approvati mid-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija u l-Ġeoloġija. Ir-regolamenti għandhom jagħmluha possibbli li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għall-konnessjonijiet mal-infrastrutturi tat-trażmissjoni tal-gass, b' mod partikolari għall-injezzjoni ta' gassijiet ta' oriġini rinnovabbli, inkluż l-idroġenu rinnovabbli, kif ukoll li jiġu ffissati l-perċentwali minimi u massimi tal-injezzjoni ta' dawn il-gassijiet fin-networks. Barra minn hekk, dawn jinkludu r-reviżjonijiet meħtieġa għall-istandards tekniċi li jiżguraw il-kwalità tas-servizz u l-użu sikur ta' dawn l-infrastrutturi għall-utenti kollha. |
| 14.16             | TC-C14-i04                      | M                 | Ftehim ta' implimentazzjoni jew att (i) legali  | Dħul fis-seħħ tal-ftehim ta' implimentazzjoni jew tal-att (i) legali  |                                      |            |       | Q2  | 2026 | Id-dħul fis-seħħ tal-ftehim ta' implimentazzjoni jew tal-att (i) legali.  |
| 14.17             | TC-C14-i04                      | T                 | L-iffirmar ta' ftehimiet legali mal-benefiċjarji finali u l-Ministeru lesta l-investment  |   | Perċentwal (%)                       | 0 %        | 100 % | Q2  | 2026 | L-Aġenzija għall-Klima għandha tkun daħlet fi ftehimiet ta' finanzjament legali mal-benefiċjarji finali għal ammont meħtieġ biex jintuża 100 % tal-investment tal-RRF fl-iskema.<br>Il-Portugall għandu jittrasferixxi EUR 266 940 000 lill-Aġenzija għall-Klima għall-iskema.<br>Mill-inqas 80.2 % ta' dan il-finanzjament għandu jikkontribwixxi għall-oġġettivi klimatiċi bl-użu tal-metodoloġija fl-Anness VI tar-Regolament RRF.   |
| 14.4              | TC-C14-i02-RAM                  | M                 | Kostruzzjoni u integrazzjoni ta' kompensatur sinkroniku   | Kostruzzjoni u integrazzjoni ta' kompensatur sinkroniku   |                                      |            |       | Q4  | 2024 | Il-kostruzzjoni u l-integrazzjoni ta' kompensatur sinkroniku wieħed b'mill-inqas 15 MVA.  |
| 14.5              | TC-C14-i02-RAM                  | T                 | Kapaċità addizzjonali   |   | MW                                   | 0          | 4     | Q2  | 2024 | Żieda fil-kapaċità tal-enerġija installata fl-Impjant tal-Enerġija Idroelettrika ta' Serra de Água rinnovat.  |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investment) | L-ghanqas/ Tal-UE | L-isem   | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)   | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira  |
|-------------------|---------------------------------|-------------------|--|--|--------------------------------------|------------|------|---|------|---|
|                   |                                 |                   |  |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |   |
|                   |                                 |                   | installata tal-produzzjoni tal-enerġija idroelettrika                    |  |                                      |            |      |   |      |   |
| 14.6              | TC-C14-i02-RAM                  | T                 | Kapaċità tal-produzzjoni installata tal-enerġija idroelettrika rinnovata |  | MW                                   | 0          | 6,2  | Q4  | 2024 | Rinnovazzjoni tal-impjanti idroelettriċi li ġejjin: Impjant tal-Enerġija Idroelettrika ta' Serra de Água: 5.2 MW ta' kapaċità installata eżistenti. Impjant tal-Enerġija Idroelettrika Calheta I: 1 MW ta' kapaċità installata eżistenti. |
| 14.7              | TC-C14-i02-RAM                  | T                 | Installazzjoni tal-kapaċità tal-ħżin tal-batterija                       |  | MWh                                  | 0          | 33.8 | Q2  | 2025 | Installazzjoni tal-kapaċità tal-ħżin tal-batterija.   |
| 14.9              | TC-C14-i02-RAM                  | M                 | Installazzjoni ta' arloġġi intelliġenti                                  | Prova tal-installazzjoni                             |                                      |            |      | Q2  | 2026 | Prova tal-installazzjoni ta' mill-inqas 130 000 arloġġ intelliġenti.  |
| 14.15             | TC-C14-i02-RAM                  | M                 | Rinnovazzjoni tal-impjant tal-enerġija idroelettrika ta' Socorridos      | Rinnovazzjoni tal-impjant tal-enerġija idroelettrika |                                      |            |      | Q2  | 2026 | Ir-rinnovazzjoni tal-Impjant tal-Enerġija Idroelettrika ta' Socorridos, li jinkludi l-provvista, l-installazzjoni u l-ikkummissjonar ta' tagħmir u sistemi.   |
| 14.11             | TC-C14-i03-RAA                  | T                 | Installazzjoni tal-kapaċità tal-produzzjoni ġeotermali                   |  | MW                                   | 0          | 17   | Q2  | 2026 | Installazzjoni ta' 17 MW ta' unitajiet ta' ġenerazzjoni f'impjanti ġeotermali   |
| 14.12             | TC-C14-i03-RAA                  | T                 | Produzzjoni addizzjonali tal-elettriku rinnovabbli f'Corvo               |  | għal kull kW                         | 0          | 850  | Q2  | 2024 | It-tieni TRIMESTRU TAT-2 Tiżdied il-kapaċità installata għall-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli fuq il-gżira ta' Corvo permezz tal-installazzjoni ta' park fotovoltajku u eoliku.  |
| 14.14             | TC-C14-i03-RAA                  | T                 | Installazzjoni ta' unitajiet fotovoltajċi                                |  | MW/MWp                               | 0          | 38,2 | Q2  | 2026 | Installazzjoni ta' unitajiet fotovoltajċi.  |

## **O. IL-KOMPONENT 1 5: Mobbiltà Sostenibbli**

Dan il-komponent tal-pjan Portugiż għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza diversi sfidi tas-settur tat-trasport: il-ħtieġa li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u ta' sustanzi niġġiesa, il-ħtieġa li titnaqqas id-dipendenza fuq karozza privata, u l-ħtieġa li tiġi garantita koeżjoni soċjali aħjar fiż-żoni urbani.

L-objettiv ta' dan il-komponent huwa li jnaqqas l-emissjonijiet u jtejjeb it-trasport pubbliku billi jespandi n-network, jagħmlu aktar aċċessibbli, u jsaħħaħ il-kapaċitajiet tal-ippjanar tat-trasport pubbliku. Dan huwa mistenni li jwassal għal aktar utenti tat-trasport pubbliku, biex titħeġġeġ il-bidla modali minn karozza privata għal trasport pubbliku u jiġu promossi kapaċitajiet aħjar ta' ġestjoni u ppjanar tat-trasport. Għal dan l-għan, dan il-komponent jikkonsisti f'riforimi u investimenti li jippromwovu t-trasport pubbliku sostenibbli permezz tal-estensjoni tal-metro ta' Porto, sistema ta' tranżitu rapidu tal-karozzi tal-linja f'Porto, u x-xiri ta' karozzi tal-linja b'emissjonijiet żero għat-trasport pubbliku.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż dwar l-iffukar tal-investment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### **O.1. Deskrizzjoni tar-riforimi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

#### **Ir-riforma TC-r30: Riforma tal-Ekosistema tat-Trasport**

L-objettiv tar-riforma huwa li jissaħħu l-awtoritajiet tat-trasport pubbliku, il-kapaċitajiet u l-ħiliet tagħhom u, b'hekk, tiżdied il-kapaċità tagħhom li jippjanaw aħjar is-sistemi tat-trasport li jimmaniġġjaw, u jtejbu l-użu tat-trasport pubbliku. Ir-riforma għandha tappoġġa lill-awtoritajiet tal-ġestjoni tat-trasport fiż-Żoni Metropolitan (AM) u l-Komunitajiet Intermuniċipali (CIM) kollha. Hija għandha ttejjeb il-kundizzjonijiet ta' aċċess għat-trasport pubbliku permezz tal-implimentazzjoni ta' programmi għal tariffi mnaqqsa (*Programa de Apoio à Redução do Tarifário dos Transportes Públicos*, PART) u servizzi tat-trasport aħjar u li ma jagħmlux ħsara lill-klima (*Programa de Apoio à Densificação e Reforço da Oferta de Transporte Público*, PROTransP) billi tadotta leġislazzjoni, u l-implimentazzjoni ta' miżuri fiskali li jkun ta' benefiċċju għall-utent tat-trasport pubbliku, bħattnaqqis fiskali tat-taxxa fuq il-valur miżjud assoċjata max-xiri ta' biljetti tat-trasport pubbliku ta' kull xahar.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment TC-C15-i02: Espansjoni tan-Network tal-Metro ta' Porto — Casa da Música-Santo Ovídio, fażi ta' kuntrattar

L-objettiv tal-miżura huwa li żżid l-attraenza tat-trasport pubbliku f'Porto u tattira aktar utenti. Għandha l-għan li tespandi l-kopertura territorjali tan-network tal-metro u tindirizza l-problemi ta' konġestjoni tal-assi Porto — Vila Nova de Gaia.

L-investiment għandu jikkonsisti f'estensjoni tan-network tal-metro f'Porto permezz tal-kostruzzjoni ta' linja ġdida b'żewġ binarji ta' 6.74 km b' 8 stazzjonijiet ġodda bejn Boavista/Casa da Música f'Porto u stazzjon ġdid li għandu jinbena f'Santo Ovídio (interfaċċa mal-linja Amarela) f'Vila Nova de Gaia.

Investiment TC-C15-i04: Tranżitu Rapidu tal-Karozzi tal-linja Boavista — Império

L-objettiv tal-miżura huwa li tiżdied l-attraenza tat-trasport pubbliku f'Porto.

Dan l-investiment jikkonsisti f'sistema ġdida ta' Tranżitu Rapidu tal-Karozzi tal-Linja bejn Praça do Império u Praça Mouzinho de Albuquerque f'Porto.

Investiment TC-C15-i05: Id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport pubbliku

L-objettiv tal-miżura huwa li tiġġedded u tiġi dekarbonizzata l-flotta tat-trasport pubbliku fil-Portugall permezz tal-provvista ta' xarabanks b'emissjonijiet żero.

L-investiment għandu jikkonsisti f'appoġġ finanzjarju għax-xiri ta' 145 xarabank b'emissjonijiet żero (elettriċi jew tal-idroġenu) għat-trasport pubbliku u l-infrastruttura tal-iċċarġjar għat-tħaddim tagħhom. L-appoġġ għandu jingħata fil-forma ta' għotja mhux rimborsabbli tad-differenza bejn l-ispejjeż tax-xiri ta' xarabank b'emissjonijiet żero (tal-elettriku jew tal-idroġenu) u vettura ekwivalenti għad-diżil (EURO VI). Ix-xarabanks għandhom jintużaw għall-forniment ta' servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri taħt kuntratti ta' servizz pubbliku fiż-Żoni Metropolitanani ta' Lisbona u Porto. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment TC-C15-i06: Diġitalizzazzjoni tat-Trasport bil-Ferrovija

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jagħmel il-linja tat-Tramuntana tan-Network Ferrovjarju Nazzjonali (RFN) kompatibbli mal-linja ferrovjarja l-ġdida ta' veloċità għolja (LAV). L-investiment jikkonsisti fl-installazzjoni ta' sistemi elettroniċi ta' sinjalar, il-bini ta' Modulu Specificu ta' Trażmissjoni (STM) u x-xiri ta' tagħmir, servizzi jew xogħlijiet ta' kostruzzjoni.

**O.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx**

**lura**

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investiment) | L-ghanqas/Ta l-UE | L-isem  | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)  | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira  |
|-------------------|----------------------------------|-------------------|---|---|--------------------------------------|------------|------|---|------|---|
|                   |                                  |                   |   |   | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |   |
| 15.4              | TC-C15-i02                       | M                 | Iffirmar tal-kuntratt għall-espansjoni tan-netwerk ta' Porto Metro  | Iffirmar tal-kuntratt għall-espansjoni tan-netwerk ta' Porto Metro  |                                      |            |      | Q4  | 2023 | L-iffirmar tal-kuntratt ta' implimentazzjoni tal-proġett bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-kuntrattur magħżul fi proċess ta' sejħa għall-offerti. L-għan tal-kuntratt huwa l-espansjoni tan-network tal-Metro ta' Porto (Casa da Música-Santo Ovídio).                                     |
| 15.10             | TC-C15-i04                       | M                 | Iffirmar tal-kuntratt għall-kostruzzjoni ta' linja ta' Tranżitu Rapidu bejn Praça do Império u Praça Albuquerque Mouzinho f'Porto | Iffirmar tal-kuntratt għall-kostruzzjoni ta' linja ta' tranżitu rapidu tal-karozzi tal-linja bejn Praça do Império u Praça Albuquerque Mouzinho f'Porto |                                      |            |      | Q1  | 2022 | L-iffirmar tal-kuntratt ta' implimentazzjoni tal-proġett bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-kuntrattur magħżul fi proċess ta' sejħa għall-offerti. L-għan tal-kuntratt huwa l-kostruzzjoni ta' linja Bus Rapid Transit li tgħaqqad Praça do Império ma' Praça Albuquerque Mouzinho f'Porto. |
| 15.11             | TC-C15-i04                       | M                 | Kostruzzjoni ta' linja ta' Tranżitu Rapidu tal-Karozzi tal-Linja bejn Praça do Império u Praça Albuquerque Mouzinho f'Porto       | Kostruzzjoni ta' linja ta' Tranżitu Rapidu tal-Karozzi tal-Linja u konsenja ta' karozzi tal-linja   |                                      |            |      | Q2  | 2025 | Kostruzzjoni tal-linja ta' tranżitu rapidu tal-karozzi tal-linja li tgħaqqad lil Praça do Império ma' Praça Albuquerque Mouzinho f'Porto. It-twassil ta' 11 xarabank (elettriku jew tal-idroġenu) b'emissjonijiet żero.   |
| 15.12             | TC-C15-i05                       | M                 | Kuntratt iffirmat għax-xiri ta' xarabanks nodfa taħt il-Programm ta' Dekarbonizzazzjoni tat-Trasport Pubbliku                     | Kuntratt iffirmat għax-xiri ta' 145 xarabank nadif taħt il-Programm ta' Dekarbonizzazzjoni tat-Trasport Pubbliku  |                                      |            |      | Q3  | 2022 | L-iffirmar ta' kuntratt bejn il-benefiċjarji u l-korp maniġerjali, abbażi ta' proċedura kompetittiva ta' sejħa għall-offerti, li jagħti impenn li jinxtrow xarabanks ġodda b'emissjonijiet żero (elettriċi jew tal-idroġenu).   |
| 15.13             | TC-C15-i05                       | T                 | Xiri ta' xarabanks ġodda (elettriċi jew tal-idroġenu) b'emissjonijiet żero użati għat-trasport pubbliku                           |   | Għadd                                | 0          | 145  | Q4  | 2023 | L-għadd ta' xarabanks ġodda b'emissjonijiet żero (elettriċi jew tal-idroġenu) mixtrija u lesti biex jitħaddmu għall-formiment ta' servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri f'Liżbona u fiż-Żoni Metropolitan ta' Porto.   |
| 15.14             | TC-C15-r30                       | M                 | Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni biex  | Dispożizzjoni fil-leġiżlazzjoni li  |                                      |            |      | Q4  | 2023 | Id-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni biex jittejbu l-kundizzjonijiet tal-aċċess għat-trasport pubbliku permezz tal-implimentazzjoni ta'   |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investment) | L-ghanqas/Ta l-UE | L-isem   | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)            | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira   |
|-------------------|---------------------------------|-------------------|--|---|--------------------------------------|------------|------|---|------|--|
|                   |                                 |                   |  |   | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |  |
|                   |                                 |                   | jittejbu l-kundizzjonijiet ta' aċċess għat-trasport pubbliku | tindika d-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni                     |                                      |            |      |   |      | programmi għal tariffi mnaqqsa (Programa de Apoio à Redução do Tarifário dos Transportes Públicos, PART) u servizzi tat-trasport aħjar u li ma jagħmlux ħsara lill-klima (Programa de Apoio à Densificação e Reforço da Oferta de Transporte Público, PROTransP). Il-leġiżlazzjoni għandha tistabbilixxi appoġġ għaż-żewġ Żoni Metropolitan u 21 Komunitajiet Intermuniċipali. |
| 15.15             | TC-C15-i06                      | M                 | Firma ta' kuntratt għal sistemi ta' sinjalar elettroniku     | L-iffirmar tal-kuntratt u l-pubblikazzjoni fuq portal apposta |                                      |            |      | Q2  | 2024 | L-iffirmar tal-kuntratt ta' implimentazzjoni tal-proġett għas-sostituzzjoni tas-sistemi elettroniċi ta' sinjalar bejn Infraestruturas de Portugal u l-kuntrattur.  |
| 15.16             | TC-C15-i06                      | T                 | Linji ferrovjarji b'sistemi elettroniċi ta' sinjalar         |   | km                                   | 0          | 20   | Q2  | 2026 | It-tul tal-linji ferrovjarji b' sistemi elettroniċi ta' sinjalar installati fiż-Żona Metropolitana ta' Liżbona. Prototip ta' Modulu Speċifiku ta' Trażmissjoni (STM) mibni u installat fuq mill-inqas ferrovija waħda. Xiri ta' tagħmir jew servizzi jew xogħlijiet ta' kostruzzjoni għal eżekuzzjoni baġitarja ta' mill-inqas EUR 24 6 00 000.                                |

### **O.3. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti tas-self**

#### **Investiment TC-C15-i08: Kostruzzjoni tal-estensjoni tan-Network tal-Metro ta' Porto — Casa da Música-Santo Ovídio, fażi ta' kostruzzjoni**

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jestendi n-Network tal-Metro ta' Porto.

L-investment jikkonsisti fl-eżekuzzjoni finanzjarja għall-kostruzzjoni ta' parti mill-estensjoni tan-network tal-metro ta' Porto bejn Boavista/Casa da Música f'Porto u Santo Ovídio f'Vila Nova de Gaia.

**O.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għas-self**

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investiment) | L-ghanqas/Ta I-UE | L-isem                    | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |             | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira   |
|-------------------|----------------------------------|-------------------|---------------------------|--|--------------------------------------|------------|-------------|---|------|--|
|                   |                                  |                   |                           |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan        | Q   | Snin |  |
| 15.6              | TC-C15-i08                       | T                 | L-eżekuzzjoni finanzjarja |  | EUR                                  | 0          | 239 850 000 | Q2  | 2026 | Konferma minn entità terza responsabbli għall-ispezzjoni li mill-inqas EUR 239 850 000 għall-kostruzzjoni tal-espansjoni ta' parti min-network ta' Porto Metro ġew eżegwiti finanzjarjament. |

## **P. IL-KOMPONENT 16: Intrapriżi 4.0**

Il-komponent jindirizza l-isfidi relatati mad-diġitalizzazzjoni baxxa tal-intrapriżi. Skont ir-riżultati tal-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (DESI 2020), il-Portugall jinsab <sup>fid-19</sup> post fl-UE u taħt il-medja tal-UE. L-aktar dimensjonijiet fraġli fil-każ tal-Portugall huma dawk tal- “Kapital Uman” u l- “Użu tas-Servizzi tal-Internet” u xi dimensjoni tal- “Integrazzjoni tat-teknoloġiji diġitali”, li kollha jirriflettu limitazzjonijiet fuq il-kapaċità diġitali u l-prestazzjoni tal-kumpaniji.

L-objettivi tal-komponent huma li jimmira lejn is-settur tan-negozju, b’mod partikolari l-SMEs u l-impjegati tagħhom, b’investimenti biex tiffaqqes it-tranżizzjoni diġitali kkomplementati bit-tiġid tal-ħiliet diġitali tal-forza tax-xogħol impjegata. L-investimenti jipprevedu l-azzjonijiet li ġejjin:

- It-tiġid tal-ħiliet diġitali tal-impjegati u tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol;
- Il-modernizzazzjoni tal-mudell kummerċjali tal-kumpaniji kif ukoll il-proċessi tal-produzzjoni tagħhom, inkluża d-diġitalizzazzjoni tal-flussi tax-xogħol bħall-ġestjoni tan-negozju, il-prodotti innovattivi u l-fatturazzjoni;
- Il-ħolqien ta’ kanali ta’ kummerċjalizzazzjoni diġitali ġodda għall-prodotti u s-servizzi;
- L-innovazzjoni u l-inkorporazzjoni ta’ teknoloġiji diġitali avvanzati fil-mudell kummerċjali tad-ditti; u
- It-trawwim ta’ intraprenditorija bbażata diġitalment.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż relatati mal-appoġġ tal-użu tat-teknoloġiji diġitali, biex jiġi żgurat aċċess ugwali għal edukazzjoni u taħriġ ta’ kwalità, biex tingħata spinta lill-kompetittività tad-ditti, u biex jiġu appoġġati l-impjiegi u jiġu pprijoritizzati miżuri biex jiġu ppreservati l-impjiegi (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2020). Il-komponent jappoġġa wkoll l-indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż biex jittejjeb il-livell tal-ħiliet tal-popolazzjoni, b’mod partikolari l-litteriżmu diġitali tagħhom, inkluż billi t-tagħlim għall-adulti jsir aktar rilevanti għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2019) u biex l-investment jiġi ffukat fuq it-tranżizzjoni diġitali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f’dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta’ mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### **P.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

#### **Ir-riforma TD-r31: It-tranżizzjoni diġitali tal-ambjent tan-negozju**

L-objettivi tal-miżura huma li jissaħħaħ it-tkabbir tal-ambjent tan-negozju u b’hekk isir aktar kompetittiv u reżiljenti b’mod diġitali fil-kuntest ekonomiku u soċjali globali attwali. Din ir-riforma hija parti mill-Pjan ta’ Azzjoni dwar it-Tranżizzjoni Diġitali (PATD) usa’ li l-Portugall adotta f’April 2020.

Ir-riforma għandha tikkonsisti mill-elementi li ġejjin:

- Rieżami tal-kontenut formattiv inkluż fil-Katalogu Nazzjonali tal-Kwalifiki, speċifikament relatat mal-ħiliet diġitali għall-użu f’kuntest professjonali. Dan it-tiġdid huwa allinjat mal-aħħar żviluppi teknoloġiċi u l-ħtiġijiet l-aktar urġenti tal-kumpaniji f’diversi setturi ekonomiċi. Għal dan l-għan, mill-2021 jistgħu jsiru disponibbli mogħdijiet ġodda ta’ taħriġ u kors ta’ taħriġ għal żmien qasir.

- L-istabbiliment tal-qafas legali u regulatorju meħtieġ għall-ħolqien ta' siġilli diġitali fl-oqsma taċ-ċibersigurtà, il-privatezza, is-sostenibbiltà u l-użu. Dan il-qafas u l-promozzjoni tal-fiduċja diġitali huma prekondizzjoni għall-implimentazzjoni tal-investiment għas-siġilli diġitali previsti f'dan il-komponent.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2022.

#### Investiment TD-C16-i01: Awtonomizzazzjoni Diġitali tal-Intrapriżi

L-objettiv tal-miżura huwa li jiżdiedu l-ħiliet diġitali tal-popolazzjoni.

L-investiment jikkonsisti f' żewġ programmi ta' taħriġ għall-ħiliet diġitali:

- l-akkademja Diġitali tal-Portugall, pjattaforma online b'korsijiet diġitali;
- il-programm Impjiegi + Diġitali, programm ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali.

#### Investiment TD-C16-i02: Tranżizzjoni Diġitali tal-Intrapriżi

L-objettiv tal-miżura huwa li tikkontribwixxi għat-trasformazzjoni tal-mudelli kummerċjali tal-SMEs Portugiżi u d-diġitalizzazzjoni tagħhom.

L-investiment jikkonsisti fl-appoġġ għan-network nazzjonali tal-laboratorji tal-ittejtjar u diversi programmi ta' appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tal-entitajiet.

#### Investiment TD-C16-i03: katalizzatur għat-Tranżizzjoni Diġitali tal-Intrapriżi

L-objettiv tal-miżura huwa li tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni diġitali u ambjentali tas-soċjetà u tan-negożju.

L-investiment jikkonsisti fit-tliet azzjonijiet li ġejjin:

- “Dematerjalizzazzjoni tal-fatturazzjoni”;
- “Ċibersigurtà, Privatezza, Usabilità u Siġilli ta' Ċertifikazzjoni tas-Sostenibbiltà” biex jiċċertifikaw is-servizzi diġitali;
- “Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali (DIH)”. Il-RRF għandha tappoġġa parti mill-kostijiet ta' dan l-investiment. Dan l-investiment jista' jirċievi wkoll appoġġ minn programmi jew strumenti oħra tal-Unjoni għall-kostijiet li mhumiex appoġġati mill-RRF.

#### Investiment TD-C16-i04: Industrija 4.0

L-objettiv tal-miżura huwa li tappoġġa r-riċerka industrijali u li trawwem it-trasformazzjoni diġitali tal-kumpaniji.

Dan l-investiment jikkonsisti fi proġetti ta' “Industrija 4.0”.

#### Investiment TD-C16-i05-RAA: Il-kapaċità Diġitali u t-Trasformazzjoni tal-Intrapriżi fl-Azores

L-objettiv tal-miżura huwa li tappoġġa t-tranżizzjoni diġitali tal-kumpaniji fl-Azores.

L-investiment jikkonsisti fil-programm “Kapaċità Diġitali u Trasformazzjoni tal-Intrapriżi fl-Azores”.

#### Investiment TD-C16-i06-RAM: L-intrapriża 4.0

L-objettiv tal-miżura huwa li tikkontribwixxi għat-trasformazzjoni tal-mudelli kummerċjali tal-SMEs tar-Reġjun Awtonomu ta' Madeira.

L-investment jikkonsisti fi proġetti “Diġitali +”.

**P.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura**

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investment) | L-ghanqas/ Tal-UE | L-isem   | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)   | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |            | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira   |
|-------------------|---------------------------------|-------------------|--|--|--------------------------------------|------------|------------|---|------|--|
|                   |                                 |                   |  |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan       | Q   | Snin |  |
| 16.1              | TD-C16-r31                      | M                 | Dħul fis-seħħ tar-rieżami tal-kontenut ta' taħriġ inkluż fil-Katalogu Nazzjonali tal-Kwalifiki rigward moduli fil-qasam tal-Ħiliet Diġitali u l-leġiżlazzjoni jew ir-regolament għall-ħolqien ta' firem u siġilli diġitali | Dħul fis-seħħ tar-rieżami tal-kontenut ta' taħriġ inkluż fil-Katalogu Nazzjonali tal-Kwalifiki rigward moduli fil-qasam tal-Ħiliet Diġitali u l-leġiżlazzjoni jew ir-regolament għall-ħolqien ta' firem u siġilli diġitali |                                      |            |            | Q1  | 2022 | Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni jew regolamenti li ġejjin: (1) rieżami tal-kontenut tat-taħriġ vokazzjonali u edukattiv inkluż fil-Katalogu Nazzjonali tal-Kwalifiki fil-qasam tal-ħiliet diġitali, jiġifieri moduli ta' taħriġ relatati mat-teknoloġiji u l-għodod, sabiex jiġu żviluppati l-ħiliet l-aktar meħtieġa fil-kuntest professjonali abbażi tad-dijanjożi tal-antiċipazzjoni tal-ħiliet. (2) leġiżlazzjoni jew regolamentazzjoni meħtieġa għall-ħolqien ta' firem u siġilli diġitali fl-oqsma taċ-ċibersigurtà, tal-privatezza, tas-sostenibbiltà u tal-użu. Il-ħolqien ta' dan il-qafas legali u l-promozzjoni tal-fiduċja diġitali huma kundizzjoni għall-implimentazzjoni tal-investment għas-siġilli diġitali previsti f'dan il-komponent.  |
| 16.2              | TD-C16-i01                      | M                 | Bidu tal-Akkademja Diġitali tal-Portugall u l-programmi tal-Impjiegi + Diġitali  | Bidu tal-Akkademja Diġitali tal-Portugall u l-programmi tal-Impjiegi + Diġitali  |                                      |            |            | Q1  | 2022 | It-tieni TRIMESTRU TAL-1 L-akkademja Diġitali tal-Portugall — (1) Il-pjattaforma online hija operazzjonali u aċċessibbli mill-utenti tagħha, (2) il-proċeduri dijanjostiċi huma definiti biex jivvalutaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-ħiliet diġitali għat-trainees u biex jiddefinixxu l-korsijiet ta' taħriġ personalizzati li jeħtieġu, u l-ewwel sett ta' taħriġ online jitnieda u jkun aċċessibbli għat-trainees. Impjiegi + Diġitali — (1) jiġu identifikati s-setturi ekonomiċi li għandhom jiġu mmirati u jiġu definiti l-isfidi diġitali ewlenin tagħhom li għandhom jiġu indirizzati mill-korsijiet; (2) jiġu identifikati s-sħab u l-partijiet ikkonċernati għall-implimentazzjoni tal-programm; (3) jitnieda l-programm ta' taħriġ u jinbada t-taħriġ online, wiċċ imb wiċċ jew imħallat. |
| 16.3              | TD-C16-i01                      | T                 | Impjiegi + Taħriġ diġitali   |  | Għadd                                | 0          | 225 000    | Q2  | 2025 | L-għadd ta' parteċipazzjonijiet f'moduli ta' taħriġ iċċertifikati taħt il-programm Impjiegi + Diġitali.  |
| 16.4              | TD-C16-i01                      | T                 | MOOCs tal-Akkademja Diġitali tal-Portugall   |  | Għadd                                | 0          | 30         | Q2  | 2025 | 30 kors Online Miftuħ Massiv (MOOCs) ġdid għandhom ikunu disponibbli permezz tal-Akkademja Diġitali tal-Portugall.   |
| 16.6              | TD-C16-i02                      | T                 | Appoġġ għan-Network Nazzjonali tal-Beds tat-Testijiet  |  | L-euro                               | 0          | 30 000 000 | Q2  | 2024 | Mill-inqas EUR 30 000 000 għandhom jitħallsu lill-bankijiet tat-test fin-network nazzjonali tal-bankijiet tat-test. Kwalunkwe ammont ipprovdut minn programmi jew  |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investment) | L-ghanqas/ Tal-UE | L-isem  | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |            | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira  |
|-------------------|---------------------------------|-------------------|---|--|--------------------------------------|------------|------------|---|------|---|
|                   |                                 |                   |   |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan       | Q   | Snin |   |
|                   |                                 |                   |   |  |                                      |            |            |   |      | strumenti oħra tal-Unjoni ma għandux jingħadd ma' dan l-ammont.   |
| 16.7              | TD-C16-i02                      | T                 | Bażijiet tat-Test magħżula għan-Network Nazzjonali tal-Beds tat-Testijiet |  | Għadd                                | 0          | 30         | Q3  | 2022 | L-għadd ta' Beds tat-Testijiet magħżula biex jiġu installati aktar bit-tagħmir meħtieġ li jippermetti l-iżvilupp u l-ittestjar ta' prodotti pilota fin-Network Nazzjonali tal-Bordijiet tat-Testijiet. Il-kopertura tas-setturi tal-industrija, kif ukoll is-subsetturi tagħhom għandha tikkorrispondi għal dawk projettati għan-network tal-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali (DIH) sabiex jiġu ġġenerati sinerġiji u komplementarjetajiet man-network tad-DIH. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) tat-tranżazzjonijiet appoġġati taħt din il-miżura permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni, u r-ekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. |
| 16.8              | TD-C16-i02                      | T                 | Żborż ta' EUR 61 000 000 lin-Network Nazzjonali tal-Beds tat-Testijiet    |  | L-euro                               | 30 000 000 | 91 000 000 | Q2  | 2026 | Mill-inqas EUR 6 1 000 000 għandhom jiġu ttrasferiti fil-bankijiet tat-test fin-network nazzjonali tal-bankijiet tat-test. Kwalunkwe ammont ipprovdut minn programmi jew strumenti oħra tal-Unjoni ma għandux jingħadd ma' dan l-ammont.  |
| 16.9              | TD-C16-i02                      | T                 | Il-viċinati tal-Kummerċ Diġitali  |  | Għadd                                | 0          | 75         | Q2  | 2026 | Valutazzjoni pożittiva mill-awtoritajiet tar-rapporti finali ta' eżekuzzjoni.   |
| 16.10             | TD-C16-i02                      | T                 | Servizzi diġitali għall-entitajiet  |  | Għadd                                | 0          | 12 800     | Q2  | 2026 | 12 800 entità li rċevew vawċers għal servizzi diġitali. Appoġġ mogħti lil 7 konsorzju għal proġetti ta' aċċeleratur tal-kummerċ diġitali.   |
| 16.11             | TD-C16-i02                      | T                 | D programmi ta' igkapitalizzazzjoni                                       |  | Għadd                                | 0          | 4 600      | Q2  | 2026 | Entitajiet appoġġati minn wieħed mill-programmi li ġejjin: (1) "internazzjonalizzazzjoni permezz tal-kummerċ elettroniku"; (2) "ikkowċjar 4.0"; (3) "vawċers għan-Negożji Ġodda" jew (4) "Vawċers għall-Inkubaturi u l-Aċċelleraturi".  |
| 16.13             | TD-C16-i03                      | T                 | Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali (DIHs)                                   |  | Għadd                                | 0          | 16         | Q4  | 2021 | L-għadd ta' konsorzji DIH magħżula bl-approvazzjoni tal-offerti. Il-ħolqien ta' kull DIH għandu jimplika sussegwentement il-pedament ta' inkubatur/aċċeleratur biex titrawwem l-ekosistema tal-intraprenditorija assoċjata mas-setturi koperti miċ-ċentru. Dan l-investment għandu jsaħħaħ u jikkomplementa n-network li diġà qed jiġi żviluppjat fi ħdan il-Programm Ewropa Diġitali. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) tat-tranżazzjonijiet appoġġati taħt din il-   |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investment) | L-ghanqas/ Tal-UE | L-isem  | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)  | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |            | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira  |
|-------------------|---------------------------------|-------------------|---|---|--------------------------------------|------------|------------|---|------|---|
|                   |                                 |                   |   |   | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan       | Q   | Snin |   |
|                   |                                 |                   |   |   |                                      |            |            |   |      | miżura permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni, u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.  |
| 16.14             | TD-C16-i03                      | M                 | L-istabbiliment ta' servizzi biex jintbagħtu fatturi diġitali u ċertifikazzjonijiet taċ-ċibersigurtà, tal-privatezza, tal-użu u tas-sostenibbiltà | L-istabbiliment ta' servizzi biex jintbagħtu fatturi diġitali u ċertifikazzjonijiet taċ-ċibersigurtà, tal-privatezza, tal-użu u tas-sostenibbiltà |                                      |            |            | Q4  | 2023 | Għandhom jiġu stabbiliti ħames servizzi ġodda għal: 1) jintbagħtu fatturi diġitali; u 2) iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà, 3) iċ-ċertifikazzjoni tal-privatezza, 4) iċ-ċertifikazzjoni tal-użu u 5) iċ-ċertifikazzjoni tas-sostenibbiltà; inklużi l-kampanji ta' disseminazzjoni relatati dwar is-servizzi kollha. Is-servizzi taċ-ċertifikazzjoni għandhom jappoġġaw l-applikazzjonijiet u s-sottomissjoni tat-talbiet għaċ-ċertifikazzjoni, il-ġestjoni tal-proċessi, il-ħruġ u r-repożitorju ċentralizzat taċ-ċertifikati u tas-siġilli maħruġa. Is-servizzi ta' ċertifikazzjoni għandhom jappoġġaw ukoll il-komunikazzjoni bejn is-sħab u l-entitajiet kollha involuti fil-proċessi, kif ukoll il-ġenerazzjoni ta' data proċedurali rilevanti għall-monitoraġġ tal-programm. Is-servizzi jridu jkunu operazzjonali u aċċessibbli għall-utenti maħsuba. |
| 16.15             | TD-C16-i03                      | T                 | Żborż ta' EUR 20 000 000 lill-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali  |   | L-euro                               | 0          | 20 000 000 | Q2  | 2026 | Mill-inqas EUR 20 000 000 għandhom jiġu ttrasferiti lill-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali. Kwalunkwe ammont ipprovdut minn programmi jew strumenti oħra tal-Unjoni ma għandux jingħadd ma' dan l-ammont.  |
| 16.16             | TD-C16-i04                      | T                 | Għażla tal-proġetti tal-Industrija 4.0  |   | Għadd                                | 0          | 200        | Q4  | 2023 | Għandhom jintgħażlu 200 proġetti tal-industrija 4.0. Il-proġetti għandhom jikkonformaw mat-tipoloġija tal-azzjonijiet deskritti fid-deskrizzjoni tal-miżura.<br><br>Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) tat-tranżazzjonijiet appoġġati taħt din il-miżura permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni, u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.  |
| 16.17             | TD-C16-i04                      | T                 | Proġetti tal- "Industrija 4.0"  |   | Għadd                                | 0          | 300        | Q2  | 2026 | Rapporti ta' valutazzjoni tal-impatt tal-proġetti u deċiżjonijiet ta' valutazzjoni pożittiva għal 300 proġett taħt il-programm "Industrija 4.0".  |
| 16.18             | TD-C16-i05-RAA                  | T                 | Proġetti "Kapaċità Diġitali u Trasformazzjoni tal-Intrapriżi fl-Azores"   |   | Għadd                                | 0          | 409        | Q2  | 2026 | Ċertifikati ta' konklużjoni għal 409 proġett taħt il-programm "Kapaċità Diġitali u Trasformazzjoni tal-Intrapriżi fl-Azores".   |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investment) | L-ghanqas/Tal-UE | L-isem                | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira              |
|-------------------|---------------------------------|------------------|-----------------------|--|--------------------------------------|------------|------|---|------|---|
|                   |                                 |                  |                       |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |   |
| 16.20             | TD-C16-i06-RAM                  | T                | “+ Proġetti diġitali” |  | Għadd                                | 0          | 300  | Q4  | 2025 | Rapporti ta' spezzjoni ffirmati għal 300 proġett taħt il-programm “+ Diġitali”. |

## **Q. KOMPONENT 1 7: Il-kwalità u s-Sostenibbiltà tal-Finanzi Pubbliċi**

Il-komponent jindirizza l-isfidi relatati mal-proporzjon għoli tad-dejn pubbliku għall-PDG tal-Portugall, li ġie aggravat aktar minħabba l-kriżi tal-COVID-19. Id-daqs tal-proporzjon tad-dejn pubbliku għall-PDG tal-Portugall jillimita l-isparzu fiskali disponibbli u, meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, jitlob il-ħtieġa li tiġi żgurata s-sostenibbiltà fiskali fit-terminu medju. F'dak il-kuntest, kundizzjonijiet qafas aktar b'saħħithom għall-politika fiskali huma mistennija li jikkontribwixxu għal perkors li jiffavorixxi aktar it-tkabbir għal sostenibbiltà fiskali aktar b'saħħitha. L-objettiv tal-komponent huwa li jtejjeb il-ġestjoni finanzjarja pubblika fil-Portugall u li jnaqqas il-lakuni eżistenti fir-riformi fiskali-strutturali. Fost l-oħrajn, dawn l-għanijiet jinkludu:

- it-tweġiq tal-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Liġi Qafas Baġitarja tal-2015 u l-bidliet strutturali assoċjati f'termini ta' bbaġitjar, kontabbiltà u sistemi ta' informazzjoni;
- żieda fl-iffrankar fl-effiċjenza permezz ta' użu akbar ta' akkwist ċentralizzat u rieżamijiet tal-infiq, li huma ppjanati li jiġu integrati fil-proċess baġitarju regolari u soġġetti għal evalwazzjonijiet *ex post* sistematiċi;
- it-titjib tal-prestazzjoni finanzjarja tal-intrapriżi tal-istat permezz ta' trasparenza akbar, monitoraġġ imsaħħaħ u governanza aktar b'saħħitha, bil-maniġment isir aktar responsabbli u orjentat lejn il-prestazzjoni; u,
- it-tiżiħ tal-effiċjenza tal-amministrazzjoni tad-dħul — inklużi kemm l-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana kif ukoll is-servizzi tas-Sigurtà Soċjali — permezz tal-isfruttament tal-ambitu disponibbli għal diġitalizzazzjoni akbar u aktar favorevoli għan-negozju.

Il-komponent jikkontribwixxi għall-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż biex tittejjeb il-kwalità tal-finanzi pubbliċi, filwaqt li jsaħħaħ il-kontroll ġenerali tan-nefqa, il-kosteffiċjenza u l-ibbaġitjar adegwat (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2019), ir-rakkomandazzjoni biex tittejjeb is-sostenibbiltà finanzjarja tal-intrapriżi tal-istat, filwaqt li jiġi żgurat monitoraġġ aktar f'waqtu, trasparenti u komprensiv (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2019), ir-rakkomandazzjoni biex, meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, jiġu segwiti politiki fiskali mmirati lejn il-kisba ta' pożizzjoni fiskali prudenti fuq terminu medju u tiġi żgurata s-sostenibbiltà tad-dejn (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2020) u r-rakkomandazzjoni biex tittejjeb l-effettività tas-sistema tat-taxxa, b'mod partikolari billi tingħata prijorità lis-simplifikazzjoni tal-qafas tagħha (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2022 u 2023). Il-komponent jikkontribwixxi wkoll biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż biex l-investment jiġi ffukat fuq it-tranżizzjoni diġitali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### **Q.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

#### **Ir-riforma TD-r32: Modernizzazzjoni u Simplifikazzjoni tal-Ġestjoni Finanzjarja Pubblika**

L-objettiv tar-riforma huwa li timmodernizza l-kontroll tan-nefqa u l-ibbaġitjar. Ir-riforma tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ ta' atti legali dwar il-ġestjoni finanzjarja pubblika.

#### **Investiment TD-C17-i01: Sistemi ta' Informazzjoni dwar il-Ġestjoni Finanzjarja Pubblika**

L-objettiv tal-investment huwa li jimmodernizza l-ġestjoni finanzjarja pubblika. L-investment jikkonsisti f'soluzzjonijiet tat-teknoloġija tal-informazzjoni dwar il-ġestjoni finanzjarja pubblika.

Investiment TD-C17-i02: Modernizzazzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni tal-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana għat-tassazzjoni tal-proprjetà rurali

L-objettiv tal-investment huwa li jiddiġitalizza l-proċessi tat-tassazzjoni tal-proprjetà rurali. L-investment jikkonsisti f'sistemi ta' informazzjoni għall-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana.

Investiment TD-C17-i03: Tranżizzjoni diġitali tas-servizzi tas-Sigurtà Soċjali

L-objettiv tal-investment huwa li jiddiġitalizza s-servizzi tas-Sigurtà Soċjali.

L-investment jikkonsisti f'soluzzjonijiet tat-teknoloġija tal-informazzjoni u infrastruttura diġitali għas-servizzi tas-Sigurtà Soċjali.

Ir-riforma TD-C17-r40: Simplifikazzjoni tas-Sistema tat-Taxxa

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tissimplifika l-infiq tat-taxxa. Ir-riforma tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ ta' att (i) legali dwar l-infiq tat-taxxa.

**Q.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx**

**lura**

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investiment) | L-ghanqas/Tal-UE | L-isem   | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)  | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira   |
|-------------------|----------------------------------|------------------|--|---|--------------------------------------|------------|------|---|------|--|
|                   |                                  |                  |  |   | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |  |
| 17.1              | TD-C17-r32                       | T                | Tlesti t-fassil u l-implimentazzjoni ta' mudelli ġodda tal-akkwist għas-sistema ċentrali nazzjonali tal-akkwist pubbliku kif previst fil-pjan strateġiku 2020–2023 tal-entità tas-servizzi kondiviżi tal-amministrazzjoni pubblika |   | Għadd                                | 0          | 10   | Q4  | 2022 | Għadd ta' ftehimiet qafas u mudelli ta' kuntrattar riveduti, sabiex: I) il-promozzjoni tas-simplifikazzjoni amministrattiva; II) isaħħu l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u kontroll; III) trawwem kunsiderazzjonijiet ta' kosteffiċjenza u razzjonalizzazzjoni; IV) titwessa' l-lista ta' oġġetti u servizzi soġġetti għal akkwist ċentralizzat; u, v) tippromwovi l-kollaborazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati interni u esterni.                                |
| 17.2              | TD-C17-r32                       | M                | Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni li tirted l-Entità tal-Kontabbiltà tal-Istat   | Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni li tirted l-Entità tal-Kontabbiltà tal-Istat                                    |                                      |            |      | Q4  | 2022 | Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni sekondarja (u/jew linji gwida amministrattivi) biex jiġi rregolat liema entrati speċifiċi ta' dħul u nefqa għandhom jiġu inklużi fil-baġit tal-Entità tal-Kontabbiltà tal-Istat, f'konformità sħiħa mal-Artikoli 49 u 55 tal-Liġi Qafas Baġitarja tal-2015.  |
| 17.3              | TD-C17-r32                       | M                | Tlestija u approvazzjoni tal-mudell għall-monitoraġġ tal-eżekuzzjoni baġitarja u finanzjarja tal-gvern ġenerali  | Tlestija u approvazzjoni tal-mudell għall-monitoraġġ tal-eżekuzzjoni baġitarja u finanzjarja tal-gvern ġenerali |                                      |            |      | Q4  | 2022 | It-tlestija u l-approvazzjoni mill-Ministeru tal-Finanzi tal-mudell għall-kontroll u l-monitoraġġ tal-eżekuzzjoni baġitarja u finanzjarja tal-gvern ġenerali, f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tal-Liġi Qafas Baġitarja tal-2015 u l-prinċipji bbażati fuq id-dovuti tal-istandard tal-kontabbiltà għall-amministrazzjoni pubblika.  |
| 17.4              | TD-C17-r32                       | M                | Dħul fis-seħħ ta' att legali dwar l-ibbaġitjar tal-programmi   | Dispożizzjoni fl-att legali li tindika d-dħul fis-seħħ tal-att legali   |                                      |            |      | Q2  | 2025 | Id-dħul fis-seħħ ta' att legali dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-ibbaġitjar tal-programmi u dwar manwal dwar l-ibbaġitjar tal-ispejjeż tal-programmi.   |
| 17.5              | TD-C17-r32                       | M                | Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni biex jiġu integrati r-rieżamijiet tal-infiq fil-proċess baġitarju regolari, inkluża l-evalwazzjoni ex  | Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni   |                                      |            |      | Q4  | 2024 | Id-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni dwar ir-rieżamijiet tal-infiq sabiex jiġu integrati bis-sħiħ fil-proċess baġitarju annwali u fil-qafas baġitarju ta' terminu medju tal-Portugall. Il-proċess jinkludi d-djanjożi, it-fassil ta' soluzzjonijiet u d-definizzjoni ta' mudell li jippermetti l-ġenerazzjoni ta' kisbiet fl-effiċjenza fil-forniment ta' servizzi pubbliċi u jwessa' r-rieżamijiet tal-infiq għal setturi addizzjonali fi ħdan il-gvern ġenerali. |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investiment) | L-ghanqas/Tal-UE | L-isem   | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)   | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira   |
|-------------------|----------------------------------|------------------|--|--|--------------------------------------|------------|------|---|------|--|
|                   |                                  |                  |  |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |  |
|                   |                                  |                  | post tal-iffrankar fl-effiċjenza   |  |                                      |            |      |   |      | Minbarra l-integrazzjoni tar-rieżamijiet tal-infiq fil-proċess baġitarju annwali, dawn għandhom ikunu soġġetti għal evalwazzjonijiet ex post annwali biex jiġi aċċertat it-titjib fl-effiċjenza miksub.  |
| 17.6              | TD-C17-r32                       | M                | Dħul fis-seħħ tal-mudell il-ġdid tal-kuntratt ta' ġestjoni skont is-sistema l-ġdida ta' inċentivi/penali għall-ġestjoni ta' intrapriżi tal-Istat | Dħul fis-seħħ tal-mudell il-ġdid tal-kuntratt ta' ġestjoni   |                                      |            |      | Q4  | 2021 | It-tieni TRIMESTRU TAL-4 Id-dħul fis-seħħ tal-mudell il-ġdid tal-kuntratt ta' ġestjoni li għandu jiġi ffirmat mal-manigġers pubbliċi maħtura fil-Bordijiet tad-Diretturi tal-intrapriżi tal-istat, sabiex tiżdied ir-responsabbiltà u l-obbligu ta' rendikont fil-ġestjoni tar-riżorsi pubbliċi permezz ta' sistema ġdida ta' inċentivi/penali orjentati lejn il-prestazzjoni. |
| 17.7              | TD-C17-r32                       | M                | Dħul fis-seħħ tal-mudell il-ġdid għall-analiżi u l-iżvelar tas-sitwazzjoni finanzjarja u l-prestazzjoni tal-intrapriżi tal-istat                 | Dħul fis-seħħ tar-rapport il-ġdid li jagħti dettalji dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u l-prestazzjoni tal-intrapriżi tal-istat |                                      |            |      | Q4  | 2022 | It-tieni TRIMESTRU TAL-4 Id-dħul fis-seħħ tar-rapport il-ġdid li jagħti dettalji dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u l-prestazzjoni tal-intrapriżi tal-istat fuq bażi regolari u f'waqtha, li jinkorpora d-data finanzjarja miġbura permezz tas-sistema l-ġdida ta' informazzjoni tas-settur tal-intrapriżi tal-istat.   |
| 17.8              | TD-C17-r32                       | T                | Pjanijiet tal-baġit u tal-attivitajiet tal-intrapriżi tal-istat  |  | Għadd                                | 0          | 136  | Q2  | 2025 | L-għadd ta' pjanijiet baġitarji u tal-attivitajiet tal-intrapriżi tal-istat għall-2025 approvati b'Ordni Ministerjali.   |
| 17.9              | TD-C17-i01                       | M                | Tlestija tal-implimentazzjoni tal-Entità tal-Kontabbiltà tal-Istat   | Tlestija tal-implimentazzjoni tal-Entità tal-Kontabbiltà tal-Istat   |                                      |            |      | Q2  | 2024 | Tlesti l-implimentazzjoni tal-Entità tal-Kontabbiltà tal-Istat, f'konformità sħiħa mal-Artikoli 49 u 55 tal-Liġi Qafas Baġitarja tal-2015.   |
| 17.10             | TD-C17-i01                       | M                | Funzjonalitajiet ġodda tas-soluzzjoni tat-teknoloġija tal-informazzjoni li tappoġġa t-tnejn tal-Baġit tal-Istat                                  | Funzjonalitajiet ġodda tas-soluzzjoni tat-teknoloġija tal-informazzjoni, inkluż l-ibbaġitjar tal-programmi                     |                                      |            |      | Q4  | 2024 | Soluzzjoni tat-teknoloġija tal-informazzjoni tal-Entità Baġitarja (SIGO jew Sistema de Informação de Gestão Orçamental) aġġornata bl-iżvilupp ta' funzjonalitajiet ġodda biex tappoġġa t-tnejn tal-Baġit tal-Istat, u għal programmi baġitarji bbażati fuq il-prestazzjoni.  |
| 17.11             | TD-C17-i01                       | M                | Funzjonalitajiet għas-soluzzjoni tat-teknoloġija tal-informazzjoni li tappoġġa t-tnejn tal-Baġit tal-Istat                                       | Funzjonalitajiet disponibbli   |                                      |            |      | Q4  | 2025 | Funzjonalitajiet għall-monitoraġġ tal-informazzjoni baġitarja fis-soluzzjoni tat-teknoloġija tal-informazzjoni tal-entità Baġitarja (SIGO jew Sistema de Informação de Gestão Orçamental).   |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investment) | L-ghanqas/Tal-UE | L-isem   | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)   | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira   |
|-------------------|---------------------------------|------------------|--|--|--------------------------------------|------------|------|---|------|--|
|                   |                                 |                  |  |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |  |
| 17.12             | TD-C17-i01                      | T                | Sistemi ta' informazzjoni tas-sistema ċentrali nazzjonali tal-akkwist pubbliku   |  | Għadd                                | 0          | 11   | Q4  | 2024 | Sistemi ta' informazzjoni tas-sistema ċentrali nazzjonali tal-akkwist pubbliku li jintużaw biex: I) il-promozzjoni tas-simplifikazzjoni amministrattiva; II) isaħħu l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u kontroll; III) trawwem kunsiderazzjonijiet ta' kosteffiċjenza u razzjonalizzazzjoni; IV) titwessa' l-lista ta' oġġetti u servizzi soġġetti għal akkwist ċentralizzat; u, v) tippromwovi l-kollaborazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati interni u esterni.  |
| 17.15             | TD-C17-i02                      | M                | Tlesti l-implimentazzjoni tal-mili minn qabel tad-dikjarazzjoni tal-Mudell 1 tat-taxxa municipli fuq il-proprjetà immobbli (IMI), abbażi tad-data disponibbli għall-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana | Tlesti l-implimentazzjoni tal-mili minn qabel tad-dikjarazzjoni tal-Mudell 1 tat-taxxa municipli fuq il-proprjetà immobbli (IMI) |                                      |            |      | Q2  | 2022 | Il-kondiviżjoni tad-data bejn l-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana u l-muniċipalitajiet għall-mili minn qabel tad-dikjarazzjoni tal-Mudell 1 tat-taxxa municipli fuq il-proprjetà immobbli (" <i>Imposto Municipal sobre Imóveis</i> ", IMI), filwaqt li jittieħed vantaġġ mill-informazzjoni eżistenti dwar il-proprjetajiet fis-sistemi ta' informazzjoni rispettivi.  |
| 17.21             | TD-C17-i02                      | M                | Tlesti l-implimentazzjoni tal-mili minn qabel ta' tranżazzjoni speċifika soġġetta għat-taxxa tal-boll  | Tlestija tal-implimentazzjoni tal-mili minn qabel ta' tranżazzjoni speċifika soġġetta għat-taxxa tal-boll                        |                                      |            |      | Q4  | 2023 | Tlesti l-implimentazzjoni ta' servizzi ta' mili minn qabel għat-trasferiment bla ħlas ta' proprjetà immobbli u vetturi relatati mas-suċċessjoni mal-mewt soġġetti għat-taxxa tal-boll (" <i>Imposto do Selo</i> "), filwaqt li tiegħu vantaġġ mill-informazzjoni eżistenti dwar il-proprjetajiet disponibbli għall-Awtoritajiet tat-Taxxa u tad-Dwana, l-Istitut tal-Mobbiltà u t-Trasport. (IMT) u l-Istitut għar-Reġistri u n-Nutara (IRN).  |
| 17.16             | TD-C17-i02                      | M                | Sistemi ta' informazzjoni għall-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana   | Sistemi ta' informazzjoni għall-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana   |                                      |            |      | Q4  | 2025 | I) Sistema ta' informazzjoni għall-preservazzjoni u l-viżwalizzazzjoni tad-data dwar il-proprjetà rurali, inkluża d-dokumentazzjoni ta' appoġġ diġitalizzata għall-matriċijiet tal-proprjetà, disponibbli għall-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana u II) Xiri ta' software jew hardware mill-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana.   |
| 17.18             | TD-C17-i03                      | T                | Funzjonalitajiet għas-sit web ta' <i>Segurança Social Direta</i>   |  | Għadd                                | 0          | 10   | Q4  | 2025 | Għaxar funzjonalitajiet online disponibbli fuq is-sit web ta' <i>Segurança Social Direta</i> għal: I) applikazzjoni għal tutela ċivili u proċessi ta' foster care; II) applikazzjoni għal benefiċċju kumpensatorju għal allowances għall-vaganzi u l-Milied; III) rivalutazzjoni tal-benefiċċji tal-familja; IV) applikazzjoni għas-sospensjoni tal-allowance għall-attività kulturali; V) applikazzjoni għal pensjoni ta' sopravivenza; VI) l-għoti awtomatiku ta' allowance tal-familja; VII) applikazzjoni għall-allowance inizjali tal-ġenituri; VIII) applikazzjoni għal pensjoni tax-xjuħija; IX) applikazzjoni għal benefiċċju tal-qgħad parzjali; X) l-għoti ta' pensjoni tad-diżabilità |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investiment) | L-ghanqas/Tal-UE | L-isem  | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)                    | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira  |
|-------------------|----------------------------------|------------------|---|---|--------------------------------------|------------|------|---|------|---|
|                   |                                  |                  |   |   | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |   |
| 17.20             | TD-C17-i03                       | T                | Mudelli ta' sorveljanza intelliġenti  |   | Għadd                                | 0          | 2    | Q4  | 2025 | Żewġ mudelli ta' sorveljanza intelliġenti disponibbli <i>għall-Instytut da Segurança Social</i> : I) mudell ta' tbassir li jista' jimmarka l-entitajiet li għandhom jiġu spezzjonati; II) mudell ta' indiċijiet tar-riskju għall-benefiċjarji tal-benefiċċji soċjali.   |
| 17.22             | TD-C17-r40                       | M                | Dħul fis-seħħ ta' att legali li jimmodifika l-qafas legali ta' benefiċċji tat-taxxa magħżula  | Dispożizzjoni fl-att legali li tindika d-dħul fis-seħħ tal-att legali |                                      |            |      | Q2  | 2023 | Id-dħul fis-seħħ ta' att legali li għandu jelimina jew jestendi sett immirat ta' benefiċċji tat-taxxa. L-att legali għandu jinkludi benefiċċji tat-taxxa li għandhom jiskadu fis-sena sussegwenti sad-dħul fis-seħħ tiegħu, li ma għadhomx allinjati mal-oġettiv oriġinali tal-politika pubblika tiegħu jew li għandhom għadd baxx ta' benefiċjarji, u li huma potenzjalment ta' ħsara għall-ambjent. |
| 17.23             | TD-C17-r40                       | M                | Dħul fis-seħħ tal-att legali li joħloq l-unità tal-politika tat-tassazzjoni teknika permanenti <i>Unidade Técnica de Avaliação Tributária e Aduaneira</i> (U-TAX) | Dispożizzjoni fl-att legali li tindika d-dħul fis-seħħ tal-att legali |                                      |            |      | Q4  | 2023 | Dħul fis-seħħ tal-att legali li għandu joħloq l-unità tal-politika fiskali teknika permanenti U-TAX.  |
| 17.25             | TD-C17-r40                       | M                | Dħul fis-seħħ ta' att (i) legali dwar in-nefċiet tat-taxxa  | Dispożizzjoni fl-att legali li tindika d-dħul fis-seħħ tal-att legali |                                      |            |      | Q1  | 2026 | Id-dħul fis-seħħ ta' att (i) legali bbażat (i) fuq ir-rakkomandazzjonijiet minn U-TAX relatati mas-SIFIDE indiretta (Sistema ta' Inċentiv tat-Taxxa għall-Investiment fin-Negożju fir-Riċerka u l-Iżvilupp) u l-Istatut tal-Benefiċċji tat-Taxxa.   |

## **R. IL-KOMPONENT 18: Il-ġustizzja Ekonomika u l-Ambjent tan-Negozju**

Il-komponent jindirizza l-isfida tal-inefficijenzi fis-sistema tal-ġustizzja Portugiża kif ukoll l-ostakli li fadal fil-liċenzjar tan-negozju. It-tul tal-proċeduri amministrattivi u tat-taxxa ilu jitjieb f'dawn l-aħħar snin, iżda għadu wieħed mill-ogħla fl-UE, u l-għadd ta' kawżi pendenti (kawżi pendenti) għadu relattivament għoli. L-ambjent tan-negozju huwa mxekkel ukoll minn effettività baxxa tal-liġijiet dwar il-kollateral u l-falliment u proċeduri kbar ta' liċenzjar f'xi setturi.

L-objettiv tal-komponent huwa li jsaħħa u jagħmel aktar effiċjenti r-relazzjonijiet bejn iċ-ċittadini u l-kumpaniji mal-Istat, kif ukoll li jnaqqas il-piż u l-kumplessità li jxekklu l-attività tan-negozju u jħallu impatt fuq il-produttività. Dan jindirizza żewġ kwistjonijiet li ilhom jeżistu: ostakli fil-kisba ta' liċenzji tan-negozju u inefficijenzi fis-sistema ġudizzjarja, kif ukoll l-adozzjoni tal-paradigma "diġitali skont id-definizzjoni" fis-sistema ġudizzjarja u l-promozzjoni tagħha fil-proċeduri ta' liċenzjar kemm fir-rigward tal-funzjonament tal-qrati kif ukoll fir-rigward tal-interazzjoni mal-partijiet ikkonċernati. Dan il-komponent għandu l-għan li jindirizza sfidi differenti identifikati fir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 2019 u 2020), jiġifieri l-inefficijenzi li fadal fl-oqsma tal-proċeduri ta' insolvenza u tal-qrati amministrattivi u tat-taxxa, u li jindirizza l-kwistjoni tar-rekwiżiti ta' liċenzjar għan-negozji, filwaqt li jittratta l-qafas tal-professjonijiet regolati (inkluż ukoll fl-istess Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż), għalkemm limitat għall-professjoni ta' prattikanti fl-insolvenza (l-isfida tal-professjonijiet regolati hija indirizzata fil-komponent 6). Il-komponent jikkontribwixxi wkoll biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż biex l-investment jiġi ffukat fuq it-tranżizzjoni diġitali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### **R.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

#### **Ir-riforma TD-C18-r33: Il-ġustizzja ekonomika u l-ambjent tan-negozju**

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tiżdied l-efficijenza tal-qrati amministrattivi u fiskali u li jitnaqqsu l-ostakli għall-investment fil-qasam tal-liċenzjar.

Din ir-riforma tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ ta' atti legali biex jiġu inċentivati soluzzjonijiet fil-qorti u barra mill-qorti, biex jiġi rieżaminat il-qafas tal-insolvenza, biex jiġu riveduti l-istatuti tal-iskrivani ġudizzjarji u l-liċenzjar ambjentali, u biex jiġu introdotti awli speċjalizzati fi qrati superjuri.

#### **Investiment TD-C18-i01: Il-ġustizzja ekonomika u l-ambjent tan-negozju**

L-objettiv tal-investment huwa li jiżgura t-tranżizzjoni diġitali u r-reżiljenza tas-sistemi tal-IT tal-ġustizzja Portugiżi. L-investment jikkonċerna d-disponibbiltà ta' sistemi ta' informazzjoni, u t-twassil jew id-disponibbiltà ta' pjattaformi u għodod tal-IT.

**R.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura**

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investiment) | L-ghanqas/Tal-UE | L-isem  | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)                                      | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira   |
|-------------------|----------------------------------|------------------|---|---|--------------------------------------|------------|------|---|------|--|
|                   |                                  |                  |   |   | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |  |
| 18.1              | TD-C18-r33                       | M                | Il-ħolqien ta' awli speċjalizzati fil-qrati amministrattivi u superjuri tat-taxxa       | Il-ħolqien ta' awli speċjalizzati fil-qrati amministrattivi u superjuri tat-taxxa       |                                      |            |      | Q1  | 2023 | Il-ħolqien ta' awli speċjalizzati fil-qrati amministrattivi u superjuri tat-taxxa: sentenzi amministrattivi ordinarji, sentenzi amministrattivi soċjali, sentenzi dwar l-akkwist pubbliku, sentenzi ordinarji dwar it-taxxa, sentenzi dwar l-infurzar tat-taxxa u reati amministrattivi. |
| 18.2              | TD-C18-r33                       | M                | Dħul fis-seħħ ta' reġim legali li jinkoraġġixxi soluzzjoni fil-qorti u barra mill-qorti | Dħul fis-seħħ ta' reġim legali li jinkoraġġixxi soluzzjoni fil-qorti u barra mill-qorti |                                      |            |      | Q1  | 2023 | Id-dħul fis-seħħ tar-reġim legali li joħloq skema statutorja ta' inċentivi għat-terminazzjoni tal-proċedimenti permezz ta' soluzzjoni fil-qorti u barra mill-qorti.  |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investment) | L-ghanqas/Tal-UE | L-isem  | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)                    | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira   |
|-------------------|---------------------------------|------------------|---|---|--------------------------------------|------------|------|---|------|--|
|                   |                                 |                  |   |   | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |  |
| 18.3              | TD-C18-r33                      | M                | Dħul fis-seħħ tal-qafas legali rivedut għall-insolvenza u l-irkupru                 | Dħul fis-seħħ tal-qafas legali rivedut għall-insolvenza u l-irkupru   |                                      |            |      | Q2  | 2024 | Dħul fis-seħħ tal-qafas legali rivedut għall-insolvenza u s-salvataġġ ta' kumpaniji bil-ħsieb li dawn il-proċedimenti jiġu adattati għal "diġitali b'mod awtomatiku", inkluż<br>a) ir-reviżjoni tal-Kodiċi tal-Insolvenza biex jiġu ottimizzati l-proċedimenti ta' insolvenza, li tirrifletti wkoll l-istabbiliment ta' proċedimenti elettroniċi; (b) tafda lill-Amministratur tal-Insolvenza bil-kompitu li jfassal pjan ta' likwidazzjoni, b'miri marbuta biż-żmien, għar-rilaxx tal-assi li jikkostitwixxu l-patrimonju tal-insolvenza; (c) is-simplifikazzjoni tal-proċedura għall-eżami tal-obbligazzjonijiet u l-klassifikazzjoni tal-pretensjonijiet fil-proċedimenti ta' insolvenza, billi l-Amministratur tal-Insolvenza jingħata r-responsabbiltà li jippreżenta flimkien mal-lista ta' pretensjonijiet rikonoxxuti proposta għall-klassifikazzjoni tagħhom, li tippermetti lill-imħallef, f'każ ta' qbil u fin-nuqqas ta' kwalunkwe kontestazzjoni, japprova ż-żewġ dokumenti, u b'hekk tippermetti proċedura aktar flessibbli; d) l-istituzzjoni ta' tqassim parzjali obligatorju meta l-patrimonju tal-insolvenza jinkludi r-rikavati mil-likwidazzjoni ta' assi b'valur ta' EUR 10 000 jew aktar, li s-sjieda tagħhom ma tkunx ikkontestata u l-proċedura ma tkunx f'pożizzjoni li tagħmel tqassim finali; (e) rieżami tar-reġim preventiv tad-dritt ta' żamma meta ffaċċjat bl-ipoteka (Código Civil); (f) it-tnaqqis tar-restrizzjonijiet fuq l-eżerċizzju tal-professjoni ta' amministratur tal-insolvenza; (g) tistabbilixxi bħala regola n-notifika elettronika ta' persuni ġuridiċi, b'mod partikolari fi proċedimenti ta' insolvenza; (h) il-ħolqien u l-operat ta' mill-inqas awla speċjalizzata waħda fil-qrati superjuri għal kwistjonijiet kummerċjali. |
| 18.10             | TD-C18-r33                      | M                | Statuti tal-Iskrivani Ġudizzjarji   | Dispożizzjoni fl-att legali li tindika d-dħul fis-seħħ tal-att legali |                                      |            |      | Q2  | 2025 | Dħul fis-seħħ tal-Istatuti riveduti tal-iskrivani ġudizzjarji. Ir-reviżjoni għandha tinkludi:<br>(a) Karriera f'diversi kategoriji;<br>(b) Reġim ġdid għall-pożizzjoni maniġerjali;<br>(c) F' tabella tar-rimunerazzjoni ġdida b'reġim tranżitorju;<br>(d) Allowance ġdida għad-disponibbiltà applikabbli għal pożizzjonijiet mhux maniġerjali.  |
| 18.4              | TD-C18-r33                      | M                | Dħul fis-seħħ ta' att legali dwar it-tneħħija tal-ostakli għal-liċenzjar ambjentali | Dispożizzjoni fl-att legali li tindika d-dħul fis-seħħ tal-att legali |                                      |            |      | Q3  | 2025 | Id-dħul fis-seħħ ta' att legali dwar it-tneħħija tal-ostakli għal-liċenzjar ambjentali, identifikat fir-rapport "Dijanjożi tar-restrizzjonijiet fil-qasam tal-liċenzjar ambjentali".   |
| 18.5              | TD-C18-i01                      | M                | Sistema tal-IT modernizzata għall-investigazzjoni kriminali                         | Sistema tal-IT modernizzata għall-investigazzjoni                     |                                      |            |      | Q4  | 2023 | Il-bidu tal-operat ta' sistema tal-IT modernizzata għall-investigazzjonijiet kriminali. Il-modernizzazzjoni tinkludi l-implimentazzjoni tal-interfaċċi u t-titjib tas-sistemi ta' interċettazzjoni u l-iżgurar tal-interoperabbiltà mal-kontropartijiet Ewropej u internazzjonali.   |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investment) | L-ghanqas/ Tal-UE | L-isem  | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)   | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira  |
|-------------------|---------------------------------|-------------------|---|--|--------------------------------------|------------|------|---|------|---|
|                   |                                 |                   |   |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |   |
|                   |                                 |                   |   | kriminali li qed titħaddem   |                                      |            |      |   |      |   |
| 18.6              | TD-C18-i01                      | M                 | Sistema ta' informazzjoni "Intrapriża 2.0"  | Sistema ta' informazzjoni "Intrapriża 2.0" li qed titħaddem  |                                      |            |      | Q1  | 2024 | Id-dħul fis-seħħ tas-sistema ta' informazzjoni "Enterprise 2.0", li hija pjattaforma ġdida li tinkludi informazzjoni tal-kumpanija dwar iċ-ċiklu tal-ħajja tan-negozji (ħolqien, ġestjoni u terminazzjoni).   |
| 18.7              | TD-C18-i01                      | M                 | Sistema ta' informazzjoni għat-trattament elettroniku tal-proċedimenti                                | Ċertifikati tax-xogħol għal sistemi ta' informazzjoni għat-trattament elettroniku tal-proċedimenti |                                      |            |      | Q4  | 2025 | Ċertifikati ta' ħidma għas-sistema ta' informazzjoni għat-trattament elettroniku tal-proċedimenti mill-imħallfin (Magistratus) u mill-prosekuturi pubbliċi (MP Codex).  |
| 18.8              | TD-C18-i01                      | M                 | Kunsinna ta' hardwer jew softwer  | Kunsinna ta' hardwer jew softwer   |                                      |            |      | Q4  | 2025 | Twassil ta':<br>(a) Il-kontinwità taċ-Ċentru għall-Irkupru mis-Servizzi u mid-Diżastri, is-soluzzjoni tal-Infrastruttura bħala Servizz (IaaS), is-soluzzjoni ta' Back-up, u s-soluzzjoni tal-Protezzjoni tad-Data u l-Arkivjar;<br>(b) Soluzzjoni ta' Ġestjoni tal-Identità u tal-Aċċess, soluzzjoni ta' Ġestjoni tal-Privileġġi tal-Punt tat-Tmiem, soluzzjoni ta' Awtentifikazzjoni b'Diversi Fatturi u soluzzjoni ta' Ġestjoni tal-Aċċess Privileġġat;<br>(c) Pjattaforma għall-Irkupru u l-Ġestjoni tal-Assi Ġudizzjarji. |
| 18.9              | TD-C18-i01                      | M                 | Pjattaformi għal Servizzi ta' appoġġ kondiviż, Statistika, Ġestjoni tal-informazzjoni, u Data miftuħa | Twassil jew disponibbiltà ta' pjattaformi  |                                      |            |      | Q4  | 2025 | Twassil jew disponibbiltà ta' pjattaformi għal:<br>(a) Servizzi ta' appoġġ kondiviżi;<br>(b) S tatistika;<br>(c) Il-ġestjoni tal-informazzjoni; u<br>(d) Data miftuħa.  |

## **S. IL-KOMPONENT 19: Amministrazzjoni Pubblika Diġitali**

Dan il-komponent tal-pjan Portugiż għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfida tal-ħtieġa li jiġu pprovduti servizzi pubbliċi aħjar, aktar sempliċi u aktar diġitali. Filwaqt li l-Portugall jinsab f'pożizzjoni tajba fir-rigward tal-forniment ta' servizzi diġitali, il-frammentazzjoni u d-duplikazzjoni tar-rekwiżiti jibqgħu ostakli ewlenin għal amministrazzjoni pubblika effiċjenti u orjentata lejn il-klijent. Dan il-komponent għandu l-għan li jindirizza dawn l-isfidi.

Il-komponent jimmira lejn servizz pubbliku aħjar, permezz tat-trawwim tal-użu ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi u t-tiżni tal-prossimità għal aċċess aktar sempliċi, sigur, effettiv u effiċjenti għaċ-ċittadini u n-negozji, filwaqt li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-kuntast. Barra minn hekk, għandha l-għan li tippromwovi l-effiċjenza, il-modernizzazzjoni, l-innovazzjoni u t-tiżni tal-pożizzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, issaħħaħ ir-reżiljenza tagħha, ittejjeb il-ħiliet tal-impjegati taċ-ċivil u ttejjeb il-kontribut tal-istat u tal-amministrazzjoni pubblika għat-tkabbir u l-iżvilupp ekonomiku u soċjali.

Dan il-komponent huwa ċċentrat fuq l-implimentazzjoni tal-paradigma “diġitali skont id-definizzjoni” u l-prinċipju ta' “darba biss” fl-amministrazzjoni pubblika Portugiża, filwaqt li jinvesti fit-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol.

Dan il-komponent jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi dwar:

- il-prijoritizzazzjoni tan-nefqa li tiffavorixxi t-tkabbir (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2019 u 2020), billi jinkiseb it-titjib fl-effiċjenza li jirriżulta mid-diġitalizzazzjoni;
- it-titjib tal-livell tal-ħiliet tal-popolazzjoni (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2019) fir-rigward tas-servizz ċivili;
- l-iffukar tal-investment fuq it-tranżizzjoni diġitali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020), billi jsir investment f'sistemi ta' amministrazzjoni pubblika trażversali u settorjali; u
- it-tnaqqis tal-piż regolatorju u amministrattiv fuq in-negozju (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 2019) billi jiġu ssimplifikati u jsiru aktar effiċjenti r-relazzjonijiet bejn in-negozji u l-awtoritajiet pubbliċi, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' “darba biss”.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan f'konformità mal-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01).

### **S.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

#### **Ir-riforma TD-r34: Servizzi pubbliċi diġitali, sempliċi, inklużivi u siguri għaċ-ċittadini u n-negozji**

L-objettiv tar-riforma huwa li timplimenta l-paradigma “diġitali skont id-definizzjoni” fis-servizzi pubbliċi, li tagħmilha aktar orjentata lejn l-utent, iżżid l-aċċessibilità u tnaqqas il-piż amministrattiv għaċ-ċittadini u n-negozji, inkluż billi tiddependi fuq l-użu tas-servizzi tal-cloud.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-implimentazzjoni ta' miżuri biex jiġi żgurat li l-qafas legali meħtieġ ikun fis-seħħ għat-tranżizzjoni diġitali, b'mod partikolari għall-implimentazzjoni tal-portal diġitali uniku u l- "prinċipju ta' darba biss", permezz ta' proċess ikkoordinat bejn l-entitajiet pubbliċi ankrat fi Strateġija u Pjan ta' Azzjoni għat-Trasformazzjoni Diġitali fl-Amministrazzjoni Pubblika għall-2021 sal-2023 u mill-2024 sal-2026, filwaqt li jiġu implimentati s-salvagwardji meħtieġa għas-sigurtà tal-informazzjoni, inklużi dawk speċifiċi għaċ-ċibersigurtà.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2021.

#### Ir-riforma TD-r35: Riforma funzjonali u organizzattiva tal-amministrazzjoni pubblika

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tirristruttura u tissimplifika s-servizzi pubbliċi biex tippromwovi amministrazzjoni pubblika moderna u aktar effiċjenti, filwaqt li tiegħu wkoll vantaġġi mis-sinerġiji derivati mill-implimentazzjoni tar-riforma TD-r34. Bħalissa hemm dispersjoni u sensji fi ħdan id-dipartimenti tal-gvern ċentrali, li jwasslu għal ripetizzjoni ta' servizzi fi ħdan il-ministeri, u livell għoli ta' riġidità tal-mudelli tat-twertiq tax-xogħol fis-settur pubbliku, li jiddependi fuq ktajjen stretti ta' kmand u li jwassal għal approċċi burokratiċi żejda.

Din ir-riforma għandha tirrevedi l-mudell tal-funzjonament tal-istat u tal-amministrazzjoni pubblika b'mod ġenerali, biex ittejjeb is-sinerġiji u tisfrutta l-opportunitajiet maħluqa mit-teknoloġija. Dan għandu jinkludi ċ-ċentralizzazzjoni ta' servizzi komuni u kondiviżi, l-indirizzar tat-tixrid u s-sensji fi ħdan id-dipartimenti tal-gvern ċentrali, l-ispeċjalizzazzjoni adegwata tal-entitajiet tal-amministrazzjoni pubblika settorjali diretti u indiretti skont l-oqsma ta' għarfien espert, l-ispeċjalizzazzjoni tal-funzjonijiet kritiċi ta' appoġġ għall-attività tal-gvern u l-konċentrazzjoni ta' xi uffiċċji tal-gvern fi spazju fiżiku wieħed. Din ir-riforma għandha titwettag permezz tal-ħolqien ta' grupp ta' ħidma għad-dijanjożi u d-definizzjoni ta' pjan għar-riorganizzazzjoni tas-servizzi ċentrali tal-Istat.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

#### Ir-riforma TD-r36: Amministrazzjoni pubblika mogħtija s-setgħa li toħloq valur pubbliku

Din ir-riforma hija mmirata lejn it-titjib tal-ħiliet tal-impjegati taċ-ċivil, inkluż fil-ħiliet diġitali tagħhom, u timplimenta mudelli tax-xogħol ġodda (jiġifieri t-telexogħol). Din ir-riforma hija konformi mal-miżuri previsti fil-Komponent 6.

Din ir-riforma, riflessa fl-Istrateġija għall-Innovazzjoni u l-Modernizzazzjoni tal-Istat u l-Amministrazzjoni Pubblika ta' Lulju 2020, għandha ssaħħa l-istruttura ta' ġestjoni u taħriġ għall-impjegati taċ-ċivil u l-maniġment, billi tistabbilixxi l-istruttura għall-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' taħriġ ( *l-Instituto Nacional de Administração*), li għandha tmexxi l-promozzjoni kemm tat-taħriġ avvanzat bħall-ħila maniġerjali, ix-xjenza tad-data, il-korsijiet ta' speċjalizzazzjoni, kif ukoll billi tappfondixxi l-programm *Qualifica AP* sabiex ittejjeb il-livell tal-kwalifiki tal-uffiċjali pubbliċi, fit-terminu qasir/medju. B'mod parallel, din ir-riforma għandha l-għan li tisfrutta l-potenzjal tat-telexogħol fis-servizz ċivili.

Huwa intrinsikament marbut mal-investment TD-C19-i07 — Għoti tas-setgħa lill-amministrazzjoni pubblika, li jipprevedi programmi ta' kapaċità diġitali, programmi ta' internship professjonali, taħriġ maniġerjali ogħla u avvanzat u t-tiħiħ tal-ħiliet tal-impjegati taċ-ċivil b'mod ġenerali.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2021.

#### Investiment TD-C19-i01: Tfassil mill-ġdid ta' servizzi pubbliċi u konsulari

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jiżgura t-tranżizzjoni diġitali fl-amministrazzjoni pubblika Portugiża, inklużi s-servizzi konsulari.

Dan l-investiment jikkonsisti fit-tqegħid għad-dispożizzjoni taċ-ċittadini ta' kapaċità ta' rispons omnichannel (portal diġitali uniku, ċentru telefoniku u servizzi wiċċ imb wiċċ), u l-installazzjoni ta' *Espaços cidadão* u *Lojas do Cidadão* ġodda fi spazji ġodda effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

#### Investiment TD-C19-i02: Servizzi elettroniċi sostenibbli

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jżid l-interoperabbiltà u l-integrazzjoni tas-sistemi tal-IT tal-amministrazzjoni pubblika Portugiża. Dan l-investiment jikkonsisti f'servizzi pubbliċi diġitali u portal.

#### Investiment TD-C19-i03: Issaħħaħ il-qafas ġenerali taċ-ċibersigurtà

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jiżdiedu l-istandards u l-proċeduri tas-sigurtà tal-informazzjoni għad-data online.

Dan l-investiment jikkonsisti fi:

- l-installazzjoni ta' ċentri ta' kompetenza fiċ-ċibersigurtà;
- xiri ta' tagħmir tal-kriptografija; u
- entitajiet pubbliċi koperti mill-pjattaforma nazzjonali tal-qafas taċ-ċibersigurtà.

#### TD-C19-i04: Infrastruttura diġitali kritika effiċjenti, sigura u kondiviża

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jżid ir-reżiljenza tal-infrastrutturi diġitali kritiċi. Dan l-investiment jikkonsisti fiż-żieda tal-kopertura u l-kapaċità tan-network ta' Komunikazzjoni ta'

Emerġenza tal-Istat, tan-network nazzjonali tas-sigurtà interna, u fir-reviżjoni tas-sistemi u l-proċessi tal-informazzjoni tal-forzi tas-sigurtà.

TD-C19-i05-RAM: It-tranżizzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika ta' Madeira

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jagħmel it-teknoloġiji diġitali disponibbli għall-forniment ta' servizzi pubbliċi.

Dan l-investment jikkonsisti fid-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi.

TD-C19-i06-RAA: It-tranżizzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika fl-Azores

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jappoġġa t-tranżizzjoni diġitali tas-settur pubbliku u jnaqqas il-piż amministrattiv.

Dan l-investment jikkonsisti fil-forniment ta' servizzi diġitali.

TD-C19-i07: Amministrazzjoni pubblika mogħtija s-setgħa li toħloq valur pubbliku

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jiżdiedu l-ħiliet tal-forza tax-xoġhol tal-amministrazzjoni pubblika.

L-investment jikkonsisti fl-għoti ta' taħriġ, taġħmir u riżorsi ta' ppjanar.

Investiment TD-C19-i08 Territorji Intelliġenti

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jadotta ppjanar u ġestjoni tal-bliet u t-territorji mmexxija mid-data.

L-investment jikkonsisti fil-forniment ta' għodod diġitali disponibbli u taħriġ.

**S.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx**

**lura**

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investiment) | L-għanqas/Tal-UE | L-isem   | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)   | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira  |
|-------------------|----------------------------------|------------------|--|--|--------------------------------------|------------|------|---|------|---|
|                   |                                  |                  |  |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |   |
| 19.1              | TD-C19-i01                       | T                | Servizzi pubbliċi disponibbli b'mod simplifikat u koerenti permezz ta' kanali differenti   |  | Għadd                                | 0          | 5    | Q4  | 2022 | L-għadd ta' servizzi li huma rreġistrati fil-Katalogu tal-Entitajiet u s-Servizzi mtejjeb u li huma disponibbli permezz ta' diversi kanali: il-portal tas-servizzi diġitali uniċi, iċ-ċentru ta' kuntatt, <i>Lojas do Cidadão / Espaços Cidadão</i> . Dan l-indikatur jimplika t-tfassil mill-ġdid ta' dawn is-servizzi skont il-prinċipju ta' "darba biss" u li jsiru disponibbli f'approċċ omnichannel. |
| 19.2              | TD-C19-i01                       | T                | Servizzi pubbliċi disponibbli permezz ta' kanali differenti  |  | Għadd                                | 5          | 25   | Q4  | 2025 | L-għadd ta' servizzi disponibbli permezz ta' diversi kanali, pereżempju: il-portal tas-servizzi diġitali uniċi, iċ-ċentru ta' kuntatt, <i>Lojas do Cidadão / Espaços Cidadão</i> .  |
| 19.3              | TD-C19-i01                       | M                | Servizzi konsulari diġitali u <i>Centros de Atendimento Consular</i>   | It-twassil jew id-disponibbiltà ta' servizzi diġitali onslari u l-konklużjoni ta' xogħlijiet għal <i>Centros de Atendimento Consular</i> |                                      |            |      | Q4  | 2025 | D jisiltu jew ikunu disponibbli 10 servizz konsulari diġitali għal ċittadini/mhux ċittadini barra mill-pajjiż.<br>Konklużjoni tax-xogħlijiet għal <i>Centros de Atendimento Consular</i> .  |
| 19.25             | TD-C19-i01                       | M                | L-iffirmar ta' protokollu jew termini ta' aċċettazzjoni għall-istabbiliment ta' ħwienet għodda taċ-ċittadini u spazji għaċ-ċittadini | Protokollu ffirmati  |                                      |            |      | Q3  | 2024 | L-iffirmar ta' protokollu jew termini ta' aċċettazzjoni għall-istabbiliment ta' 31 ħanut għodda taċ-ċittadini ( <i>Lojas de Cidadão</i> ) u 400 spazju għodda taċ-ċittadini ( <i>Espaços Cidadão</i> ).   |
| 19.26             | TD-C19-i01                       | T                | Ħwienet taċ-ċittadini u spazji għaċ-ċittadini  |  | Għadd                                | 0          | 425  | Q2  | 2026 | 25 ħanut taċ-ċittadini ( <i>Lojas de Cidadão</i> ) mibnija jew rinnovati u 400 spazju għaċ-ċittadini ( <i>Espaços Cidadão</i> ) disponibbli.<br>Bini għodda għand u jkollu ħtiġijiet tal-enerġija primarja mill-inqas 20 % inqas mill-istandard NZEB.   |
| 19.27             | TD-C19-i01                       | M                | Applikazzjoni taċ-ċittadini  | Applikazzjoni għodda għaċ-ċittadini disponibbli  |                                      |            |      | Q1  | 2025 | L-applikazzjoni taċ-ċittadini, Gov PT, hija disponibbli għall-mowbajls.   |
| 19.4              | TD-C19-i02                       | T                | Servizzi pubbliċi aċċessibbli b'mod sigur permezz tal-   |  | Għadd                                | 0          | 5    | Q3  | 2022 | It-tieni TRIMESTRU TAT-3 L-għadd ta' servizzi pubbliċi diġitali disponibbli għaċ-ċittadini u għan-negozji li jużaw mill-ġdid id-data disponibbli fil-katalogu tal-iAP (disponibbli fuq  |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investiment) | L-ghanqas/Tal-UE | L-isem   | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)  | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira  |
|-------------------|----------------------------------|------------------|--|---|--------------------------------------|------------|------|---|------|---|
|                   |                                  |                  |  |   | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |   |
|                   |                                  |                  | identità elettronika u li jirrispettaw il-prinċipju ta' "darba biss" |   |                                      |            |      |   |      | iap.gov.pt), koperti mill-identità elettronika (meta mitluba mis-servizzi) u mis-Sistema għall-Kontroll tad-Data Personali fl-Amministrazzjoni Pubblika, u l-pubblikazzjoni ta' data miftuħa fuq www.dados.gov.pt.  |
| 19.6              | TD-C19-i02                       | M                | Infrastruttura ta' informazzjoni territorjali                        | Il-portal huwa disponibbli online   |                                      |            |      | Q4  | 2025 | Il-portal "Infrastruttura ta' Informazzjoni Territorjali" huwa disponibbli online u jipprovdi informazzjoni ġeografika, pereżempju informazzjoni kartografika, demografika, soċjoekonomika u ambjentali.  |
| 19.7              | TD-C19-i03                       | T                | Iċ-ċentri ta' kompetenza   |   | Għadd                                | 0          | 7    | Q4  | 2025 | Termini ta' aċċettazzjoni ffirmati għal 7 ċentru ta' kompetenza fiċ-ċibersigurtà.   |
| 19.8              | TD-C19-i03                       | T                | Xiri ta' tagħmir kriptografiku                                       |   | Għadd                                | 0          | 150  | Q1  | 2026 | L-għadd ta' tagħmir kriptografiku mixtri, pereżempju moduli tas-sigurtà tal-hardware.   |
| 19.9              | TD-C19-i03                       | T                | Qafas Nazzjonali taċ-Ċibersigurtà                                    |   | Għadd                                | 0          | 47   | Q4  | 2025 | L-għadd ta' entitajiet pubbliċi koperti mill-PANORAMA, il-pjattaforma tal-Qafas Nazzjonali taċ-Ċibersigurtà.  |
| 19.11             | TD-C19-i04                       | T                | Sistema sigura ta' komunikazzjoni mobbli għall-impjegati tal-gvern   |   | %                                    | 0          | 95   | Q2  | 2022 | Perċentwal ta' impjegati taż-żona tal-gvern b'aċċess għal sistema sigura ta' komunikazzjoni bil-vuċi, bil-messaġġi u bil-vidjo.   |
| 19.12             | TD-C19-i04                       | M                | Tlestija ta' aġġornamenti fl-infrastrutturi diġitali kritiċi         | Tlestija tal-aġġornamenti tan-Network Nazzjonali tas-Sigurtà Interna u tan-Network ta' Komunikazzjonijiet tal-Istat f'Emerġenza |                                      |            |      | Q1  | 2024 | Tlestija ta' aġġornamenti ta' infrastrutturi diġitali kritiċi: (I) 112 proġetti taċ-Ċentru Operazzjonali u tan-Network Nazzjonali tas-Sigurtà Interna, bl-eċċezzjoni tal-installazzjoni u l-operazzjonalizzazzjoni ta' ċentru tad-data ġdid li huwa inklużjoni fl-Objettiv Importanti 19.13; (II) bidla fit-teknoloġija tal-infrastruttura tal-art (network ewlieni) minn E1 għal IP (Protokoll tal-Internet) u żieda fil-kapaċità tan-Network ta' Komunikazzjoni ta' Emerġenza tal-Istat (SIRESP).   |
| 19.13             | TD-C19-i04                       | M                | Infrastrutturi diġitali kritiċi                                      | Twassil jew aċċettazzjoni ta' infrastrutturi diġitali kritiċi   |                                      |            |      | Q2  | 2026 | Il-kunsinna jew l-aċċettazzjoni ta': (I) ċentru tad-data u hardware jew software taċ-ċibersigurtà għan-Network Nazzjonali tas-Sigurtà Interna (NISN); (II) ċentru ta' rkupru minn diżastri assoċjat man-Network ta' Komunikazzjoni ta' Emerġenza tal-Istat (SIRESP); (III) sistema ta' informazzjoni, hardware u software għall-Awtorità Nazzjonali tas-Sikurezza fit-Toroq (ANSR); (IV) sistema ta' informazzjoni għal avvenimenti, emerġenzi u diżastri tal-protezzjoni ċivili; (V) Terminals Tetra, telefowns satellitari u tagħmir ieħor ta' komunikazzjoni jew ta' appoġġ għal SGMAI; (VI) Tagħmir ta' protezzjoni għall-ANEPIC; (VII) Infrastruttura komputazzjonali għas-SIRP. |
| 19.14             | TD-C19-i04                       | M                | Sistemi tal-IT tal-forzi u s-servizzi tas-sigurtà                    | Sistemi tal-IT mogħtija   |                                      |            |      | Q2  | 2025 | Jitwasslu s-sistemi tal-IT li ġejjin:<br>a) Is-sistemi tal-IT tal-AIMA — L-Aġenzija għall-Integrazzjoni, il-Migrazzjoni u l-Ażil;   |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investiment) | L-ghanqas/Tal-UE | L-isem  | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)     | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira  |
|-------------------|----------------------------------|------------------|---|--|--------------------------------------|------------|------|---|------|---|
|                   |                                  |                  |   |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |   |
|                   |                                  |                  |   |  |                                      |            |      |   |      | b) Sistemi tal-IT għall-kontroll tal-fruntieri u l-kooperazzjoni tal-pulizija<br>c) Sistema ta' servizzi tal-IT kondiviżi għall-forzi tas-sigurtà u sistemi tal-IT għad-data tas-sorveljanza bil-vidjo  |
| 19.15             | TD-C19-i04                       | M                | Iċ-Ċentru ta' ġestjoni tan-netwerk tal-IT tal-Gvern               | Twassil ta' ħames infrastrutturi teknoloġiċi           |                                      |            |      | Q1  | 2026 | Konsenja ta' ħames infrastrutturi teknoloġiċi (protezzjoni tal-firewall; il-komputazzjoni, il-ħżin u l-backup; It-telefonija VoIP; il-vidjokonferenzi; u l-ekosistema tal-applikazzjoni).   |
| 19.28             | TD-C19-i05-RAM                   | M                | Prototip funzjonali   | Aċċettazzjoni ta' prototip funzjonali                  |                                      |            |      | Q4  | 2024 | L-aċċettazzjoni ta' prototip funzjonali mill-awtorità kontraenti. Il-prototip għandu jinkludi l-funzjonalitajiet li ġejjin:<br>— tidentifika l-inefficijenzi u l-frodi bl-algoritmi tal-IA;<br>— is-servizzi tal-intelliġenza artifiċjali;<br>— awtomatizza t-teħid tad-deċiżjonijiet.  |
| 19.16             | TD-C19-i05-RAM                   | T                | Servizzi Pubbliċi Diġitali fl-ARM                                 |  | Għadd                                | 0          | 5    | Q2  | 2025 | Għadd ta' proġetti jew servizzi ġodda disponibbli:<br>— "Digitecas"<br>— Id-diġitalizzazzjoni tad-dokumenti mill-Arkivji tal-Patrimonju<br>— Sistema Diġitali ta' Reġistrazzjoni tal-Bastimenti<br>Sistema Diġitali tal-Komunità tal-Portijiet<br>— Diġitali "DROTe" ( <i>Direção Regional do Ordenamento do Território</i> ).  |
| 19.17             | TD-C19-i05-RAM                   | M                | Infrastruttura tal-IT tal-Amministrazzjoni Pubblika fl-ARM        | Twettiq ta' proġetti diġitali                          |                                      |            |      | Q4  | 2025 | Jitwettqu l-proġetti li ġejjin:<br><ul style="list-style-type: none"> <li>• 5G network privat</li> <li>• Ċentru għall-monitoraġġ u l-appoġġ għad-deċiżjonijiet tal-Istitut tal-Foresti u l-Konservazzjoni tan-Natura, IP-RAM</li> <li>• D ata ċentri għall-gvern reġjonali u l-amministrazzjoni pubblika reġjonali</li> <li>• AP CONNECT — bini ta' infrastruttura u arkitettura informatika ċentralizzata konnessi fil-bini tal-amministrazzjoni pubblika</li> <li>• Għodod diġitali u ta' mobbiltà għall-entitajiet tal-amministrazzjoni pubblika</li> <li>• Ippjanar tar-Riżorsi għall-Intrapriżi għall-entitajiet pubbliċi</li> </ul> |
| 19.18             | TD-C19-i06-RAA                   | M                | Diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika reġjonali tal-ARA | Disponibbiltà jew twassil ta' servizzi jew pjattaformi |                                      |            |      | Q4  | 2025 | Disponibbiltà jew konsenja ta' :  |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investiment) | L-ghanqas/Tal-UE | L-isem   | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |        | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira   |
|-------------------|----------------------------------|------------------|--|--|--------------------------------------|------------|--------|---|------|--|
|                   |                                  |                  |  |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan   | Q   | Snin |  |
|                   |                                  |                  |  |  |                                      |            |        |   |      | <ul style="list-style-type: none"> <li>Portal de Gestão de Identidade do Cidadão e Entidades (Azor.ID)</li> <li>Portal da Arquitetura de Sistemas de Informação da Administração Pública Regional (LINKA)</li> <li>Catálogo eletrónico de Entidades e Serviços da Administração Pública Regional dos Açores (CES.APR)</li> <li>RIAC Móvel</li> <li>Pjattaforma għall-interoperabbiltà (eHUB)</li> <li>Portal da Transparência</li> <li>Plataforma de Dados Abertos do Arquipélago dos Açores</li> <li>Simulador de Incentivos e Apoios</li> <li>Portal Reġjonali ta' Serviços da Administração Pública</li> <li>Sistema ta' aċċess mill-bogħod</li> <li>Sistema għall-kontroll taç-çibersigurtà</li> <li>Portal do Serviço Regional de Estatística dos Açores</li> <li>Portal ta' Partic. Açores</li> <li>Livro Amarelo Eletrónico dos Açores</li> <li>Laboratório de Experimentação da Administração Pública Regional dos Açores — Incuba.Açores</li> </ul> |
| 19.19             | TD-C19-i07                       | T                | Programm ta' traineeship għall-gradwati                      |  | Għadd                                | 0          | 1 500  | Q4  | 2023 | L-għadd ta' gradwati li ffrekwentaw il-programm ta' traineeship tal-amministrazzjoni pubblika stabbilit taħt <i>Resoluções do Conselho de Ministros</i>  |
| 19.20             | TD-C19-i07                       | T                | Tagħmir tal-IT għall-impjegati tal-amministrazzjoni pubblika |  | Għadd                                | 0          | 17 500 | Q4  | 2023 | Tagħmir tal-IT (17 500 laptops) mixtri.  |
| 19.21             | TD-C19-i07                       | T                | Taħriġ għall-impjegati tal-amministrazzjoni pubblika         |  | Għadd                                | 0          | 96 400 | Q4  | 2025 | <p>96 400 parteċipazzjoni f' wieħed mill-programmi li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li><i>Diġitali tal-Programa de capacitação</i></li> <li>Edukazzjoni avvanzata u ogħla fil-ġestjoni</li> <li>Taħriġ għal <i>Lojas do Cidadão/Espaços Cidadão</i></li> <li>Il-programm <i>Qualifica AP</i></li> <li>PlanAPP — proġett ta' ħiliet ta' ppjanar u prospettiva</li> <li><i>Sistema Integrado de Gestão e Avaliação de Desempenho na Administração Pública</i> (SIADAP) jew <i>Referencial de Competências para a Administração Pública</i> (recap)</li> </ul> <p>Barra minn hekk, iċ-Ċentru ta' Kompetenza għall-Ippjanar, il-Politika u l-Prospettiva għandu jippubblika fuq is-sit web tiegħu 65 rapport, studju jew informazzjoni dwar il-politika.</p>   |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investiment) | L-għanqas/Tal-UE | L-isem   | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)   | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira   |
|-------------------|----------------------------------|------------------|--|--|--------------------------------------|------------|------|---|------|--|
|                   |                                  |                  |  |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |  |
| 19.22             | TD-C19-r34                       | M                | Dħul fis-seħħ tal-qafas legali għat-trasformazzjoni diġitali tal-Amministrazzjoni Pubblika                 | Dħul fis-seħħ tal-qafas legali għat-trasformazzjoni diġitali tal-Amministrazzjoni Pubblika           |                                      |            |      | Q3  | 2021 | It-tieni TRIMESTRU TAT-3 Dħul fis-seħħ tal-qafas legali għat-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika:<br>I) L-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni trasversali għat-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika u<br>II) Il-pakkett leġislativ (inkluż ir-regolament dwar is-CNCS) dwar il-Qafas Nazzjonali ta' Ċibersigurtà, li jibni fuq il-Liġi 46/2018.                                    |
| 19.23             | TD-C19-r35                       | M                | Dħul fis-seħħ tal-pakkett leġislativ għar-riorganizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika                  | Dħul fis-seħħ tal-pakkett leġislativ għar-riorganizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika            |                                      |            |      | Q4  | 2023 | Id-dħul fis-seħħ tal-leġislazzjoni meħteġa għall-implimentazzjoni tal-bidliet funzjonali u organizzattivi tal-amministrazzjoni pubblika ċentrali abbażi tar-rapport mogħti minn grupp ta' ħidma maħluq minn Ordni Ministerjali.  |
| 19.24             | TD-C19-r36                       | M                | Stabbiliment tal-Istitut Nazzjonali tal-Amministrazzjoni, I.P.   | Stabbiliment tal-Istitut Nazzjonali tal-Amministrazzjoni, I.P. permezz ta' att legali                |                                      |            |      | Q2  | 2021 | L-istabbiliment permezz ta' att legali tal- <i>Instituto Nacional de Administração, IP</i> , li jippermetti l-attivitàjiet ta' taħriġ għall-amministrazzjoni pubblika.   |
| 19.34             | TD-C19-i08                       | M                | Portal tat-Territorji Intelliġenti   | Il-portal tat-Territorji Intelliġenti huwa disponibbli   |                                      |            |      | Q1  | 2025 | Portal online li jipprovdi repożitorju ta' leġislazzjoni, l-aħjar prattiki u riżorsi ta' finanzjament relatati mal-istrateġija nazzjonali għat-territorji intelliġenti huwa disponibbli.   |
| 19.35             | TD-C19-i08                       | M                | Territorji intelliġenti: Pjattaformi ta' Ġestjoni Urbana, Twins Diġitali u Dashboard tal-Politika Pubblika | Disponibbiltà ta' Pjattaformi ta' Ġestjoni Urbana, Tewmin Diġitali u Dashboard tal-Politika Pubblika |                                      |            |      | Q1  | 2026 | Il-pjattaformi ta' Ġestjoni Urbana huma disponibbli f' 129 municiplità.<br><br>Ħames Tewmin Diġitali għandhom ikunu disponibbli f' diversi oqsma, li jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għall-ilma u l-agrikoltura, ir-reżiljenza għall-klima, il-mobbiltà u d-dekarbonizzazzjoni, is-saħħa, l-enerġija, it-turiżmu, il-protezzjoni ċivili.<br><br>Id-dashboards tal-Politika Pubblika għandu jkun disponibbli. |
| 19.36             | TD-C19-i08                       | M                | Taħriġ f' territorji intelliġenti  | Disponibbiltà ta' korsijiet ta' taħriġ   |                                      |            |      | Q2  | 2025 | Il-korsijiet ta' taħriġ għall-impjegati pubbliċi f' territorji intelliġenti huma disponibbli b'reġistrazzjoni online.  |

### **S.3. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti tas-self**

#### **Ir-riforma TD-C19-r41: Access għas-Servizzi Pubbliċi: l-armonizzazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-aċċess wiċċ imb wiċċ u online**

L-għan ta' din ir-riforma huwa li tapprofondixxi t-tranżizzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika u li tiegħu vantaġġ minn teknoloġiji ġodda biex tittrasforma l-mudell attwali tas-servizz pubbliku.

Ir-riforma tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ ta' att leġiżlattiv li jarmonizza u jikkonsolida r-regoli dwar l-aċċess għas-servizzi pubbliċi personalment u mill-bogħod (online, permezz ta' applikazzjoni, bit-telefont).

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

#### **Ir-riforma TD-C19-r42: Sistema ġdida ta' evalwazzjoni biex tagħti s-setgħa u tagħti ħajja ġdida lill-forza tax-xogħol tal-amministrazzjoni pubblika**

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tattira u żżomm it-talent fl-Amministrazzjoni Pubblika u terġa' tagħti l-ħajja lill-forza tax-xogħol tagħha.

Din ir-riforma tikkonsisti fir-reviżjoni tas-sistema ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni fl-Amministrazzjoni Pubblika (Sistema Integrata għall-Ġestjoni u l-Evalwazzjoni tal-Prestazzjoni fl-Amministrazzjoni Pubblika — SIADAP), ir-reviżjoni tal-Profil tal-Kompetenzi tal-Amministrazzjoni Pubblika, u t-twassil ta' pjattaforma tal-IT ta' SIADAP.

**S.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għas-self**

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investiment) | L-ghanqas/Ta l-UE | L-isem   | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)                              | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira   |
|-------------------|----------------------------------|-------------------|--|---|--------------------------------------|------------|------|---|------|--|
|                   |                                  |                   |  |   | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |  |
| 19.30             | TD-C19-r41                       | M                 | Dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv dwar l-aċċess għas-servizzi pubbliċi                               | Dispożizzjoni fil-leġiżlazzjoni li tindika d-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni    |                                      |            |      | Q2  | 2024 | Id-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv li għandu jarmonizza u jikkonsolida l-aċċess wiċċ imb wiċċ u online għas-servizzi pubbliċi.   |
| 19.31             | TD-C19-r42                       | M                 | Dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv li jirrevedi s-SADAP   | Dispożizzjoni fl-att leġiżlattiv li tindika d-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv |                                      |            |      | Q1  | 2024 | Id-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv li għandu jirrevedi s-Sistema Integrata għall-Ġestjoni u l-Evalwazzjoni tal-Prestazzjoni fl-Amministrazzjoni Pubblika (SIADAP) skont il-karatteristiċi deskritti fid-deskrizzjoni tal-miżura. |
| 19.32             | TD-C19-r42                       | M                 | Dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv li jirrevedi l-profil tal-Kompetenzi tal-Amministrazzjoni Pubblika | Dispożizzjoni fl-att leġiżlattiv li tindika d-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv |                                      |            |      | Q1  | 2024 | Il-profil rivedut tal-kompetenzi tal-Amministrazzjoni Pubblika għandu jidħol fis-seħħ.   |
| 19.33             | TD-C19-r42                       | M                 | Il-pjattaforma SIADAP  | Il-pjattaforma SIADAP hija disponibbli  |                                      |            |      | Q1  | 2025 | Il-pjattaforma SIADAPIT u t-taħriġ speċifiku biex wieħed jitgħallem kif jużaha għandhom ikunu disponibbli.   |

## **T. IL-KOMPONENT 20: Skola Diġitali**

Fl-2019, il-Portugall kellu valuri taħt il-medji Ewropej f'termini tal-użu ta' kuljum tal-Internet (65 %), l-użu tas-servizzi pubbliċi online (41 %) u l-ispeċjalisti tal-ICT fis-suq tax-xogħol (2.4 %) (data tal-Eurostat/Osservatorju tal-Ħiliet Diġitali) u stabbilixxa miri ambizzjużi sal-2025 għal dawn l-indikaturi (80 %, 75 % u 5 % rispettivament). Fost l-ispeċjalisti tal-ICT fis-suq tax-xogħol, in-nisa ammontaw għal 18.3 % u l-irġiel għal 81.7 % (data tal-Eurostat).

L-objettivi tal-komponent huma li jinħolqu l-kundizzjonijiet għall-innovazzjoni edukattiva, pedagoġika u maniġerjali tas-sistema edukattiva primarja u sekondarja Portugiża. Dan għandu jinkiseb billi jiġu żviluppanti l-ħiliet diġitali tal-għalliema, l-istudenti u l-persunal tal-iskejjel, billi jiġu integrati t-teknoloġiji diġitali fl-oqsma kurrikulari differenti, u billi jiġi pprovdut it-tagħmir xieraq. Min-naħa tiegħu, dan huwa mistenni li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni diġitali u għal tkabbir inklużiv u sostenibbli tal-ekonomija.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż biex jittejjeb il-livell tal-ħiliet tal-popolazzjoni, b'mod partikolari l-litteriżmu diġitali tagħhom (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2019) u biex jiġi appoġġat l-użu ta' teknoloġiji diġitali biex jiġi żgurat aċċess ugwali għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### **T.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

#### **Investiment TD-C20-i01: It-tranzizzjoni diġitali fl-edukazzjoni**

L-objettiv tal-miżura huwa li jsir investiment fl-ambjent tal-edukazzjoni diġitali, mill-perspettiva tal-apprendiment, tat-tagħlim u tal-amministrazzjoni tal-iskejjel.

L-investiment jikkonsisti fil-provvista ta' riżorsi edukattivi diġitali, aċċess għal tagħmir teknoloġiku speċjalizzat, u sistemi ta' ġestjoni tal-iskejjel.

#### **Investiment TD-C20-i02-RAA: Edukazzjoni diġitali (Azores)**

L-objettiv tal-miżura huwa li jiġi żgurat l-aċċess għall-użu tat-teknoloġiji diġitali fl-edukazzjoni.

Dan l-investiment jikkonsisti fil-forniment ta' tagħmir, riżorsi edukattivi diġitali u konnettività mtejba.

#### **Investiment TD-C20-i03-RAM: L-aċċellerazzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni tal-ARM**

L-objettiv tal-miżura huwa sistema edukattiva aktar proattiva, inklużiva, awtonoma, ġusta u miftuħa fir-reġjun awtonomu ta' Madeira.

L-investiment jikkonsisti fil-forniment ta' tagħmir diġitali għall-iskejjel, konnettività mtejba u taħriġ fil-ħiliet diġitali.

**T.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura**

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investment) | L-ghanqas/Ta l-UE | L-isem  | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |           | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira   |
|-------------------|---------------------------------|-------------------|---|--|--------------------------------------|------------|-----------|---|------|--|
|                   |                                 |                   |   |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan      | Q   | Snin |  |
| 20.2              | TD-C20-i01                      | M                 | Iffirmar ta' kuntratti għax-xiri ta' kompjuters individwali għall-istudenti u l-għalliema | Kuntratt iffirmat                                  |                                      |            |           | Q4  | 2021 | L-iffirmar ta' kuntratti għax-xiri ta' 600 000 laptop ġdid biex jisilfu lill-għalliema u lill-istudenti.   |
| 20.3              | TD-C20-i01                      | T                 | Kompjuters għall-użu individwali tal-istudenti u l-għalliema                              |  | Għadd                                | 450 000    | 1 050 000 | Q4  | 2022 | L-għadd ta' laptops li għandhom jisilfu lill-għalliema u lill-istudenti fl-iskejjel pubbliċi primarji u sekondarji.  |
| 20.5              | TD-C20-i01                      | T                 | Laboratorji tal-Edukazzjoni Diġitali  |  | Għadd                                | 0          | 1 300     | Q4  | 2024 | L-għadd ta' Laboratorji tal-Edukazzjoni Diġitali ġodda li waslu fl-iskejjel pubbliċi primarji u sekondarji (mill-5 sat-12 grad) fil-Portugall Kontinentali b'taġħmir speċjalizzat għall-proġetti, inklużi kits tar-robotika, printers 3D, taġħmir tal-kejl u tal-ittestjar u kompjuters.   |
| 20.6              | TD-C20-i01                      | T                 | Tagħmir ta' projezzjoni ġdid installat  |  | Għadd                                | 0          | 40 000    | Q2  | 2024 | L-għadd ta' proġetturi ġodda installati fi stabbilimenti tal-edukazzjoni pubblika.   |
| 20.7              | TD-C20-i01                      | M                 | Riżorsi għall-ġestjoni tal-iskejjel   |  |                                      |            |           | Q4  | 2024 | 95 % tal-unitajiet edukattivi u tat-taġħlim tan-network pubbliku fil-Portugall Kontinentali rċewew kompjuters għall-ġestjoni tal-iskejjel, li jammontaw għal mill-inqas 15 000 kompjuter.<br><br>L-iffirmar tal-kuntratt dwar soluzzjoni għall-ġestjoni tal-identità għal mill-inqas il-ġenituri, l-għalliema, u professjonisti oħra tal-iskola. Hija disponibbli sistema ta' awtentikazzjoni għall-ġenituri, l-għalliema u professjonisti oħra tal-iskola li tippermetti aċċess għall-pjattaforma edukattiva "Portal das Matrículas". |
| 20.8              | TD-C20-i01                      | T                 | Riżorsi edukattivi diġitali   |  | Għadd                                | 0          | 77        | Q2  | 2026 | L-għadd ta' suġġetti fil-grad i kollha b'riżorsi edukattivi diġitali disponibbli.  |
| 20.10             | TD-C20-i02-RAA                  | T                 | Korsijiet online miftuħa massivi għall-għalliema u l-ġenituri fl-ARA                      |  | Għadd                                | 0          | 4         | Q4  | 2022 | It-tieni TRIMESTRU TAL-4 L-għadd ta' korsijiet online miftuħa massivi (MOOCs) maħluqa biex jipromwovu l-iżvilupp ta' ħiliet diġitali għall-edukazzjoni fil-klassi u t-taġħlim mill-bogħod, inkluż il-forniment ta' tutorials u Portal tal-Akkwist tal-Kompetenza Diġitali. Il-MOOCs huma disponibbli online u aċċessibbli liberament għall-għalliema u għall-ġenituri tal-istudenti.   |
| 20.12             | TD-C20-i02-RAA                  | T                 | Tagħmir diġitali u manwali diġitali   |  | Għadd                                | 0          | 37        | Q4  | 2025 | 37 unità skolastika rċewew laptops jew tablets u manwali diġitali.   |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investment) | L-ghanqas/Ta l-UE | L-isem  | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |        | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira  |
|-------------------|---------------------------------|-------------------|---|--|--------------------------------------|------------|--------|---|------|---|
|                   |                                 |                   |   |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan   | Q   | Snin |   |
|                   |                                 |                   |   |  |                                      |            |        |   |      | Barra minn hekk, irċevew tagħmir ieħor, pereżempju skrins interattivi, mikroskopji, printers 3D jew robots edukattivi. Barra minn hekk, ingħataw mill-inqas 1 500 unità għall-konnessjoni tal-internet (swiċċijiet jew punti ta' aċċess).   |
| 20.14             | TD-C20-i03-RAM                  | T                 | Manwali diġitali għall-istudenti fit-2 u t-3 ċiklu u għall-istudenti sekondarji |  | Għadd                                | 0          | 5 120  | Q4  | 2022 | L-għadd ta' studenti fit-2 u t-3 ċiklu tal-edukazzjoni primarja u sekondarja li matul is-sena skolastika kellhom aċċess għall-kitt manwali diġitali fl-ARM u użawh.   |
| 20.15             | TD-C20-i03-RAM                  | T                 | Il-konnessjoni tal-iskejjel fl-ARM  |  | Għadd                                | 0          | 80     | Q4  | 2024 | L-għadd ta' skejjel fl-ARM, li għalihom ġie installat tagħmir għall-konnessjoni tal-WiFis.  |
| 20.16             | TD-C20-i03-RAM                  | T                 | Studenti b' manwali diġitali  |  | Għadd                                | 5 120      | 15 910 | Q4  | 2025 | L-għadd ta' studenti li matul is-sena skolastika 2025/2026 ġew ipprovduti b' kit manwali diġitali.  |
| 20.17             | TD-C20-i03-RAM                  | T                 | Taħriġ fil-Kompetenzi Diġitali  |  | Għadd                                | 0          | 6 500  | Q4  | 2025 | Iċ-ċertifikati ta' parteċipazzjoni fit-taħriġ fil-ħiliet diġitali disponibbli fuq il-pjattaforma "Interagir".   |
| 20.18             | TD-C20-i03-RAM                  | M                 | Tagħmir diġitali  | Kunsinna ta' tagħmir diġitali                      |                                      |            |        | Q4  | 2025 | Mill-inqas 2 500 tablet jew kompjuter mixtrija għall-iskejjel. Barra minn hekk, l-iskejjel irċevew tagħmir għall-kostituzzjoni ta' 110 klassi, li jappartjenu għal ambjenti ta' taġħlim, fost l-oħrajn: Ambjenti ta' Taġħlim Innovattivi (kmamar futuri), Ambjenti ta' Taġħlim Immersiv, kmamar ta' "Spazju Innovattiv", kmamar ta' "Makerspace", jew kmamar ta' "Snoezelen". |

## **U. IL-KOMPONENT 21: REPowerEU**

L-għan tal-kapitolu REPowerEU huwa li jappoġġa l-ambizzjonijiet tal-Portugall f'termini ta' indipendenza enerġetika u tranżizzjoni ekoloġika, fil-kuntest tas-sitwazzjonijiet ġeopolitiċi u tas-suq tal-enerġija l-ġodda.

Ir-riformi u l-investimenti fl-ambitu tar-REPowerEU għandhom l-għan li jsaħħu s-sovranità tal-enerġija tal-Portugall u jaċċelleraw id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tiegħu. Il-Kapitolu jinkludi riformi li se jissimplifikaw il-proċeduri ta' liċenzjar rinnovabbli. Investiment se jikkonsisti fl-iżvilupp ta' studji tekniċi għall-adozzjoni tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta. Barra minn hekk, il-Portugall qed jindirizza l-isfida tat-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol għat-tranżizzjoni ekoloġika b'riforma dwar il-Ħiliet Ekoloġiċi, li għandha l-għan li toħloq offerta komprensiva ta' taħriġ vokazzjonali għall-iżvilupp ta' ħiliet ekoloġiċi.

Il-Kapitolu jinkludi wkoll investimenti biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku b'investimenti biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika fil-bini residenzjali u pubbliku, u riformi biex jiġi stabbilit osservatorju nazzjonali dwar il-faqar enerġetiku u jiġi żviluppata mudell ta' punt uniku ta' servizz biex jappoġġa liċ-ċittadini għall-implimentazzjoni ta' interventi tal-effiċjenza enerġetika.

Il-Portugall qed iżid ukoll ir-reżiljenza tiegħu billi jagħmel investimenti strateġiċi biex jappoġġa l-produzzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, iżid l-investimenti eżistenti fit-trasport b'emissjonijiet żero, kif ukoll jibni l-kapaċità tal-ħżin biex iżid il-flessibilità tas-sistema tal-enerġija filwaqt li jippromwovi s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Diversi investimenti ġodda fit-trasport b'emissjonijiet żero huma pjanati u mifruxa madwar il-pajjiż, inkluża l-kostruzzjoni ta' funikular fin-Nażisti".

Diversi miżuri se jinvolvu dimensjoni transfruntiera, li fil-biċċa l-kbira se tkun żviluppata permezz ta' investimenti fl-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż maħruġa lill-Portugall biex inaqqas id-dipendenza tiegħu fuq il-fjuwils fossili (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 2022 u 2023) u biex jiffoka l-investimenti fuq it-tranżizzjoni lejn livell baxx ta' karbonju u l-enerġija (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019), u fuq il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020). Dan jinkludi b'mod partikolari miżuri biex jitħaffef l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, biex jiġi ssimplifikat l-għoti ta' permessi, biex jiġi dekarbonizzat is-settur tat-trasport, biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-bini, biex jiġu aġġornati l-grilji tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku, biex jiżdied il-ħżin tal-elettriku u biex jissaħħaħ l-akkwist tal-ħiliet ekoloġiċi meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika. Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### **U.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

#### **Investiment RP-C21-i01: Miżura fuq skala akbar: Id-dekarbonizzazzjoni tal-Industrija**

L-oġġettiv ta' din il-miżura huwa li żżid l-investiment TC-C11-i01: Id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, taħt il-komponent 11.

Din il-miżura tikkonsisti fl-għoti ta' appoġġ finanzjarju lill-kumpaniji għal proġetti ta' dekarbonizzazzjoni.

Investiment RP-C21-i02: Miżura fuq skala akbar: L-effiċjenza enerġetika fil-bini residenzjali

L-għan tal-miżura huwa li tiżdied il-miżura TC-C13-I01: L-effiċjenza enerġetika f' bini residenzjali taħt il-komponent 13.

L-investiment jikkonsisti f'tagħmir tal-effiċjenza enerġetika għal bini residenzjali.

Investiment RP-C21-i04-RAM: L-effiċjenza enerġetika fil-bini tal-amministrazzjoni pubblika jew reġjonali f'Madeira

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li tiżdied l-effiċjenza enerġetika f'Madeira.

Dan l-investiment jikkonsisti f'rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika f' bini tal-amministrazzjoni pubblika jew reġjonali.

Ir-riforma RP-C21-r43: Osservatorju Nazzjonali tal-Faqar Enerġetiku

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tindirizza l-faqar enerġetiku.

Ir-riforma tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ tal-att legali li jstabilixxi l-Osservatorju Nazzjonali tal-Faqar Enerġetiku (ONPE) u tal-att legali li jstabilixxi strument ta' finanzjament għal miżuri tal-effiċjenza enerġetika fis-settur residenzjali biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku.

Ir-riforma RP-C21-r44: Punti uniċi ta' servizz għall-effiċjenza enerġetika għaċ-ċittadini (Spazji tal-Enerġija taċ-Ċittadini)

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tappoġġa liċ-ċittadini fit-tħejjija u l-użu ta' miżuri tal-effiċjenza enerġetika u tal-enerġija rinnovabbli, u li żżid il-litteriżmu enerġetiku.

Ir-riforma tikkonsisti f'bankijiet fiżiċi (Spazji tal-Enerġija taċ-Ċittadini — *Espaços Cidadão Energia*) u taħriġ tal-persunal tagħhom.

Investiment RP-C21-i05: Appoġġ għall-Industrija Ekoloġika

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jżid il-kapaċità tal-produzzjoni tat-teknoloġiji għall-enerġija rinnovabbli, id-dekarbonizzazzjoni u l-effiċjenza enerġetika.

L-investiment jikkonsisti fl-appoġġ ta' kumpaniji jew proġetti individwali għall-investiment industrijali fil-produzzjoni ta' teknoloġiji għat-tranżizzjoni klimatika.

Ir-riforma RP-C21-r45: Ħiliet Ekoloġiċi

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li toffri taħriġ vokazzjonali għall-ħiliet ekoloġiċi.

Ir-riforma tikkonsisti f' dan li ġej:

— Il-programm għall-Ħiliet u l-Impjiegi Ekoloġiċi: programm ta' taħriġ vokazzjonali fil-qasam tal-enerġija;

— Iċ-Ċentru ta' Taħriġ għat-Tranżizzjoni tal-Enerġija għall-għoti ta' taħriġ fl-oqsma tat-tranżizzjoni tal-enerġija u l-azzjoni klimatika.

### Ir-riforma RP-C21-r46: Qafas regolatorju għall-idroġenu rinnovabbli

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li ttejjeg il-promozzjoni tal-idroġenu rinnovabbli bħala parti minn strateġija ta' tranżizzjoni aktar komprensiva lejn ekonomija dekarbonizzata. Din ir-riforma għandha wkoll l-għan li toħloq il-kundizzjonijiet għad-dekarbonizzazzjoni tan-network tal-gass naturali u li tgħin fl-iżvilupp tal-katina tal-valur tal-idroġenu rinnovabbli.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fir-reviżjoni tal-qafas leġislativ għall-gassijiet rinnovabbli. Il-qafas rivedut għandu:

- a) jistabbilixxi l-kriterji tekniċi u l-aspetti operazzjonali għall-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli, iċ-ċertifikazzjoni, it-trasport, l-evitar tat-tnixxijiet u, jekk rilevanti, għall-injezzjoni fin-network tal-gass u jistabbilixxi l-kriterji biex ma tinqabiżx il-konċentrazzjoni massima permessa tal-idroġenu fin-network tal-gass,
- b) tistabbilixxi miri għal setturi diffiċli biex jiġu dekarbonizzati bħall-industrija u t-trasport,
- c) tiġi żgurata t-trasparenza tas-sistema ta' fatturazzjoni,
- d) tiddefinixxi (qabel iċ-ċertifikazzjoni) l-entità responsabbli għat-tħaddim tan-network tal-idroġenu,
- e) jistabbilixxu metodi għall-kontroll tal-injezzjoni tal-idroġenu, li jistgħu jkunu bbażati fuq il-kapaċità tat-tiżhin u l-kwalità tal-gass (bħall-valur kalorifiku gross (GCV), l-Indiċi Wobbe (indikatur tal-kwalità tal-kombustjoni) u l-perċentwal tal-idroġenu fit-taħlita.

Barra minn hekk, att amministrattiv jew legali għandu jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali — Diário da República u jidħol fis-seħħ li jispeċifika li l-unitajiet industrijali biss li jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u l-atti delegati tagħha (2018/2001/UE) għandhom jitqiesu bħala installazzjonijiet tal-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli. L-att għandu jistabbilixxi wkoll il-proċedura li għandha tiġi segwita mill-applikanti għal-liċenzji għall-produzzjoni ta' gassijiet ta' oriġini rinnovabbli, li tirrikjedi li daww li japplikaw għal liċenzja jissottomettu dikjarazzjoni biex jassumu impenn li jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli kif stabbilit fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u l-atti delegati tagħha (2018/2001/UE) u biex jiżguraw l-oriġini rinnovabbli tal-idroġenu prodott.

L-att amministrattiv jew legali msemmi hawn fuq għandu jirrikjedi wkoll li qabel il-bidu tal-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli, sabiex jinkiseb il- "permess għall-installazzjoni u t-tħaddim tal-impjant industrijali", l-applikant irid jippreżenta, jekk applikabbli, il-kuntratt finali għax-xiri tal-enerġija rinnovabbli li għandu jikkonsma fil-proċess tal-produzzjoni, kif ukoll l-informazzjoni meħtieġa biex juri li l-impenni li saru fid-dikjarazzjoni ġew issodisfati.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

### Ir-riforma RP-C21-r47: L-ewwel irkant għal pjan ta' azzjoni sostenibbli dwar il-bijometan u l-bijometan

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li ttipromwovi u tagħti spinta lill-produzzjoni u l-konsum tal-bijometan sostenibbli, filwaqt li toħloq il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-iżvilupp ta' ekonomija tal-bijometan fil-Portugall.

Ir-riforma għandha tinvolvi t-tnedija tal-ewwel irkant għax-xiri ċentralizzat ta' bijometan sostenibbli mill-Wholesale Last Resort Marketer (CURg) f'konformità mal-Ordni tal-Gvern Nru 15/2023 tal-4 ta' Jannar. L-irkant għandu jkollu l-għan li jixtri 150 GWh/sena ta' bijometan għall-injezzjoni fil-grilja tal-gass nazzjonali. Ir-riforma għandha tinvolvi wkoll l-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Bijometan li għandu jistabbilixxi strateġija għall-iżvilupp tal-bijometan fil-Portugall. Il-pjan ta'

Azzjoni għandu jipproponi azzjonijiet biex jiġi żgurat qafas regolatorju favorevoli, flimkien ma' sett ta' politiki pubbliċi li jappoġġaw il-ħolqien ta' suq intern għall-bijometan, kemm biex jappoġġa l-produzzjoni kif ukoll biex jinkoraġġixxi l-konsum.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2024.

Ir-riforma RP-C21-r48: Simplifikazzjoni tal-qafas legali u regolatorju applikabbli għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tappoġġa proġetti tal-enerġija rinnovabbli billi tissimplifika l-qafas legali u regolatorju li jikkonċerna l-permessi għall-enerġija rinnovabbli u t-taħriġ ta' dawk li jittrattaw il-permessi u l-għodda diġitali involuta.

Ir-riforma tikkonsisti minn:

- Id-dħul fis-seħħ tal-att leġislativ li jstabilixxi t-Taskforce għal-Liċenzjar ta' Proġetti tal-Enerġija Rinnovabbli 2030 (EMER 2030). Id-dħul fis-seħħ tar-Regolament għal-liċenzjar muniċipali ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli u tal-ħżin.
- Id-dħul fis-seħħ tal-att legali li jstabilixxi skeda ta' żmien għall-allokazzjoni ta' kapaċità ġdida tal-enerġija rinnovabbli.
- It-twaqqif ta' persunal tal-amministrazzjoni pubblika relatat mal-proċeduri għall-għoti ta' permessi għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli u l-ħżin tal-enerġija.

Investiment RP-C21-i07: Studji tekniċi għall-potenzjal tal-enerġija lil hinn mill-kosta

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jiffaċilita l-proċeduri tal-offerti u l-istudji tekniċi għall-installazzjoni ta' kapaċità eolika lil hinn mill-kosta galleġġanti.

L-investment jikkonsisti fi studji tekniċi għat-thejjja ta' rkanti tal-enerġija lil hinn mill-kosta.

Investiment RP-C21-i10-RAA: Sistema ta' inċentivi għax-xiri u l-installazzjoni ta' sistemi ta' ħżin tal-enerġija rinnovabbli fl-Azores

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jrawwem it-tranżizzjoni tal-enerġija fl-Azores.

L-investment jikkonsisti fl-installazzjoni tal-kapaċità ta' ħżin.

Investiment RP-C21-i11-RAM: Sistema ta' inċentivi għall-produzzjoni u l-ħżin tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli f'Madeira u Porto Santo

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jrawwem it-tranżizzjoni tal-enerġija fir-Reġjun Awtonomu ta' Madeira.

L-investment jikkonsisti fl-installazzjoni ta' unitajiet fotovoltajċi jew sistemi ta' ħżin.

Investiment RP-C21-i12: Miżura fuq skala akbar: Id-dekarbonizzazzjoni tat-Trasport Pubbliku

L-objettiv tal-investment huwa li jespandi t-TC-C15-i05: Id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport pubbliku taħt il-komponent 15.

Il-parti mkabbra tal-miżura tikkonsisti fiż-żieda tal-għadd ta' xarabanks ġodda b'emissjonijiet żero użati għat-trasport pubbliku.

### Investiment RP-C21-i13-RAM: Id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport

L-objettiv ta' din il-miżura huwa li tippromwovi d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport fir-Reġjun Awtonomu ta' Madeira.

L-investiment jikkonsisti fix-xiri ta' xarabanks b'emissjonijiet żero, l-installazzjoni ta' punti tal-irriċarġjar għal xarabanks b'emissjonijiet żero, skema għall-iskrappjar ta' vetturi u skema għax-xiri ta' vetturi elettriċi.

### Investiment RP-C21-i16: Funikular ta' Nazaré

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jiżdied it-trasport pubbliku sostenibbli f'Nazaré.

L-investiment jikkonsisti fil-kostruzzjoni ta' funikular.

### Investiment RP-C21-i18: Skema li tappoġġa l-flessibilità u l-ħżin tan-network

Din il-miżura għandha tikkonsisti f'investiment pubbliku fi skema ta' għotjiet sabiex jiġi inċentivat l-investiment privat u jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament fis-settur tal-enerġija tal-Portugall u fl-industriji u s-servizzi relatati. L-iskema għandha topera billi ttiprovdi għotjiet direttament lis-settur privat. L-iskema għandha tiġi ġestita mill-Aġenzija għall-Klima (“*Agência para o Clima*”) bħala s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni. L-iskema għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

- Tappoġġa l-investiment fil-faċilitajiet tal-ħżin tal-elettriku rinnovabbli<sup>29</sup>.
- Huma eliġibbli biss l-operazzjonijiet ta' investiment immirati lejn l-installazzjoni ta' sistemi ta' ħżin tal-elettriku bbażati fuq il-batteriji fuq l-iskala tan-networks ta' trażmissjoni u distribuzzjoni. Dawn is-sistemi jridu jkunu assoċjati ma' ċentri indipendenti tal-ġenerazzjoni tal-enerġija b'kapaċità installata li taqbeż l-1 MVA, imħaddma b'sorsi ta' enerġija rinnovabbli konnessi direttament man-Network Pubbliku tal-Elettriku (RESP).

Sabiex jiġi implimentat l-investiment fl-Iskema, il-Portugall u l-Aġenzija għall-Klima (“*Agência para o Clima*”) għandhom jiffirmaw Ftehim ta' Implimentazzjoni jew għandhom jidħlu fis-seħħ att legali wieħed jew aktar li għandhom jinkludu l-kontenut li ġej:

1. Deskrizzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Iskema: Id-Deċiżjoni finali tal-għoti tal-Iskema għandha tittieħed minn kumitat tal-investiment jew korp governattiv ekwivalenti rilevanti ieħor u approvata b'maġġoranza ta' voti minn membri li huma indipendenti mill-gvern Portugiż.
2. Ir-rekwiżiti ewlenin tal-iskema ta' għotjiet assoċjata, li għandhom jinkludu:
  - a. Id-deskrizzjoni tal-għotjiet ipprovduti u l-benefiċjarji finali eliġibbli.
  - b. Ir-rekwiżit li l-investimenti kollha appoġġati jkunu ekonomikament vijabbli.
  - c. Ir-rekwiżit ta' konformità mal-prinċipju “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (DNSH) kif stabbilit fil-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, l-iskema ta' għotjiet għandha teskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi mill-eliġibbiltà: (i) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream<sup>30</sup>, (ii) attivitajiet

<sup>29</sup> Il-benefiċjarji finali assoċjati ma' proġetti speċifiċi għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu ġustifikazzjoni tal-qasam ta' intervent magħżul għal kull proġett appoġġat, flimkien ma' deskrizzjoni tal-proġett, għall-fini tal-komputazzjoni tal-kontribuzzjoni klimatika. Is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu jkun meħtieġ ukoll jipprovdi lill-Istat Membru rapport semiannwali dwar l-implimentazzjoni ta' kull proġett/attività.

<sup>30</sup> Ħlief għal (a) assi u attivitajiet fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll l-infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III

- u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti<sup>31</sup>, (iii) attivitajiet u assi relatati ma' landfills tal-iskart, inċineraturi<sup>32</sup> u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku<sup>33</sup>.
- d. Ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-Iskema ma għandhomx jirċievu appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost.
3. L-ammont kopert mill-Ftehim ta' Implimentazzjoni u/jew l-atti legali, l-istruttura tat-tariffi għas-Sieħeb ta' Implimentazzjoni, u r-rekwiżit li jintuża kwalunkwe rikavat mhux użat tal-iskema, inkluż lil hinn mill-2026, għall-istess finijiet ta' politika.
4. Rekwiżiti ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll, inklużi:
1. Id-deskrizzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ tal-Aġenzija għall-Klima biex tirrapporta dwar l-għotjiet mobilizzati.
  2. Id-deskrizzjoni tal-proċeduri tal-Aġenzija għall-Klima li se jiżguraw il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess.
  3. L-obbligu li tiġi vverifikata l-eliġibbiltà ta' kull operazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Ftehim ta' Implimentazzjoni jew fl-att (i) legali li jistabbilixxu l-iskema qabel ma tingħata għotja lil operazzjoni.
  4. L-obbligu li jitwettqu awditi ex post ibbażati fuq ir-riskju f'konformità ma' pjan tal-awditjar tal-Aġenzija għall-Klima. Dawn l-awditi għandhom jivverifikaw i) li s-sistemi ta' kontroll ikunu effettivi, inkluża l-identifikazzjoni ta' frodi, korruzzjoni, u kunflitt ta' interess; II) il-konformità mal-prinċipju DNSH, ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, ir-rekwiżiti tal-mira klimatika; u iii) li r-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-Iskema ma jkunux irċevew appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost jiġi rrispettat. L-awditi għandhom jivverifikaw ukoll il-legalità tat-tranżazzjonijiet u li l-kundizzjonijiet tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni jew tal-att (i) legali applikabbli li jistabbilixxu l-iskema ta' għotja jkun qed jiġu rrispettati.

---

tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u (b), l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

<sup>31</sup> Meta l-attività appoġġata tikseb l-emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex aktar baxxi b'mod sinifikanti mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokkazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

<sup>32</sup> Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

<sup>33</sup> Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

**U.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx**

**lura**

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investment) | L-għanqas/ Tal-UE | L-isem   | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)                             | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |        | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira   |
|-------------------|---------------------------------|-------------------|--|--|--------------------------------------|------------|--------|---|------|--|
|                   |                                 |                   |  |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan   | Q   | Snin |  |
| 21.1              | RP-C21-i01                      | T                 | Appoġġ finanzjarju għal proġetti ta' dekarbonizzazzjoni industrijali                                   |  | Għadd                                | 310        | 810    | Q2  | 2025 | L-għadd ta' proġetti li rċevew appoġġ finanzjarju. Mill-inqas offerta waħda għandha tinkludi modalitajiet speċifiċi għal proġetti simplifikati taħt EUR 200 000.   |
| 21.2              | RP-C21-i02                      | T                 | Tagħmir tal-effiċjenza enerġetika għal bini residenzjali   |  | Għadd                                | 0          | 40 000 | Q3  | 2025 | L-għadd ta' abitazzjonijiet b'tagħmir tal-effiċjenza enerġetika mixtrija li jiksbu medja ta' mill-inqas 40 % tal-iffrankar smat tal-enerġija primarja. Il-miżura ta' espansjoni tkopri s-sejħa "Programa de Apoio a Edifícios mais Sustentáveis 2023 — PAE + S 2023".<br><br>30 MW/MWp ta' kapaċità ta' produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli installata.   |
| 21.6              | RP-21-i04-RAM                   | T                 | Rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika fil-bini tal-amministrazzjoni pubblika jew reġjonali           |  | m <sup>2</sup>                       | 0          | 99 000 | Q2  | 2026 | Żona rinnovata. Ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għandhom jiksbu, bħala medja, mill-inqas 30 % tat-tnaqqis smat tal-enerġija primarja. 540 kW/kWp ta' kapaċità ta' produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli installata.  |
| 21.7              | RP-C21-r43                      | M                 | Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni li tistabbilixxi l-Osservatorju Nazzjonali tal-Faqar Enerġetiku (ONPE) | Dispożizzjoni fl-att leġiżlattivi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni |                                      |            |        | Q3  | 2023 | Id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni li tistabbilixxi l-Osservatorju Nazzjonali tal-Faqar Enerġetiku (ONPE, National Energy Poverty Observatory), inkluża d-definizzjoni tal-governanza, ir-responsabbiltajiet (pereżempju s-supervizzjoni u l-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Faqar Enerġetiku fit-Tul (ELPPE, Long-Term Energy Poverty Strategy), il-koordinazzjoni tal-aspetti ta' politika relatati mal-faqar enerġetiku tal-NECP u l-Pjanijiet Soċjali għall-Klima, l-identifikazzjoni u l-monitoraġġ tal-unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku, u l-proposta ta' strumenti finanzjarji biex jiġu appoġġati miżuri ta' effiċjenza enerġetika għal unitajiet domestiċi vulnerabbli) u l-iskopijiet. |
| 21.8              | RP-C21-r43                      | M                 | Strument ta' finanzjament biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku                                     | Dħul fis-seħħ ta' att (i) legali jew deċiżjoni                                 |                                      |            |        | Q1  | 2025 | Id-dħul fis-seħħ tal-att legali li jstabbilixxi strument ta' finanzjament ta' strument għal miżuri ta' effiċjenza enerġetika fis-settur residenzjali biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku.   |
| 21.9              | RP-C21-r44                      | M                 | Firma tal-protokoll ta' kooperazzjoni  | Firma tal-protokoll ta' kooperazzjoni  |                                      |            |        | Q4  | 2023 | L-iffirmar tal-protokoll ta' kooperazzjoni bejn Agência para a Energia (ADENE), Associação Nacional de Freguesias (Anafre) u r-Rede Nacional de Agências de Energia (RNAE), Associação Nacional de Municípios (ANMP) u l-Confederação Nacional de Instituições de  |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investment) | L-ghanqas/ Tal-UE | L-isem   | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)   | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira  |
|-------------------|---------------------------------|-------------------|--|--|--------------------------------------|------------|------|---|------|---|
|                   |                                 |                   |  |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |   |
|                   |                                 |                   |  |  |                                      |            |      |   |      | Solidariedade (CNIS) għall-ħolqien tal-Espaços <i>Cidadão Energia</i> , u l-ispeċifikazzjoni tal-kompiti, il-governanza u l-istruttura ta' finanzjament tagħhom.  |
| 21.10             | RP-C21-r44                      | T                 | Azzjonijiet li jibnu l-kapaċità  |  | Għadd                                | 0          | 300  | Q4  | 2024 | 300 ċertifikati ta' parteċipazzjoni maħruġa għall-kors ta' taħriġ tekniku għall-ispazji tal-enerġija taċ-ċittadini -- <i>Espaço Energia</i> .   |
| 21.11             | RP-C21-r44                      | M                 | Espaços <i>Cidadão Energia</i>   | Sit web li juri l-Espaços <i>Cidadão Energia</i> disponibbli                               |                                      |            |      | Q1  | 2025 | Sit web disponibbli b'mill-inqas 50 <i>Espaços Cidadão Energia</i> fiżiċi li joffru firxa ta' servizzi għaċ-ċittadini (pereżempju appoġġ tekniku liċ-ċittadini fl-identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tad-djar).   |
| 21.12             | RP-C21-i05                      | M                 | Firma tat-termini ta' aċċettazzjoni għall-implimentazzjoni ta' proġetti industrijali | L-iffirmar tat-termini ta' aċċettazzjoni għall-implimentazzjoni ta' proġetti industrijali. |                                      |            |      | Q2  | 2024 | It-tieni TRIMESTRU TAT-2 It-termini ta' aċċettazzjoni għandhom jiġu ffirmati għall-implimentazzjoni ta' proġetti industrijali, li għandhom jintgħażlu permezz ta' sejħiet kompetittivi, relatati ma' teknoloġiji strateġiċi għat-tranżizzjoni klimatika, kif speċifikat fid-deskrizzjoni tal-miżura.<br>It-termini ta' aċċettazzjoni għandhom jiżguraw il-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) tat-tranżazzjonijiet appoġġati skont din il-miżura permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni, u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. |
| 21.13             | RP-C21-i05                      | T                 | Mill-inqas 5 proġett industrijali f'teknoloġiji għat-tranżizzjoni klimatika          |  | Għadd                                | 0          | 5    | Q2  | 2026 | Rapporti finali mill-benefiċjarji vvalidati mill-awtoritajiet għal mill-inqas ħames proġetti tat-teknoloġija industrijali relatati ma' teknoloġiji għat-tranżizzjoni klimatika.   |
| 21.14             | RP-C21-r45                      | M                 | Programm ta' Ħiliet u Impjiegi Ekoloġiċi &   | Dħul fis-seħħ tal-Ordni tal-Gvern  |                                      |            |      | Q4  | 2024 | Id-dħul fis-seħħ tal-Ordni tal-Gvern li tistabbilixxi l-programm Ħiliet u Impjiegi Ekoloġiċi.   |
| 21.15             | RP-C21-r45                      | M                 | Ċentru ta' Taħriġ għat-Tranżizzjoni tal-Enerġija                                     | Dħul fis-seħħ tal-Ordni tal-Gvern  |                                      |            |      | Q2  | 2025 | Id-dħul fis-seħħ tal-Ordni tal-Gvern li tistabbilixxi ċ-Ċentru ta' Taħriġ għat-Tranżizzjoni tal-Enerġija.   |
| 21.16             | RP-C21-r46                      | M                 | Dħul fis-seħħ ta' att amministrattiv jew legali dwar l-idroġenu rinnovabbli          | Dispożizzjoni fl-att amministrattiv jew legali li tindika d-dħul fis-seħħ tiegħu           |                                      |            |      | Q3  | 2023 | Id-dħul fis-seħħ ta' att amministrattiv jew legali dwar l-idroġenu rinnovabbli li jspeċifika li huma biss l-installazzjonijiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti inklużi fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u l-atti delegati tagħha (2018/2001/UE) li għandhom jitqiesu bħala installazzjonijiet tal-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli.  |
| 21.17             | RP-C21-r46                      | M                 | Dħul fis-seħħ tal-qafas legali għall-gassijiet rinnovabbli                           | Dispożizzjoni fl-atti legali li  |                                      |            |      | Q2  | 2024 | Id-dħul fis-seħħ tal-qafas regolatorju għall-idroġenu rinnovabbli li jspeċifika l-kriterji għall-injezzjoni tal-idroġenu rinnovabbli fin-network tal-gass.  |

| Numru sekwenzjali | Miżura (Riforma jew Investment) | L-ghanqas/ Tal-UE | L-isem   | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)   | Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri) |            |      | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija |      | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira   |
|-------------------|---------------------------------|-------------------|--|--|--------------------------------------|------------|------|---|------|--|
|                   |                                 |                   |  |  | Unità ta' kejl                       | Linja bażi | Għan | Q   | Snin |  |
|                   |                                 |                   |  | tindika d-dħul fis-seħħ  |                                      |            |      |   |      |  |
| 21.18             | RP-C21-r47                      | M                 | It-tnedija tal-ewwel irkant ta' xiri ċentralizzat ta' bijometan sostenibbli                              | It-tnedija tal-ewwel irkant ta' xiri ċentralizzat ta' bijometan sostenibbli                  |                                      |            |      | Q3  | 2023 | It-tnedija tal-ewwel irkant ta' xiri ċentralizzat ta' bijometan sostenibbli, skont ir-regoli stabbiliti fl-Ordni tal-Gvern 15/2023 tal-4 ta' Jannar, bl-għan li jinxtraw 150 GWh/sena ta' bijometan għall-injezzjoni fil-grilja tal-gass nazzjonali.   |
| 21.19             | RP-C21-r47                      | M                 | Adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Bijometan   | Adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Bijometan   |                                      |            |      | Q1  | 2024 | L-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Bijometan, li għandu jstabbilixxi strateġija għall-iżvilupp tas-suq tal-bijometan.  |
| 21.20             | RP-C21-r48                      | M                 | Stabbiliment ta' EMER 2030   | Dispożizzjoni fl-att leġiżlattiv li tindika d-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv              |                                      |            |      | Q3  | 2023 | Id-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv relatat li jstabbilixxi l-EMER 2030. L-att leġiżlattiv għandu jiddefinixxi l-kompiti tal-EMER 2030: <ul style="list-style-type: none"> <li>- Li tiżgura li jintlaħqu l-oġġettivi tal-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2030 rivedut u li tħaffef l-implimentazzjoni tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli fil-Portugall;</li> <li>- Tiżviluppa manwal ta' proċeduri biex tappoġġa u tissimplifika l-proċedura ta' liċenzjar għall-awtokonsum u għall-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli;</li> <li>- L-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-Punt Uniku ta' Servizz għal-Liċenzjar u l-Monitoraġġ ta' Proġetti tal-Enerġija Rinnovabbli;</li> <li>- Li tiġi żviluppata proposta għal Programm Settorjali għal Żoni Rinnovabbli li Jmiss;</li> <li>- Li jiġi kkonsolidat il-qafas legali u regolatorju applikabbli għal-liċenzjar elettriku u ambjentali tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli u tal-ħżin.</li> </ul> |
| 21.21             | RP-C21-r48                      | M                 | Dħul fis-seħħ tar-Regolament għal-liċenzjar municiġjali ta' proġetti ta' enerġija rinnovabbli u ta' ħżin | Dispożizzjoni fir-Regolament Muniġipali li tindika d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Muniġipali |                                      |            |      | Q3  | 2023 | Pubblikazzjoni tal-Ordni tal-Gvern li tistabbilixxi r-regolament għal-liċenzjar municiġjali ta' proġetti u ħżin tal-enerġija rinnovabbli.  |
